IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2021
SWD(2021) 269 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Analiżi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta**

{COM(2021) 584 final}

# Werrej


1. Sommarju eżekuttiv ..... 4

2. Sfidi għall-irkupru u r-reżiljenza: il-kuntest ..... 7

2.1. Prospetti makroekonomiċi u żviluppi mir-rapport tal-pajjiż tal-2020 ’l hawn ..... 7

2.2. Sfidi relatati mat-tkabbir sostenibbli, il-koeżjoni, ir-reżiljenza u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss 10

Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv ..... 10

Koeżjoni soċjali u territorjali ..... 11

Reżiljenza sanitarja, ekonomika, soċjali u istituzzjonali; ..... 11

2.3. Sfidi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ..... 13

Dimensjoni ekoloġika ..... 13

Dimensjoni diġitali ..... 17

3. Objettivi, struttura u governanza tal-pjan ..... 22

3.1. Strateġija ġenerali tal-pjan ..... 22

3.2. Aspetti ta’ implimentazzjoni tal-pjan ..... 26

Konsistenza ma’ programmi oħra ..... 26

Konsistenza mal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati fl-aktar rakkomandazzjoni riċenti dwar iż-żona tal-euro ..... 28

Organizzazzjoni amministrattiva ..... 28

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà ..... 31

Proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed ..... 32

Strateġija ta’ komunikazzjoni ..... 32

Għajnuna mill-Istat ..... 33

4. Sommarju tal-valutazzjoni tal-pjan ..... 33

4.1. Rispons komprensiv u bbilanċjat b’mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ..... 33

Tranżizzjoni ekoloġika ..... 34

Trasformazzjoni diġitali ..... 35

Tkabbir smart, sostenibbli u inklużiv, inklużi l-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b’SMEs b’saħħithom ..... 35

Koeżjoni soċjali u territorjali ..... 36

Is-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bl-għan li, inter alia, tiżdied il-kapaċità ta’ tħejjija għall-kriżijiet u ta’ reazzjoni għall-kriżijiet ..... 36

Politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet ..... 37

4.2. Ir-rabta mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u mas-Semestru Ewropew ..... 38
Il-finanzi pubbliċi: politika fiskali u sostenibbiltà fit-tul ..... 38
Is-sistema tal-kura tas-saħħa: Reżiljenza u forniment tas-saħħa ..... 39
Is-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali ..... 39
Edukazzjoni u ħiliet: Eżiti, kwalità, aċċess, inklużività tat-taħriġ ..... 40
Tranżizzjoni diġitali ..... 40
Tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari produzzjoni u użu tal-enerġija b'mod nadif u effiċjenti ..... 41
Sistema tal-ġustizzja, servizz tal-prosekuzzjoni, korruzzjoni ..... 42
Ħasil tal-flus ..... 43
Ippjanar aggressiv tat-taxxa ..... 43
Rispons għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali attwali u l-impatt fuq il-potenzjal tat-tkabbir ..... 44
4.3. Il-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, ir-reżiljenza ekonomika, istituzzjonali u soċjali, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, it-taffija tal-impatt tal-kriżi, u l-koeżjoni u l-konverġenza soċjali u territorjali ..... 46
It-trawwim tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi ..... 46
It-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali ..... 50
It-tnaqqis tal-vulnerabbiltà u ż-żieda tar-reżiljenza ..... 50
Koeżjoni u konverġenza ..... 51
4.4. Il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (*Do No Significant Harm*, DNSH) ..... 53
4.5. Tranżizzjoni ekoloġika ..... 55
Mira klimatika ..... 55
Tranżizzjoni ekoloġika ..... 58
4.6. It-tranżizzjoni diġitali ..... 59
Tikkettar diġitali ..... 59
It-tranżizzjoni diġitali ..... 61
4.7. L-impatt dejjiemi tal-pjan ..... 64
Bidla strutturali fl-amministrazzjoni u fl-istituzzjonijiet ..... 64
Bidla strutturali fil-politiki ..... 65
Impatt dejjiemi ..... 66
4.8. Stadji importanti, miri, monitoraġġ u implimentazzjoni ..... 67
L-adegwatezza tal-istruttura inkarigata bl-implimentazzjoni tal-pjan, il-monitoraġġ tal-progress u r-rappurtar ..... 67
Stadji importanti, miri u indikaturi ..... 68
Arranġamenti organizzattivi ġenerali ..... 68

4.9. Kost ..... 68
Kostijiet raġonevoli ..... 69
Kostijiet plawżibbli ..... 69
L-ebda finanzjament doppju tal-UE ..... 69
Kostijiet proporzjonati u kosteffiċjenti ..... 70
4.10. Kontrolli u awditi ..... 70
Robustezza tas-sistema ta' kontroll intern u d-distribuzzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet ..... 70
Adegwatezza tas-sistemi ta' kontroll u arranġamenti rilevanti oħra ..... 71
L-adegwatezza tal-arranġamenti biex jiġi evitat il-finanzjament doppju tal-UE ..... 72
4.11. Il-Koerenza ..... 73
Miżuri li jsaħħu lil xulxin ..... 73
Kumplimentarjetà tal-miżuri ..... 73
Anness ..... 76

## 1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

**L-ekonomija Maltija ntlaqtet ħażin mill-pandemija tal-COVID-19 u marret minn rata ta' tkabbir tal-UE ogħla mill-medja ta' 5,5 % fl-2019 għal kontrazzjoni ta' 7,8 % fl-2020.** Is-settur tat-turiżmu kien partikolarment milqut, filwaqt li l-kontrazzjoni ġenerali kienet parzjalment ikkumpensata minn espansjoni kostanti tal-industriji tal-iGaming u tas-servizzi finanzjarji. Il-Gvern ħa miżuri sinifikanti biex jappoġġa l-ekonomija, li llimitaw l-effetti tal-kriżi. L-impjiegi komplew jiżdiedu fl-2020, filwaqt li l-qgħad żdied biss bi ftit (minn 3,6 % fl-2019 għal 4,3 % fl-2020). Il-baġit, li ilu f'surplus mill-2016, irreġistra defiċit ta' 10,1 % fl-2020. Id-dejn pubbliku għadu f'livell moderat minkejja li żdied minn 42,0 % tal-PDG fl-2019 għal 54,3 % fl-2020.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) ta' Malta għandu valur totali ta' EUR 344,9 miljun,** li huwa ogħla mill-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' EUR 316,4 miljun (madwar 2,3 % tal-PDG tal-2019) disponibbli għal Malta skont ir-Regolament RRF. Malta mhux qed titlob għal self.

**Minkejja tkabbir qawwi qabel il-pandemija, Malta għadha qed tiffaċċa diffikultajiet sinifikanti.** Filwaqt li ttieħdu passi biex tiżdied il-parteċipazzjoni u jitjiebu l-livelli miksuba fl-edukazzjoni u t-taħriġ, għad hemm proporzjon għoli ta' studenti b'livelli insuffiċjenti ta' ħiliet bażiċi u għadd kbir ta' studenti li jabbandunaw is-sistema skolastika qabel iż-żmien. In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu problema u żdied f'dawn l-aħħar snin, filwqt li mistenni li l-kriżi attwali taggravahom f'xi setturi u tiddefinixxihom mill-ġdid f'oħrajn. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha baxxa. Minkejja xi titjib, id-disparità bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha waħda mill-ogħla fl-UE. Is-sistema sanitarja tagħti riżultati tajbin, iżda r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tagħha jistgħu jittejbu aktar. Hemm bżonn ta' sforzi addizzjonali biex tissaħħaħ l-indipendenza u l-effettività tas-sistema ġudizzjarja, biex jittejjeb il-qafas Malti kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus u biex jitrażżnu l-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) għad għandhom rwol limitat fl-ekonomija ta' Malta, u hemm bżonn li jsiru investimenti biex titħaffef it-tranżizzjoni diġitali. Waħda mill-isfidi ewlenin ta' Malta hija li jinkiseb tkabbir ekonomiku li huwa sostenibbli għall-ambjent. Hemm bżonn isiru aktar sforzi b'mod partikolari fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, it-trasport sostenibbli u l-ġestjoni tal-iskart.

**L-investimenti u r-riformi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistennija jgħinu biex jiġi indirizzat subsett sinifikanti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż identifikati f'dawn l-aħħar snin bħala parti mis-Semestru Ewropew.** Il-pjan huwa ambizzjuż u jipprevedi riformi u investimenti biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fis-saħħa, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet, il-klima u t-tranżizzjoni diġitali, il-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus. Il-governanza tajba hija waħda mill-pilastri tal-viżjoni ekonomika fit-tul tal-gvern, u l-pjan jagħmel sforzi sinifikanti biex jirrimedja l-isfidi f'dan il-qasam. L-investiment fl-edukazzjoni huwa prijorità fil-pjan, b'miżuri rilevanti proposti biex jindirizzaw id-dgħufijiet fis-sistema edukattiva. Parti kbira mill-investimenti ppjanati tiffoka fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u b'hekk tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-investimenti f'dawn l-oqsma. L-isfidi identifikati fl-ippjanar aggressiv tat-taxxa, ir-R&I u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet huma parzjalment indirizzati. L-investimenti u r-riformi inklużi fil-pjan għall-

irkupru u r-reżiljenza jidhru wkoll konsistenti mal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

**Il-pjan huwa bbilanċjat fit-tweġiba tiegħu għas-sitt pilastri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament RRF**[1]**.** L-ewwel tlieta mis-sitt komponenti huma direttament relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. L-erba' pilastri ta' politika li jifdal huma indirizzati fil-komponenti l-oħra permezz ta' miżuri biex: (i) tissaħħaħ u tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa; (ii) jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mis-sistema skolastika u titjieb is-sistema tal-edukazzjoni u tal-edukazzjoni vokazzjonali; (iii) jiġu implimentati miżuri biex jappoġġaw l-innovazzjoni; (iv) jittieħdu miżuri ta' diġitalizzazzjoni biex tiżdied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi s-sistemi tas-saħħa u tal-ġustizzja; u (v) jiġu indirizzati l-ostakli istituzzjonali permezz ta' riformi ta' governanza.

**L-investimenti u r-riformi inklużi fil-pjan mistennija li jsaħħu l-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, ir-reżiljenza u l-koeżjoni.** It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali, ir-riformi tas-sistema edukattiva u l-isforzi tad-diġitalizzazzjoni b'mod partikolari mistennija li jagħtu spinta lill-potenzjal tat-tkabbir. Mistenni li jkun hemm benefiċċji ulterjuri għat-tkabbir u l-impjiegi mill-investimenti u r-riformi biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika, jiġi dekarbonizzat it-trasport, titjieb is-sistema tas-saħħa u jissaħħu r-R&I. Ir-reżiljenza istituzzjonali hija indirizzata b'riformi u investimenti biex isaħħu s-sistema ġudizzjarja kif ukoll il-kapaċità kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus. Il-miżuri fis-saħħa, l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol mistennija li jgħinu biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

**Hu mistenni li l-miżuri fil-pjan ta' rkupru u ta' reżiljenza ta' Malta jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-protezzjoni ambjentali.** Il-pjan jappoġġa l-objettivi ta' Malta għad-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni tal-enerġija, kif stabbilit fil-pjan nazzjonali tagħha dwar l-enerġija u l-klima għall-2030, u huwa pass 'il quddiem biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Tnejn mis-sitt komponenti fil-pjan jinkludu n-nefqa li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima, li jammontaw għal 53,8 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan. Dawn jirriflettu prinċipalment l-investimenti fi trasport sostenibbli (sit ta' rmiġġ għal-laneċ, vetturi elettriċi) u interventi fl-effiċjenza enerġetika fil-bini. Sa ċertu punt, il-pjan jinkludi wkoll investimenti fl-enerġija rinnovabbli. Ir-riformi fil-ġestjoni tal-iskart għandhom l-għan li jsaħħu l-ekonomija ċirkolari. Il-pjan ma fih l-ebda miżura li għandha l-bijodiversità bħala l-objettiv tagħha, għalkemm it-tnaqqis fl-emissjonijiet tat-tniġġis li jirriżultaw mir-rinnovazzjonijiet tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport kif ukoll it-tisħiħ ippjanat tal-ġestjoni tal-iskart jistgħu indirettament itejbu l-bijodiversità. Il-miżuri kollha fil-pjan għaddew mill-valutazzjoni *ex ante* tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Barra minn hekk, għal xi miżuri dan il-prinċipju ġie rifless fl-istadji

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

importanti u fil-miri speċifikati fl-Anness tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta mistenni li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali.** Il-miżuri li jappoġġjaw l-objettivi diġitali jirrappreżentaw 25,5 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan. Il-komponent 3 huwa kompletament ddedikat għat-tranżizzjoni diġitali u għandu l-għan li jinvesti f'aktar diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi, kif ukoll li jsaħħaħ l-inizjattivi relatati mad-diġitalizzazzjoni tas-settur privat. Il-komponenti 4 u 6 jindirizzaw ukoll dan l-objettiv billi jagħtu spinta lid-diġitalizzazzjoni tas-sistemi sanitarji u ġudizzjarji.

**Ir-riformi u l-investimenti proposti mistennija li jkollhom impatt pożittiv u dejjiemi fuq il-funzjonament tal-istituzzjonijiet, l-amministrazzjoni pubblika u l-politiki.** It-tibdil istituzzjonali biex jissaħħu l-indipendenza u l-effettività tas-sistema ġudizzjarja kif ukoll il-qafas kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus mistenni li jkollu benefiċċji dejjiema fuq kif jiffunzjonaw l-istituzzjonijiet tal-pajjiż. Id-diġitalizzazzjoni mistennija ttejjeb l-aċċess tan-negozji u tal-individwi għas-servizzi tal-gvern kif ukoll l-effiċjenza ta' dawn is-servizzi. Il-forniment tal-kura tas-saħħa jissaħħaħ permezz ta' investimenti u servizz usa' u aktar diġitalizzat. Il-bidliet fil-politika mistennija wkoll li jġibu benefiċċji dejjiema, inkluż tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, titjib fil-kwalità tal-arja, tnaqqis fit-tniġġis akustiku, bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u titjib fl-aċċess, il-kwalità u r-reżiljenza tas-servizzi edukattivi, li jnaqqsu d-distakk bejn dak li tforni l-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

**Il-qafas ta' implimentazzjoni huwa robust, u l-istadji importanti kif ukoll il-miri huma ppjanatitajjeb.** Il-Ministeru responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE huwa l-awtorità ewlenija għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta. F'dan il-Ministeru, id-Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet, li hija wkoll l-Awtorità Maniġerjali għal fondi oħra tal-UE, ingħatat il-kompitu li tmexxi l-proċess. Il-pjan jipprevedi wkoll kooperazzjoni mill-qrib mal-Ministeru tal-Finanzi u l-Impjiegi, li jmexxi l-proċess tas-Semestru Ewropew. L-istadji importanti u l-miri huma xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan, u jirrappreżentaw l-elementi ewlenin tal-investimenti u r-riformi proposti.

**Il-pjan jipprovdi informazzjoni dettaljata biżżejjed dwar l-istruttura nazzjonali għas-sistema ta' kontroll intern tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll fis-seħħ tidher xierqa, u ġew identifikati l-atturi rilevanti fil-livelli kollha. Il-verifiki tal-ġestjoni fil-livell tal-pjan ġew definiti b'mod ċar. Il-pjan jinkludi elementi ewlenin dwar ix-xogħol tal-awditjar tal-korp tal-awditjar u impenn biex titħejja strateġija tal-awditjar fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tal-pjan. Il-pjan jikkonferma li l-investimenti kollha se jiġu ffinanzjati biss mill-RRF. Dan huwa msaħħaħ aktar minn strutturi stabbiliti fil-livell nazzjonali biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-finanzjament u biex jiġi evitat finanzjament doppju.

**Malta pprovdiet stima tal-ispejjeż għal kull investiment inkluż fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li l-ebda spiża ma kienet assoċjata mar-riformi.** It-tqassim tal-ispejjeż huwa ġeneralment dettaljat u sostanzjat sew. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-ispejjeż u d-dokumenti ta' sostenn turi li l-maġġoranza l-kbira tal-ispejjeż huma raġonevoli u plawżibbli. L-istimi tal-

ispejjeż huma bbażati fuq kalkoli komprensivi ddokumentati sew u suppożizzjonijiet sottostanti sodi. Barra minn hekk, l-ispiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija konformi man-natura u t-tip ta' investimenti previsti. Madankollu, f'xi każijiet limitati, kien hemm bżonn ta' aktar evidenza ta' sostenn u ġustifikazzjoni aktar ċara għas-suppożizzjonijiet li saru biex il-valutazzjoni tkun kompletament pożittiva. L-ispiża totali stmata tal-pjan hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali mistenni tiegħu u hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza.

**Il-pjan Malti jinkludi sett ta' miżuri konsistenti, koerenti u li jsaħħu lil xulxin li huma proporzjonati mal-għanijiet ġenerali ta' żvilupp fit-tul.** Ir-riformi li jsaħħu l-qafas regolatorju fis-settur tal-bini u jiggarantixxu forza tax-xogħol imħejjija tajjeb jappoġġaw ir-rinnovazzjoni ppjanata ta' għadd ta' binjiet fis-settur privat u pubbliku, l-iskejjel pubbliċi u l-isptarijiet. Il-politiki li jippromwovu s-sostenibbiltà tas-settur tat-trasport isaħħu l-isforzi tal-gvern għal bidla modali lejn trasport pubbliku nadif flimkien mal-elettrifikazzjoni ta' parti mill-flotta tal-karozzi tal-linja. Fil-komponenti kollha, l-inizjattivi meħuda biex jissaħħu s-servizzi diġitali tal-gvern huma kkomplementati mid-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja. Barra minn hekk, l-akkwist tal-ħiliet u t-titjib tal-ħiliet huma previsti permezz ta' komponenti differenti, li jsostnu u jikkomplementaw lil xulxin. Ma ġie osservat l-ebda każ fejn il-miżuri proposti fil-komponenti jew bejniethom jikkontradixxu jew jimminaw l-effettività ta' xulxin.

| (1) Rispons bilanċjat | (2) CSRs | (3) Tkabbir, impjiegi... | (4) DNSH | (5) Mira ekoloġika | (6) Mira diġitali | (7) Impatt dejjiemi | (8) M & T | (9) Spejjez | (10) Sistemi ta' Kontroll | (11) Koerenza |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | A | A | A | A | A | A | A | B | A | A |

## 2. SFIDI GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA: IL-KUNTEST

### 2.1. Prospetti makroekonomiċi u żviluppi mir-rapport tal-pajjiż tal-2020 'l hawn

**L-ekonomija Maltija marret minn tkabbir ta' 5,3 % fl-2019 għal kontrazzjoni ta' 7,8 % fl-2020.** Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt ħażin fuq is-settur tat-turiżmu ta' Malta[2], filwaqt li l-kontrazzjoni ġenerali tal-ekonomija kienet parzjalment ikkumpensata minn espansjoni kostanti fl-industriji tal-iGaming u tas-servizzi finanzjarji. L-investiment naqas l-aktar minħabba

[2]It-total tas-settur tat-turiżmu Malti huwa responsabbli għal madwar 20 % tal-impjiegi nazzjonali totali (pubblikazzjoni tal-JRC "Behavioural changes in tourism in times of Covid-19"). Fl-2020, il-wasliet naqsu b'65 % (Eurostat).

tnaqqis kbir fil-kostruzzjoni, filwaqt li l-konsum privat naqas minħabba kontrazzjonijiet fis-setturi tal-bejgħ bl-imnut, tal-akkomodazzjoni u tal-ikel. L-inflazzjoni laħqet il-medja ta' 0,8 % fl-2020, l-aktar minħabba prezzijiet baxxi tal-enerġija u inflazzjoni aktar baxxa fis-servizzi.

**Ittieħdu miżuri sinifikanti biex jappoġġaw l-ekonomija[3].** Il-pakkett ta' stimolu Malti kien jammonta għal 5,2 % tal-PDG fl-2020, inklużi supplimenti tal-pagi, rifużjonijiet fuq il-kontijiet tal-kera u tal-elettriku, u sussidji fuq ir-rati tal-imgħax fuq self mill-banek. Il-miżuri ta' likwidità (jiġifieri garanziji u differimenti tat-taxxa), li ma għandhom l-ebda impatt immedjat fuq id-defiċit, kienu jammontaw għal 3,9 % tal-PDG. Il-baġit, li ilu f'surplus mill-2016, irreġistra defiċit ta' 10,1 % fl-2020 (It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni). Id-dejn żdied minn 42,0 % tal-PDG fl-2019 għal 54,3 % fl-2020. Il-miżuri ta' emerġenza, flimkien mas-sistema ta' benefiċċji tat-taxxa li kienet teżisti qabel, taffew madwar żewġ terzi tat-telf tad-dħul tas-suq tal-unitajiet domestiċi f'Malta, b'aktar minn nofs l-effett dovut għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar[4]. L-impjiegi komplew jiżdiedu fl-2020, u ċ-ċifri tal-qgħad żdiedu biss bi ftit minn 3,6 % fl-2019 għal 4,3 % fl-2020.

**Is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi li jirfdu l-pjan ta' rkupru u reżiljenz a ta' Malta huma plawżibbli u jipproġettaw irkupru mdaqqas fit-tkabbir ekonomiku fl-2021.** Skont il-projezzjonijiet nazzjonali, hu mistenni li l-PDG reali jiżdied bi 3,8 % fl-2021, biex imbagħad iżid il-pass għal 6,8 % fl-2022. It-tbassir nazzjonali jipprevedi li l-inflazzjoni togħla sa 1,3 % fl-2021 u 1,5 % fl-2022. Ir-rata tal-qgħad ipproġettata fil-pjan mistennija li tibqa' 4,3 % fl-2021, u tonqos għal 3,9 % fl-2022. Skont il-previżjoni tal-Kummissjoni tas-sajf tal-2021, il-PDG reali huwa mbassar li jikber b'5,6 % fl-2021 u 5,8 % fl-2022. Il-Kummissjoni tistenna tkabbir aktar moderat fl-investiment u rkupru aktar dinamiku fil-konsum privat fl-2021. Simili għall-projezzjonijiet nazzjonali, it-tbassir tas-sajf tal-Kummissjoni jipprevedi li l-inflazzjoni tkun ta' 1,1 % fl-2021, u tiżdied għal 1,6 % fl-2022. Barra minn hekk, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni, ir-rata tal-qgħad mistennija li tkun 4,4 % fl-2021, u tonqos għal 3,8 % fl-2022. Minħabba l-appoġġ baġitarju kontinwu, it-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni jipprevedi li d-defiċit u d-dejn tal-gvern ikomplu jiżdiedu fl-2021, għal 11,8 % u 64,7 % rispettivament. Il-perspettiva makroekonomika u fiskali qed tkompli tkun milquta minn inċertezza għolja li hi relatata mal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħha.

**Wara titjib qawwi, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kien qed jistabbilizza f'dawn l-aħħar snin, iżda xi gruppi tħallew vulnerabbli għall-pandemija**. It-tkabbir

---

[3] Parzjalment iffinanzjat minn SURE u REACT-EU.

[4] Konstatazzjonijiet ibbażati fuq il-mudell Euromod: ara Christl, M., De Poli, S., Figari, F., Hufkens, T., Leventi, C., Papini, A. u Tumino, A. (2021) "The cushioning effect of fiscal policy in the EU during the COVID-19 pandemic", Dokumenti ta' Ħidma tal-JRC dwar it-Tassazzjoni u r-Riformi Strutturali, 02/2021 (għadhom mhux ippubblikati); u Almeida, V., Barrios, S., Christl, M., De Poli, S., Tumino, A., Van der Wielen, W. (2020): "Households' income and the cushioning effect of fiscal policy measures during the Great Lockdown", Dokument ta' Ħidma tal-JRC dwar it-Tassazzjoni u r-Riformi Strutturali, 06/2020, disponibbli hawn https://ec.europa.eu/jrc/sites/jrcsh/files/jrc121598.pdf.

ekonomiku qawwi u l-ħolqien tal-impjiegi għenu biex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali f'dawn l-aħħar snin għal 20,1 % fl-2019 (meta mqabbel ma' 20,9 % fl-UE). Madankollu, dan ir-riskju għadu għoli għal xi gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni, bħall-familji b'paga waħda, adulti b'livell baxx ta' ħiliet, l-anzjani, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi mhux mill-UE. Peress li dawn huma wkoll il-gruppi li huma aktar vulnerabbli għall-impatt ekonomiku negattiv tal-pandemija, l-inugwaljanzi u r-riskji tal-faqar jistgħu jkomplu jiġu aggravati bit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. L-għadd kbir ta' studenti li jabbandunaw is-sistema skolastika qabel iż-żmien (16,7 % fl-2020) u l-eżiti skolastiċi ħżiena, li fil-biċċa l-kbira huma determinati mit-tip ta' skola li jattendi student, jillimitaw ukoll l-opportunitajiet indaqs. Qabel il-pandemija tal-COVID-19, in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet kien żdied u s-suq tax-xogħol kien jiddependi ħafna fuq ħaddiema barranin, li jirrappreżentaw kważi kwart tal-forza tax-xogħol Maltija. Il-pandemija tal-COVID-19 tista' taggrava n-nuqqas ta' ħiliet f'xi setturi u tiddefinixxi mill-ġdid il-ħtiġijiet ta' ħiliet f'oħrajn.

**Il-pożizzjoni fiskali tista' tiddgħajjef fit-terminu medju permezz tal-kompożizzjoni tad-dħul tal-gvern u ż-żieda fl-ispejjeż marbutin mat-tixjiħ fuq medda twila ta' żmien.** Għal bosta snin qabel il-kriżi tal-COVID-19, l-ekonomija Maltija kienet għaddiet minn tkabbir rapidu, tkabbir sostnut fl-impjiegi u tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn għall-PDG. Madankollu, id-dħul mit-taxxa ta' Malta jiddependi ħafna fuq it-taxxi korporattivi. Dan jista' jkun volatili minħabba l-ekonomija li qed tbatti u l-inizjattivi internazzjonali fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva (pereż. sforzi biex tiġi introdotta rata minima tat-taxxa korporattiva skont il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u l-Kondiviżjoni tal-Profitti), li jista' jagħmel ir-reġim tat-taxxa ta' Malta inqas attraenti għall-investituri. Ir-riżultati fiskali pożittivi f'dawn l-aħħar snin kellhom ukoll sostenn minn dħul volatili mill-iskema taċ-ċittadinanza ta' Malta[5], li l-legalità tagħha qed tiġi kkontestata mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra ta' intimazzjoni lil Malta f'Ġunju 2021, fejn esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-iskema riveduta taċ-ċittadinanza stabbilita fi tmiem l-2020. Taxxi aktar stabbli u favorevoli għat-tkabbir bħat-tassazzjoni rikorrenti fuq il-proprjetà u t-taxxi ambjentali ma jintużawx biżżejjed. Ir-riskji għas-sostenibbiltà huma baxxi fit-terminu qasir u medju, iżda l-indikatur tad-distakk tas-sostenibbiltà S2[6] (5,6 % tal-PDG) jissuġġerixxi riskji medji għas-sostenibbiltà fiskali. Dan huwa xprunat minn żieda mbassra fin-nefqa tat-tixjiħ ta' 8 % tal-PDG sal-2070 minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-pensjonijiet pubbliċi (3,8 % tal-PDG) u n-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul (4,5 % tal-PDG), għalkemm minn livell baxx ħafna. Il-perspettiva makroekonomika u fiskali qed tkompli tkun milquta minn inċertezza għolja li hi relatata mal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħha.

[5]Fit-3 ta' Lulju 2020, ġew ippubblikati emendi fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija fil-gazzetta tal-gvern. Din ħabbret li l-iskema taċ-ċittadinanza (IIP) mhux se tibqa' teżisti, anki jekk il-limitu ta' 1,800 applikazzjoni ma jintlaħaqx sa dak iż-żmien. L-iskema ġiet sostitwita bi pjan ta' residenza li jista' jwassal għaċ-ċittadinanza.

[6]L-indikatur S2 juri l-aġġustament meħtieġ għall-bilanċ primarju strutturali attwali biex tiġi ssodisfata r-restrizzjoni intertemporali tal-baġit b'perjodu infinit, inkluż il-ħlas għan-nefqa addizzjonali li tirriżulta mit-tixjiħ demografiku.

**Tabella 1: Paragun tal-iżviluppi u t-tbassir makroekonomiku**

| | 2019 | 2020 | | 2021 | | 2022 | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | COM | COM | RRP | COM | RRP | COM | RRP | RRP | RRP | RRP | RRP |
| Real GDP (% change) | 5.5 | -7.8 | -7.0 | 5.6* | 3.8 | 5.8* | 6.8 | | | | |
| Employment (% change) | 6.6 | 2.9 | 4.1 | 1.1 | 2.2 | 1.9 | 3.5 | | | | |
| Unemployment rate (%) | 3.6 | 4.3 | 4.3 | 4.3 | 4.3 | 3.8 | 3.9 | | | | |
| HICP inflation (% change) | 1.5 | 0.8 | 0.8 | 1.1* | 1.3 | 1.6* | 1.5 | | | | |
| General government balance (% of GDP) | 0.4 | -10.1 | | -11.8 | | -5.5 | | | | | |
| Gross debt ratio (% of GDP) | 42.0 | 54.3 | | 64.7 | | 65.5 | | | | | |

*Source: Commission's Summer interim Forecast (2021) (COM*), Commission's Spring Forecast (2021) (COM), Malta's Recovery and resilience plan (RRP)*

## 2.2. Sfidi relatati mat-tkabbir sostenibbli, il-koeżjoni, ir-reżiljenza u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss

*Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv*

**L-ambjent tan-negozju Malti tjieb f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), iżda l-lakuni fl-aċċess għall-finanzjament qed ikomplu jillimitaw il-prospetti ta' tkabbir.** Filwaqt li l-iskema ta' garanzija fuq is-self introdotta matul il-pandemija tal-COVID-19 tgħin biex jittaffew ir-restrizzjonijiet immedjati tal-likwidità, is-swieq kapitali għadhom sottożviluppati. Hemm bżonn li jisru aktar sforzi biex tiżdied id-disponibbiltà ta' finanzjament mhux bankarju u biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet fl-aċċess għall-kreditu.

**Ir-R&I għad għandhom rwol limitat fl-ekonomija ta' Malta**[7]. Is-sistema Maltija tar-R&I għadha mhix iffinanzjata biżżejjed, u n-nefqa pubblika u privata tar-riċerka u l-innovazzjoni kellha rati mingħajr tkabbir jew tkabbir kajman fl-2010-2019[8]. Il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva dgħajfa għall-politika tar-R&I parzjalment tirrappreżenta l-effettività limitata tal-

[7] Madankollu, intwera li l-innovazzjoni kellha rwol ewlieni matul il-perjodu ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Il-kumpaniji Maltin li baqgħu innovattivi fl-2020 kienu ferm inqas affettwati mill-pandemija tal-COVID-19, u naqqsu kważi bin-nofs it-tnaqqis fid-dħul tagħhom meta mqabbel ma' ditti mhux innovattivi (JRC125490).

[8] Bejn l-2010 u l-2019, ir-rati annwali ta' tkabbir kompost għan-nefqa pubblika u privata tar-riċerka u l-iżvilupp kienu ta' 0 % u 0,7 % rispettivament (Eurostat).

politiki u tal-investiment fir-R&Ż ta' Malta. F'Diċembru 2020 il-Gvern waqqaf il-Ministeru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Koordinazzjoni tal-Istrateġija ta' wara l-Covid-19, pass pożittiv lejn it-titjib tal-governanza tar-R&I. Il-kooperazzjoni dgħajfa bejn id-dinja akkademika u l-impriżi, id-disponibbiltà limitata ta' riċerkaturi, ta' talent u l-kapaċitajiet limitati tal-SMEs għar-R&I ifixklu d-diffużjoni tal-innovazzjoni u l-progress ta' rkuprar teknoloġiku.

**Malta nediet għadd ta' attivitajiet biex tippromwovi l-ħiliet diġitali fost il-popolazzjoni, timmappja l-ħtiġijiet u tħarreġ l-ispeċjalisti tal-ICT.** Inizjattivi reċenti kienu mmirati wkoll lejn kwistjonijiet ta' konnettività (inkluż il-5G). In-nuqqas ta' ħiliet diġitali qed iżomm lura d-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji. Malta tinsab fi stadju avvanzat rigward il-gvern elettroniku (e-Gvern) u s-saħħa elettronika (e-Saħħa), iżda l-adozzjoni min-naħa tal-popolazzjoni hija pjuttost baxxa. It-taħriġ, speċjalment għall-familji bi dħul baxx, huwa ta' importanza partikolari hawnhekk.

*Koeżjoni soċjali u territorjali*

**Wara snin ta' tibdil pożittiv, is-sitwazzjoni soċjali bdiet tmur għall-agħar fl-2019.** Is-sehem tal-persuni fir-riskju ta' faqar jew l-esklużjoni soċjali (20,1 %) kien għadu kemxejn taħt il-medja tal-UE (20,9 %) fl-2019, iżda beda jiżdied wara snin ta' tnaqqis. Barra minn hekk, l-impatt ta' tnaqqis tal-faqar li għandhom it-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet), b'26,3 %, għadu sostanzjalment inqas mill-medja tal-UE (32,4 %) u rreġistra wkoll tnaqqis fl-2019.

**Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha baxxa.** Minkejja xi titjib, id-disparità bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha waħda mill-ogħla fl-UE (17,7 % fl-2020, il-medja tal-UE: 11,1 %). Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għadu ta' tħassib f'Malta, ir-rata ta' impjieg tan-nisa għadha tonqos wara l-età ta' 40 sena u s-sehem tan-nisa inattivi minħabba responsabbiltajiet ta' kura huwa għoli. Fir-rigward tad-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri, filwaqt li tjiebet f'dawn l-aħħar snin, din tibqa' waħda mill-ogħla fl-UE b'39,5 % fl-2019.

*Reżiljenza sanitarja, ekonomika, soċjali u istituzzjonali;*

**Is-sistema sanitarja tagħti riżultati tajbin, iżda r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tagħha jistgħu jittejbu aktar.** Il-popolazzjoni ta' Malta ġeneralment tgawdi minn saħħa tajba u għandha waħda mill-itwal stennija tal-għomor fl-UE. Fl-2020, bħala riżultat tal-COVID-19, l-istennija tal-għomor mat-twelid naqset minn 82,9 sena għal 82,6 sena (tnaqqis ta' inqas minn 4 xhur, apparagun ta' tnaqqis medju ta' aktar minn 9 xhur fl-Istati Membri kollha tal-UE). Il-ħtieġa mhux issodisfata għall-kura medika hija baxxa, iżda l-familji bi dħul baxx jirrapportaw livelli ħafna ogħla mill-bqija tal-popolazzjoni. L-obeżità hija sfida kbira għas-saħħa pubblika, bl-ogħla rati ta' obeżità fost l-adulti u fit-tfulija fl-UE. Fl-2018, Malta nefqet 9,0 % tal-PDG tagħha fuq is-saħħa, kemxejn taħt il-medja tal-UE ta' 9,9 %. Madankollu, sehem relattivament kbir tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa jġarrbuh il-familji bħala spejjeż mill-but. Fl-istess ħin, it-tixjiħ demografiku jagħmel pressjoni fuq is-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistema tas-saħħa. Malta qed tinvesti fil-promozzjoni u l-prevenzjoni tas-saħħa, l-iżvilupp ta' kapaċità addizzjonali tal-kura primarja u l-introduzzjoni ta' sistema tas-saħħa elettronika. Ir-ridirezzjonar ulterjuri tal-forniment tas-servizzi lil hinn mill-isptarijiet lejn il-kura primarja jista' jgħin biex titjieb l-effiċjenza u jitnaqqas l-infiq pubbliku. Ir-reżiljenza se jkollha tiġi appoġġata aktar billi jiġu indirizzati xi kwistjonijiet li ilhom

jeżistu, inkluż ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' professjonisti tas-saħħa (fl-isfond ta' dipendenza għolja fuq ħaddiema barranin, b'mod partikolari fost l-infermiera) u listi ta' stennija twal għal servizzi speċjalizzati ta' pazjenti ambulatorji.

**L-isforzi biex jittejjeb il-qafas regolatorju u superviżorju kontra l-ħasil tal-flus għadhom għaddejjin, iżda għad fadal ċerti diffikultajiet.** L-awtorità tas-servizzi finanzjarji bdiet iżżid il-livelli tal-persunal biex tappoġġa r-rwol superviżorju tagħha, bdiet tagħmel rieżami tal-istruttura u s-sorveljanza tagħha kontra l-ħasil tal-flus kif ukoll tas-setgħat tagħha ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni f'dak il-qasam. Diversi riformi reċenti għandhom l-għan li jsaħħu l-awtoritajiet tal-infurzar tal-istat tad-dritt fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u r-reati finanzjarji b'mod aktar ġenerali. L-indirizzar tat-tħassib relatat mal-ħasil tal-flus se jkun kruċjali biex jiġi evitat li l-kriminali jużaw ħażin l-ekonomija tal-UE matul l-irkupru u se jkollu impatt fuq il-kapaċità tal-pajjiż li jżomm servizzi finanzjarji essenzjali, itejjeb ir-reputazzjoni internazzjonali tiegħu u jżomm il-fiduċja tal-investituri.

**Hemm bżonn jittieħdu passi ulterjuri biex jiġu indirizzati l-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.** Il-kwistjoni ta' pagamenti 'l barra ta' dividendi, imgħax u royalties (jiġifieri pagamenti li joħorġu mill-UE lejn pajjiżi u ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE) teħtieġ attenzjoni peress li dawn jistgħu jdgħajfu l-bażi tat-taxxa tal-UE permezz ta' ammonti sinifikanti ta' pagamenti li jsiru lil pajjiżi oħra fejn il-kontribwenti riċevituri huma soġġetti għal tassazzjoni korporattiva baxxa ħafna jew għall-ebda tassazzjoni korporattiva. L-iskemi taċ-ċittadinanza u tar-residenza jkomplu joħolqu wkoll riskju serju ta' evażjoni tat-taxxa u jeħtieġ li jiġu indirizzati.

**Għad hemm lok għal aktar progress fl-implimentazzjoni tar-riformi biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura.** Fid-29 ta' Lulju 2020, il-Parlament Malti adotta erba' liġijiet relatati mar-riformi tal-ġustizzja, jiġifieri att ġdid dwar il-ħatra ta' mħallfin u maġistrati, att dwar it-tneħħija mill-kariga ta' mħallfin u maġistrati, att dwar l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet biex ma ssirx prosekuzzjoni u att dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni. Il-Kummissjoni ta' Venezja, fl-Opinjoni tagħha tat-8 ta' Ottubru 2020, laqgħet ir-riformi bħala pass importanti fid-direzzjoni t-tajba, iżda rrakkomandat li l-emendi għall-atti adottati jiġu indirizzati mingħajr dewmien[9]. Dawn jirriflettu prinċipalment il-ħtieġa għal aktar trasparenza fil-ħatra tal-membri tal-ġudikatura filwaqt li jkompli jitnaqqas l-involviment politiku, inkluż dwar l-għażla tal-Prim Imħallef. Rakkomandazzjonijiet oħra jinkludu emendi għall-istħarriġ ġudizzjarju biex ma ssirx prosekuzzjoni, it-trasferiment ta' kawżi sommarji lill-Avukat Ġenerali, kif ukoll żieda fl-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati.

**Għad hemm bżonn ta' azzjoni biex jiġi żgurat servizz ta' prosekuzzjoni kompletament awtonomu u effiċjenti.** Fl-2019, Malta għaddiet leġiżlazzjoni biex toħloq servizz ta' prosekuzzjoni awtonomu b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja.

[9]Il-Kummissjoni ta' Venezja, l-Opinjoni Nru 993 / 2020 - CDL-AD (2020)019, tat-8 ta' Ottubru 2020, Malta - Opinjoni dwar għaxar Atti u abbozzi li jimplimentaw proposti leġiżlattivi soġġetti għall-Opinjoni CDL-AD (2020)006: https://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD(2020)019-e.

Bħala l-ewwel pass, l-Uffiċju tal-Avukat tal-Istat inħoloq biex jieħu f'idejh il-funzjonijiet mhux ta' prosekuzzjoni li l-Avukat Ġenerali kien iwettaq fil-passat. Il-każijiet se jiġu trasferiti mill-pulizija għas-Servizz tal-Prosekuzzjoni gradwalment. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-funzjonijiet kollha ta' prosekuzzjoni, inklużi r-reati sommarji, jiġu trasferiti malajr kemm jista' jkun lill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u li dan l-uffiċċju jkollu r-riżorsi xierqa biex jopera.

*Il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, inklużi l-edukazzjoni u l-ħiliet.*

**Ittieħdu passi biex biex titjieb il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll il-livelli miksuba, iżda għad fadal sfidi sinifikanti, inkluż proporzjon għoli ta' studenti b'ħiliet bażiċi insuffiċjenti.** Is-sehem ta' persuni b'livell baxx ta' ħiliet li għandhom bejn il-15 u l-64 sena huwa wieħed mill-ogħla fl-UE (44,8 % fl-2020), u l-parteċipazzjoni tagħhom fit-taħriġ hija baxxa (3,6 % fl-2020). In-nuqqas persistentement għoli ta' studenti bi progress insuffiċjenti u t-tluq bikri mis-sistema skolastika jagħmluha diffiċli biex tiġi ssodisfata l-ħtieġa għal ħaddiema tas-sengħa bl-użu ta' ħaddiema domestiċi biss. L-implimentazzjoni tal-politika dwar l-edukazzjoni inklużiva għall-iskejjel pubbliċi ddewmet minħabba l-kriżi. It-tisħiħ tal-monitoraġġ u l-iżvilupp ta' sistema ta' evalwazzjoni olistika jiżguraw politiki tal-edukazzjoni aktar effettivi u investimenti effiċjenti. L-influss ta' barranin għen biex jittaffew in-nuqqasijiet ta' ħiliet, iżda ħoloq ukoll sfidi ta' integrazzjoni u sostenibbiltà minħabba li l-popolazzjoni kibret malajr. Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-protezzjoni tal-qgħad li ġew adattati għal suq tax-xogħol dinamiku jistgħu ma jkunux adatti biex jittrattaw sitwazzjoni fejn il-ħaddiema x'aktarx ikollhom jgħaddu minn perjodi itwal ta' qgħad u li jkollhom ħtiġijiet akbar ta' taħriġ mill-ġdid.

### 2.3. Sfidi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali

**Objettiv ġenerali tal-RRF huwa li jappoġġa t-tranżizzjoni doppja.** Malta hija fost l-Istati Membri ewlenin fid-diġitalizzazzjoni kif imkejla mill-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali tal-2020. Madankollu, il-pajjiż għadu lura fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li mhumiex koperti mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' Malta għall-2030. Minħabba l-post fejn tinsab u minħabba li l-pajjiż għandu popolazzjoni densa, Malta hija partikolarment vulnerabbli għar-riskji klimatiċi. Se jkollha bżonn tieħu miżuri korrettivi addizzjonali mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex tilħaq il-miri tagħha, inkluż billi tnaqqas l-impronta tal-karbonju tas-settur diġitali tagħha. Din it-taqsima tiffoka fuq fejn tinsab Malta fil-ksib tal-miri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

*Dimensjoni ekoloġika*

**Jenħtieġ li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika, u mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni finanzjarja jeħtieġ li tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi.** Hu mistenni li l-miżuri fil-pjan jgħinu biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050 u l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030, filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima tal-Istati Membri. Dawn għandhom jgħinu wkoll biex jintlaħqu l-miri ambjentali għall-iskart, l-ilma, il-kontroll tat-tniġġis, il-mobbiltà sostenibbli, il-protezzjoni u r-

restawr tal-bijodiversità kif ukoll ir-riżorsi tal-baħar u tal-ilma. Barra minn hekk, il-miżuri huma stabbiliti biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli kif ukoll lejn ekonomija ċirkolari kif xieraq, filwaqt li jiżguraw li ħadd ma jibqa' lura.

**Minkejja l-fatt li l-miri tal-klima ta' Malta huma ħafna aktar baxxi mill-medja tal-UE, mhux se jirnexxilhom jintlaħqu.** Abbażi tal-projezzjonijiet ta' Malta, fil-valutazzjoni tagħha tal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' Malta għall-2030[10], il-Kummissjoni tistma li l-politiki eżistenti mhux se jkunu biżżejjed biex jinkiseb tnaqqis ta' 19 % mil-livelli tal-2005 fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li mhumiex koperti mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet sal-2030. Għalkemm Malta għandha waħda mill-aktar emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra għal kull persuna fl-UE, l-emissjonijiet assoluti tagħha qed jiżdiedu u huma projettati li jkomplu jiżdiedu.

**Il-konsum tal-enerġija primarja u finali ta' Malta, ta' 0,9 u 0,7 Mtoe rispettivament fl-2019, mhuwiex mistenni li jilħaq il-miri tal-2020 ta' 0,8 u 0,6 Mtoe rispettivament.** Barra minn hekk, fl-NECP tagħha, il-miri tal-2030 stabbiliti kemm għall-konsum tal-enerġija primarja kif ukoll finali tqiesu bħala ambizzjoni baxxa ħafna peress li Malta tistma li ż-żewġ valuri se jkunu żdiedu sa dak iż-żmien għal 1,1 u 0,8 Mtoe rispettivament. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li Malta tfassal u tinvesti f'politiki aktar ambizzjuży għall-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini u tas-sistema tat-trasport tagħha li qed jespandu.

**It-trasport huwa wieħed mill-miri ewlenin għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.** Malta teħtieġ tagħmel sforzi addizzjonali biex ittejjeb is-sostenibbiltà tat-trasport u tnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku. Id-dipendenza tagħha fuq it-trasport bit-triq, flimkien ma' network tat-toroq ineffiċjenti, taxxi moderati fuq il-fjuwil u preferenza soda għat-trasport privat irriżultaw f'konġestjoni sinifikanti fit-toroq, storbju, sustanzi li jniġġsu l-arja u żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Hemm lok biex jiġi nkoraġġit it-trasport kollettiv sostenibbli u r-restrizzjonijiet tal-aċċess lokali sabiex jintlaħqu l-objettivi kemm tal-emissjonijiet kif ukoll tal-konġestjoni. L-ispiża esterna tat-trasport bit-triq, inkluż mit-tniġġis tal-arja, l-istorbju u l-konġestjoni, hija stmata għal EUR 400 miljun fis-sena, li tikkorrispondi għal 3,6 % tal-PDG ta' Malta, u qed tiżdied. L-NECP jinkludi pjanijiet speċifiċi ta' appoġġ għall-mobbiltà elettronika billi jżid l-għadd ta' vetturi elettriċi u l-introduzzjoni tat-trasport pubbliku li jaħdem bl-elettriku. Malta biħsiebha ssaħħaħ l-infrastruttura tal-vetturi elettriċi tagħha anki permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Fl-2021-2030, Malta qed tippjana li timplimenta obbligu ta' sostituzzjoni tal-bijofjuwils, li jirrikjedi li l-fornituri tal-karburanti jħalltu l-bijofjuwils mad-diżil. Il-forniment ta' provvista alternattiva tal-enerġija għall-ħruq taż-żejt tal-fjuwil tqil lill-bastimenti li jirmiġġaw fiż-żewġ portijiet Maltin ewlenin se jgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

---

[10]Economidou, M., Ringel, M., Valentova, M., Zancanella, P., Tsemekidi Tzeiranak, S., Zangheri, P., Paci, D., Ribeiro Serrenho, T., Palermo, V. u Bertoldi, P., National Energy and Climate Plans for 2021-2030 under the EU Energy Union, EUR 30487 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020, ISBN 978-92-76-27013-3, doi:10.2760/678371, JRC122862.

**Għad hemm bżonn ta' progress biex jinħoloq stokk tal-bini effiċjenti fl-enerġija u jiġi sfruttat il-potenzjal kbir tal-iffrankar tal-enerġija.** Dan jinkludi r-rinnovazzjoni tal-bini residenzjali, tas-servizzi u tas-settur pubbliku bħall-iskejjel pubbliċi u l-isptarijiet. Għalkemm il-bini residenzjali jirrappreżenta 84 % tal-istokk ta' bini f'Malta, 0,6 % biss jiġi rinnovat kull sena. L-investimenti fir-rinnovazzjonijiet tal-enerġija jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-enerġija u tal-klima filwaqt li l-faqar enerġetiku jinżamm baxx. Il-progress huwa mfixkel, fost affarijiet oħra, minn nuqqas ta' ħiliet, minn infurzar dgħajjef ta' rekwiżiti minimi u tal-użu ta' materjali u teknoloġiji effiċjenti u minn kompetenzi maqsuma bejn ministeri u korpi pubbliċi b'responsabbiltà għas-settur tal-bini. Hemm bżonn li jsiru sforzi addizzjonali biex jiġu mmirati r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u tiġi promossa l-enerġija rinnovabbli fil-binjiet residenzjali, li jużaw l-akbar proporzjon ta' enerġija[11], flimkien ma' miżuri biex itaffu l-ispiża għall-familji bi dħul baxx. Il-politiki introdotti fl-istrateġija ta' rinnovazzjoni[12] jistgħu jwasslu għal tifdil ta' aktar minn 60,000 Gwh ta' enerġija primarja fil-bini sal-2050, u dan iwassal għal tnaqqis ta' 4,4 miljun tunnellata ta' CO2 fl-emissjonijiet (tnaqqis tal-150,000 fis-sena fl-2030. Sabiex jintlaħaq it-tnaqqis ipproġettat, ir-rata ta' rinnovazzjoni se jkollha tiżdied bi 2,5 punti perċentwali sal-2050. Dan hu mistenni li jiġġenera bejn 1200 u 4300 impjieg fis-sena.

**Malta għandha wieħed mill-aktar proporzjonijiet baxxi ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija fl-UE.** Il-pajjiż xorta jista' jilħaq il-mira tiegħu tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 ta' 10 % jew permezz tal-produzzjoni proprja jew permezz ta' taħlita ta' produzzjoni proprja u trasferimenti statistiċi. Fl-NECP tagħha, Malta tipprovdi trajettorja indikattiva fejn l-ishma tal-enerġija rinnovabbli huma mistennija li jilħqu 10,3 %, 11,0 % u 11,6 %, rispettivament fl-2022, l-2025 u l-2027. L-NECP jespandi fuq il-politiki u l-miżuri ppjanati li jippermettulu jikseb il-kontribut u jistabbilixxi miżuri settorjali rilevanti speċifiċi. Madankollu, il-mira tal-2030 għall-enerġija rinnovabbli għadha mhix ambizzjuża fil-livell ta' 11,5 % u hija ferm inqas mill-proporzjon minimu ta' 21 % li jirriżulta mill-formula fl-Anness II tar-Regolament dwar il-Governanza.

**Malta għadha qed tiffaċċa diffikultajiet konsiderevoli u ħtiġijiet ta' investiment fl-oqsma tal-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-protezzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet.** Minkejja xi progress fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-ġestjoni tal-iskart għadha problematika. L-ammont konsiderevoli ta' skart mormi fil-miżbliet, speċjalment dak relatat mas-settur tal-kostruzzjoni, jipprevjeni lill-pajjiż milli jilħaq il-miri ta' riċiklaġġ tal-UE u

[11]Għal valutazzjoni tal-istrateġiji Maltin ta' rinnovazzjoni tal-bini fit-tul tal-2014 u l-2017, ara: Castellazzi L, Zangheri P u Paci D. Synthesis Report on the assessment of Member States` building renovation strategies. EUR 27722. Belt tal-Lussemburgu (Luxembourg) L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea; 2016. JRC97754; u Castellazzi L., Zangheri, P., Paci, D., Economidou, M., Labanca, N., Ribeiro Serrenho, T., Zancanella, P. u Broc, J., Assessment of second long-term renovation strategies under the Energy Efficiency Directive, EUR 29605 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019, ISBN 978-92-79-98727-4, doi:10.2760/973672, JRC114200.


[12] Fl-4 ta' Awwissu 2021 Malta ppreżentat l-istrateġija fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-2020 lill-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/energy/sites/default/files/mt_2020_ltrs.pdf.

milli jagħmel progress lejn l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari dwar il-prevenzjoni tal-iskart u l-użu mill-ġdid tal-prodotti. F'dan ir-rigward, il-kostruzzjoni sostenibbli li tuża approċċ ta' analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja kemm għall-bini pubbliku kif ukoll għall-abitazzjoni privata hija kruċjali biex tiġi evitata pressjoni bla bżonn fuq l-użu tal-art u r-riżorsi naturali u biex jiġi evitat l-iskart, filwaqt li jiġi ġestit ukoll l-iskart mid-demolizzjoni tal-kostruzzjoni f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. L-isfida tibqa' wkoll għall-ġestjoni tal-ilma, fejn hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata l-problema tal-iskarsezza tal-ilma u l-astrazzjoni żejda. Dan jinkludi t-tlestija tal-iskemi ta' monitoraġġ għall-*istatus* kwantitattiv tal-ilma ta' taħt l-art, l-introduzzjoni ta' politiki ta' pprezzar xierqa u t-tisħiħ tal-miżuri ta' kontroll u infurzar relatati mal-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis diffuż inkluži n-nitrati, is-sustanzi agrokimiċi, is-sediment u l-materja organika. Barra minn hekk, it-tniġġis tal-arja u l-istorbju fl-ibliet ewlenin jibbenefikaw minn soluzzjonijiet sistemiċi għat-tnaqqis tal-konġestjoni tat-trasport, bħal restrizzjonijiet sinifikanti tat-traffiku jew il-promozzjoni tal-użu ta' modi ta' trasport aktar nodfa. Dwar il-protezzjoni tal-ħabitats u l-ispeċijiet, Malta teħtieġ li tlesti l-proċess ta' dežinjazzjoni ta' Natura 2000 u tadotta l-pjanijiet ta' ġestjoni li fadal għas-siti marini. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti objettivi ta' konservazzjoni definiti b'mod ċar u miżuri ta' konservazzjoni neċessarji għas-siti kollha. Il-forniment ta' riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni tagħhom huwa kruċjali biex jinżammu jew jiġu restawrati speċijiet u ħabitats ta' interess komunitarju għal *status* ta' konservazzjoni favorevoli fil-medda naturali tagħhom. Barra minn hekk, l-insib u l-qtil illegali ta' speċijiet protetti għadhom fost l-isfidi ewlenin f'Malta, fejn hemm bżonn ta' azzjoni biex jissaħħaħ l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE u fejn hemm bżonn ta' investiment fl-edukazzjoni u l-programmi ta' sensibilizzazzjoni biex tiġi ggarantita l-konformità fit-territorju kollu.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn l-objettivi, il-miri u l-kontributi ta' Malta skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika.

**Tabella 2: Ħarsa ġenerali lejn l-objettivi, il-miri u l-kontributi ta' Malta rigward l-enerġija u l-klima**

| | **Miri u kontributi nazzjonali** | **L-aħħar *data* disponibbli** | **2020** | **2030** | **Valutazzjoni tal-livell ta' ambizzjoni għall-2030** |
|---|---|---|---|---|---|
|  | Mira vinkolanti għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-2005 skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (Effort Sharing Regulation, ESR) (%) | 32 | 5 | -19 | Bħal fl-ESR |
|  | Mira/kontribuzzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli: proporzjon ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija (%) | 8,5 (2019) | 10 | 11,5 | Mhux ambizzjuż (21 %, ir-riżultat tal-formula RES) |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
|  | **Kontribut nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika:** | | | | |
| | Konsum ta' enerġija primarja (Mtoe) | 0,9 (2019) | 0,8 | 1,1 | Ambizzjoni baxxa ħafna |
| | Konsum finali tal-enerġija (Mtoe) | 0,7 (2019) | 0,6 | 0,8 | Ambizzjoni baxxa ħafna |
|  | Livell ta' interkonnettività tal-elettriku (%) | 24 | 24 | 24 | Mhux applikabbli |

*Sors: Valutazzjoni tal-pjan nazzjonali finali għall-enerġija u l-klima ta' Malta, SWD (2020) 917 final u l-Istatistika tal-Eurostat dwar l-Enerġija għall-2019*

*Dimensjoni diġitali*

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali, u mill-inqas 20 % tal-allokazzjoni finanzjarja jeħtieġ li tikkontribwixxi għall-objettivi diġitali.** Jenħtieġ li l-miżuri fil-pjan, fost affarijiet oħra, jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali tas-setturi ekonomiċi u soċjali (inklużi l-amministrazzjoni pubblika, is-servizzi pubbliċi u s-sistemi tal-ġustizzja u tas-saħħa). L-objettiv jenħtieġ li jkun it-titjib mhux biss tal-kompetittività, iżda wkoll tar-reżiljenza, tal-aġilità u tas-sigurtà tal-kumpaniji u tal-atturi pubbliċi, filwaqt li tiġi żgurata l-inklussività.

**Malta għamlet progress sinifikanti fid-diġitalizzazzjoni**. Skont l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (Digital Economy and Society Index, DESI) 2020 tal-Kummissjoni, il-pajjiż ikklassifika fil-ħames post fl-UE (minn 28 pajjiż). L-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014-2020 – li bħalissa qed tiġi aġġornata – stabbiliet il-viżjoni ta' Malta bħala "nazzjon diġitalment abilitat" fid-dimensjonijiet kollha tas-soċjetà. Biex tinkiseb din l-ambizzjoni, jeħtieġ li jingħalqu l-lakuni eżistenti u hemm bżonn li jsiru sforzi biex tingħata spinta ulterjuri lit-tranżizzjoni diġitali.

**In-negozji Maltin għandhom livelli għoljin ta' diġitalizzazzjoni, iżda hemm differenzi bejn il-kumpaniji l-kbar u l-SMEs.** F'DESI 2020, Malta kklassifikat ruħha fis-seba' post fl-UE rigward l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali min-negozji. L-aħħar *data* tikkonferma b'mod ġenerali din il-prestazzjoni pożittiva; fl-2020, 71 % tan-negozji f'Malta kellhom mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali,[13] ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 60 %. Madankollu, hemm differenzi bejn il-kumpaniji l-kbar u l-SMEs. Barra minn hekk, minkejja inizjattivi reċenti, id-diffikultà biex jinstabu persuni bil-ħiliet tekniċi xierqa hija ostaklu għal aktar progress fid-diġitalizzazzjoni. Fl-2020, aktar minn 66 % tan-negozji rrappurtaw diffikultajiet biex jimlew il-

[13] Il-punteġġ tal-intensità diġitali huwa bbażat fuq l-għadd ta' kemm minn 12-il teknoloġija magħżula jintużaw min-negozji. Livell bażiku jeħtieġ l-użu ta' mill-inqas erba' (4) teknoloġiji (l-Eurostat, l-Istħarriġ Komunitarju dwar l-użu tal-ICT u l-Kummerċ Elettroniku (e-Kummerċ) fl-Impriżi, 2020).

postijiet battala li jeżiġu ħiliet speċjalizzati fl-ICT[14]. Malta għandha diversi programmi fis-seħħ biex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tan-negozji (pereż. MITA Innovation Hub, MITA Emerging Technologies Lab), u fl-2019 ħabbret it-twaqqif ta' ċentru tal-innovazzjoni diġitali ddedikat għall-intelliġenza artifiċjali.

**Malta għamlet xi progress biex tgħammar liċ-ċittadini tagħha b'ħiliet xierqa biex tkompli tagħmel progress fid-diġitalizzazzjoni, għalkemm għad hemm nuqqas ta' ħiliet u l-involviment tan-nisa għadu limitat.** F'DESI 2020, Malta kklassifikat fis-sitt post fl-UE rigward il-kapital uman. Il-pajjiż huwa wieħed mill-protagonisti tal-UE fit-taħriġ ta' speċjalisti tal-ICT (6 % tal-gradwati kollha, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 3,9 %), filwaqt li huwa konformi mal-medja tal-UE f'dak li jirrigwarda l-ħiliet diġitali bażiċi (56 % tan-nies għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi f'Malta, li hija ugwali għall-medja tal-UE)[15]. Kif imsemmi hawn fuq, in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet relatati jirrappreżentaw problema. Barra minn hekk, Malta għandha sehem għoli ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki, b'madwar 33 % tal-forza tax-xogħol nieqsa mill-ħiliet diġitali bażiċi meħtieġa fil-maġġoranza tal-impjiegi llum[16]. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur diġitali għadha pjuttost limitata (f'Malta, 11 % tal-ispeċjalisti tal-ICT huma nisa, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 19 %)[17]. Malta nediet l-Istrateġija Nazzjonali komprensiva għall-Ħiliet Elettroniċi (2019-2021), li tkopri diversi oqsma ewlenin bħal-litteriżmu diġitali bażiku, il-kwalità tat-tagħlim tal-ICT, il-ħiliet avvanzati u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Sforzi addizzjonali u investimenti mmirati huma essenzjali biex jissodisfaw id-domanda dejjem tikber għal ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, jagħtu spinta lit-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet u jagħtu spinta lit-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija. B'mod parallel, hemm bżonn ta' sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li l-popolazzjoni tikseb ħiliet diġitali bażiċi, b'mod partikolari l-familji bi dħul baxx, u biex jingħalqu l-lakuni eżistenti.

**Malta għandha punteġġ tajjeb ħafna fil-konnettività domestika tal-broadband.** F'DESI 2020, Malta kienet fl-10 post fl-UE dwar il-konnettività. Mija fil-mija tal-unitajiet domestiċi huma koperti minn networks ta' kapaċità għolja ħafna[18]. Il-pajjiż saħħaħ il-konnettività mal-pajjiż kollu b'veloċitajiet ta' 1 Gbps, iżda b'seħħ mill-2020, 1,1 % biss tad-djar abbonaw għal servizzi tal-internet b'din il-veloċità[19]. Dan l-aħħar Malta ppubblikat deċiżjoni li twitti t-triq

[14]Stħarriġ Komunitarju tal-Eurostat dwar l-użu tal-ICT u tal-kummerċ elettroniku fl-Iintrapriżi, 2020

[15] Il-Kummissjoni Ewropea, l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali 2020. Id-*data* hija għall-2019.

[16]Il-Kummissjoni Ewropea, l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali 2020 (Indikatur: Individwi b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi skont l-*istatus* tal-impjieg, id-*data* msemmija hija għall-2019).

[17]Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol 2020.

[18] Studji dwar il-kopertura tal-broadband fl-Ewropa għall-Kummissjoni Ewropea mħejjijin minn IHS Markit, Omdia u Point Topic, 2020.

[19]Il-Kummissjoni Ewropea, permezz tal-Kumitat tal-Komunikazzjoni (COCOM), u l-istħarriġ tal-Komunità Ewropea dwar l-użu tal-ICT fid-djar u minn individwi.

għall-assenjazzjoni tal-ispettru 5G[20], u ddikjarat li bdiet tassenja spettru f'bandi pijunieri tal-5G. Malta tgawdi wkoll minn pożizzjoni strateġika bħala ċentru internazzjonali għall-konnettività bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u bejn il-Lvant u l-Punent fil-Mediterran. Bħalissa għaddejjin xogħlijiet biex Malta tiġi konnessa ma' Marsilja u l-Eġittu, li se jespandu l-konnettività internazzjonali tal-gżira lil hinn mill-kejbils sottomarini eżistenti li jintemmu fl-Italja.

**Il-pajjiż huwa avvanzat sew fl-offerta ta' servizzi pubbliċi diġitali u għamel sforzi biex iżid l-adozzjoni tagħhom minn individwi u negozji**. F'DESI 2020, Malta kienet fil-11-il post fl-UE fis-servizzi pubbliċi diġitali. Il-pajjiż avvanzat ħafna fil-forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali lil individwi u negozji, inkluż fl-użu mill-ġdid ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità (billi għamel disponibbli formoli mimlijin minn qabel). Is-sehem tal-utenti tal-gvern elettroniku tjieb minn 58 % fl-2019 għal 63 % fl-2020, għalkemm għadu kemxejn taħt il-medja tal-UE (64 %)[21]. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jiżdied l-użu mill-utenti billi jiġu ssimplifikati s-servizzi, jiġu mmirati l-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni diġà miksuba mill-gvern u jiġu żviluppati aktar servizzi personalizzati, faċli għall-utent u f'waqthom, inkluż l-użu ta' teknoloġiji emerġenti. Dwar id-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja, jeħtieġ li l-istrateġija diġitali tiġi implimentata biex tindirizza l-lakuni attwali, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà limitata li tiġi ppreżentata u segwita proċedura b'mezzi elettroniċi.

**L-infiq Malti fir-R&Ż huwa ferm inqas mill-medja tal-UE, u l-prestazzjoni R&Ż tas-settur tal-ICT hija dgħajfa.** B' 0,61 % tal-PDG allokat għar-R&Ż fl-2019, il-pajjiż għandu nefqa ħafna aktar baxxa fir-R&Ż mill-medja tal-UE ta' 2,20 %. L-Istrateġija Nazzjonali ta' Malta għar-R&I (2014-2020) identifikat il-ħtieġa għal investiment kontinwu fl-infrastruttura tal-ICT u l-innovazzjoni bl-użu tat-teknoloġiji diġitali. Madankollu, l-investimenti fir-R&Ż baqgħu limitati wkoll fis-settur tal-ICT. Il-proporzjon tal-baġit tal-gvern għar-R&Ż allokat għas-settur tal-ICT huwa ta' madwar 1 %, ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 7 %. In-nefqa fir-R&Ż min-negozji fis-settur tal-ICT hija baxxa wkoll u tammonta għal inqas minn 3 % tal-valur miżjud fis-settur[22].

**Malta tat attenzjoni sinifikanti lit-teknoloġiji diġitali avvanzati f'dawn l-aħħar snin**. L-adozzjoni ta' strateġija u qafas regolatorju ddedikati għat-teknoloġija blockchain fl-2018 hija eżempju wieħed tal-ambizzjoni tal-pajjiż. Malta hija wkoll pajjiż firmatarju tad-Dikjarazzjoni ta' Sħubija tal-Blockchain (iffirmata f'April 2018), u ta' dikjarazzjonijiet rilevanti oħra, bħal dik dwar "Il-bini tal-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss għan-negozji u s-settur pubbliku fl-UE" (Ottubru 2020). F'Ottubru 2019, il-gvern vara strateġija nazzjonali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), ibbażata fuq tliet pilastri strateġiċi: l-investiment, in-negozji ġodda u l-innovazzjoni, u t-tħaffif tal-adozzjoni tal-IA mis-settur pubbliku u dak privat. Malta tista' tibbenefika mit-trasformazzjoni ta' dawn l-istrateġiji ta' politika f'miżuri konkreti li għandhom l-għan li jniedu teknoloġiji

---


[20] Id-Deċiżjoni MCA/D/21-4177 tas-7 ta' April 2021 (disponibbli hawnhekk: https://www.mca.org.mt/sites/default/files/Assignment%20process%20for%20additional%20spectrum%20for%20wireless%20broadband%20electronic%20communications%20service.pdf).

[21] Il-Eurostat, "Community survey on ICT usage in households and by individuals", 2020.

[22] Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali 2020, is-settur tal-ICT tal-UE u l-prestazzjoni tiegħu fir-R&Ż.

avvanzati fl-amministrazzjoni pubblika u s-setturi ekonomiċi sabiex jgħinu biex tingħata spinta lill-kapaċità ta' innovazzjoni tal-pajjiż u tiżdied il-produttività.

**Figura 1: Sommarju tal-indiċi kompost tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) tal-2020**




Nota: L-aggregat tal-UE jikkorrispondi għall-EU-28 abbażi tar-rapport DESI tal-2020.

**Kaxxa 1: Progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli**

**Tabella li tagħti ħarsa ġenerali lejn is-sovrapożizzjoni bejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-erba' dimensjonijiet li jirfdu l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza**




**L-objettivi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) ġew integrati fis-Semestru Ewropew miċ-ċiklu tal-2020 'l hawn.** Dan jipprovdi impenn qawwi lejn is-sostenibbiltà f'19-il-politika ekonomika u tal-impjiegi tal-UE. Din it-taqsima tiddeskrivi l-prestazzjoni ta' Malta fir-rigward tal-SDGs, b'mod partikolari r-rilevanza rigward l-erba' dimensjonijiet li jirfdu l-Istrateġija Annwali tal-Kummissjoni għat-Tkabbir Sostenibbli għall-2021. Hija wkoll ta' rilevanza għall-pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza (tranżizzjoni ekoloġika, ekwità, tranżizzjoni diġitali u produttività, u stabbiltà makroekonomika), li tindika oqsma possibbli fejn l-investimenti u r-riformi f'konformità mal-objettivi tal-RFF jistgħu jkomplu jħaffu l-progress fl-SDGs.

*Tranżizzjoni ekoloġika*

**Malta ma għandhiex prestazzjoni tajba f'ħafna SDGs relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika.** Għalkemm għandha waħda mill-aktar emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra għal kull persuna fl-UE, l-emissjonijiet assoluti tagħha qed jiżdiedu u huma previsti li jkomplu jiżdiedu. Il-pajjiż ma rnexxilux jikkombina tkabbir ekonomiku għoli ma' emissjonijiet aktar baxxi ta' gassijiet serra.

**Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija ta' Malta (8,5 % fl-2019) huwa ferm inqas mill-medja tal-UE (19,7 %).** It-tnaqqis ulterjuri tal-intensità tal-karbonju tal-ekonomija Maltija għandu jwassal għal progress fl-SDG 7 (Enerġija affordabbli u nadifa) u l-SDG 13 (Azzjoni klimatika).

*Ekwità*

**Malta għandha prestazzjoni relattivament tajba fir-rigward tal-indikaturi li jivvalutaw l-ekwità tas-soċjetà u l-ekonomija.** Dan għandu prestazzjoni relattivament tajba b'mod partikolari fl-SDG 1 (Inxejnu l-faqar). Ir-rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali (20,1 % fl-2019) hija kemxejn taħt il-medja tal-UE (20,9 %). Malta għandha prestazzjoni tajba wkoll fl-SDG 3 (Saħħa tajba u benesseri). Għad fadlilha biex ittejjeb il-pożizzjoni tagħha dwar l-SDG 4 (Edukazzjoni ta' kwalità), dwar proporzjon għoli ta' studenti li jabbandunaw is-sistema skolastika qabel iż-żmien u livell baxx ta' dawk li jiksbu edukazzjoni terzjarja. Id-diskrepanza fl-impjiegi bejn il-ġeneri relatata mal-SDG 5 (Ugwaljanza bejn il-ġeneri) hija partikolarment għolja f'Malta.

*Tranżizzjoni diġitali u produttività*

**Malta għandha perċentwal ogħla ta' impjiegi fil-manifattura tat-teknoloġija għolja u medja u fis-setturi intensivi fl-għarfien mill-medja tal-UE.** Madankollu, b'0,61 % tal-PDG allokat għar-R&Ż fl-2019, għandha nfiq sostanzjalment aktar baxx fir-R&Ż mill-medja tal-UE. Billi tintensifika l-isforzi ta' politika, Malta tista' tagħmel aktar progress fl-SDGs relatati mat-tranżizzjoni diġitali u l-produttività.

*Stabbiltà makroekonomika*

**F'dawn l-aħħar snin, Malta wriet progress tajjeb b'mod ġenerali fl-SDG 8 (Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku), bi tkabbir ekonomiku mgħaġġel u tkabbir rapidu fl-impjiegi.** Għad hemm lok għal titjib fil-progress lejn l-objettivi tal-SDG 16 (Paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom), b'mod partikolari fil-kontribut għal ambjent kummerċjali b'saħħtu.

## 3. OBJETTIVI, STRUTTURA U GOVERNANZA TAL-PJAN

### 3.1. Strateġija ġenerali tal-pjan

**Il-pjan Malti għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jindirizza l-isfidi fit-tul ta' Malta u jgħin lill-pajjiż jegħleb l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija filwaqt li jaħtaf l-opportunitajiet għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.** Il-pjan jippreżenta sitt komponenti li jindirizzaw b'mod wiesa' l-isfidi identifikati bħala parti mis-Semestru Ewropew u jikkontribwixxi għal ħamsa mis-seba' inizjattivi ewlenin tal-UE. L-allokazzjoni totali tal-pjan hija ta' EUR 316,403,496. Dan jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Malta tal-ispejjeż skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament. L-ispejjeż totali stmati tal-pjan, ta' EUR 344,900,000, huma ogħla mill-allokazzjoni totali tal-pjan. Il-pjan jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'53,8 % u 25,5 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan rispettivament (ara t-tabella fl-Anness).

**Komponent 1: L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba, enerġija nadifa u ekonomija ċirkolari**

**Dan il-komponent jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati maż-żieda qawwija fil-konsum tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-iskart li tirriżulta minn tkabbir rapidu fil-popolazzjoni, l-impjiegi u l-PDG f'dawn l-aħħar snin.** Il-karatteristiċi speċifiċi ta' Malta, inklużi d-daqs żgħir tagħha, id-densità għolja tal-popolazzjoni, l-ispazju limitat tal-art, in-nuqqas ta' ekonomiji ta' skala, id-dipendenza tagħha fuq distributuri u fornituri uniċi kif ukoll l-iskarsezza tar-riżorsi

naturali, kollha jaggravaw dawn l-isfidi. L-investimenti fir-rinnovazzjoni ta' bini privat u pubbliku huma kkomplementati minn riformi li jappoġġaw l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul u biex itejbu ċ-ċirkolarità. Dawn l-investimenti jinvolvu r-rinnovazzjoni ta' għadd ta' binjiet pubbliċi u tas-settur privat, l-iskejjel pubbliċi u l-isptarijiet biex isiru aktar effiċjenti fl-enerġija u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju. Il-komponent għandu l-għan ukoll li jibni skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju li se tinkludi l-użu ta' sistemi tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll investimenti fl-enerġija rinnovabbli fit-toroq u fl-ispazji pubbliċi. Ir-riforma biex tiġi żviluppata strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-bini tikkomplementa dawn l-investimenti billi toħloq qafas li jippromwovi r-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini ta' Malta sal-2050. Hija tipprevedi wkoll it-tfassil ta' politika mtejba dwar l-iskart, inkluża l-ġestjoni xierqa tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni biex tittejjeb iċ-ċirkolarità.

**Dan il-komponent għandu żewġ riformi u ħames investimenti bi spiża totali ta' EUR 77,9 miljun.** Jikkontribwixxi għall-inizjattiva ewlenija tal-UE "Renovate" billi jippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija fis-settur privat u fil-bini pubbliku, inklużi l-isptarijiet pubbliċi u l-iskejjel pubbliċi, filwaqt li jfassal strateġija għall-promozzjoni tal-benefiċċji ta' binjiet ekoloġiċi fost il-pubbliku ġenerali. Jikkontribwixxi wkoll għall-inizjattiva ewlenija tal-UE ta' "Enerġizzazzjoni" billi jinvesti fl-enerġija rinnovabbli tal-binjiet, tat-toroq u tal-ispazji pubbliċi.

**Komponent 2: L-indirizzar tan-newtralità tal-karbonju permezz tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport**

**Dan il-komponent tal-pjan Malti għall-irkupru u r-reżiljenza jgħin biex tiġi indirizzata l-isfida tal-konġestjoni tat-traffiku, tal-gassijiet serra u tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, u l-ħtieġa li s-settur tat-trasport isir aktar sostenibbli.** L-objettiv huwa li t-traffiku jiġi trasferit mit-toroq għal modi aktar sostenibbli u li t-trasport bit-triq jiġi dekarbonizzat permezz tal-elettrifikazzjoni, f'konformità mal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' Malta għall-2030, mal-Istrateġija ta' Żvilupp b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju tal-2050, mal-Programm Nazzjonali ta' Riforma (2020) u mal-Istrateġija Nazzjonali tat-Trasport. Riformi bħal dawn itejbu l-ippjanar tat-trasport, iżidu l-użu tat-trasport pubbliku u jimplimentaw miżuri fil-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-reġjun tal-Belt Valletta. Dawn ir-riformi jidentifikaw ukoll żoni ta' riġenerazzjoni, jippromwovu t-telexogħol fis-settur pubbliku u jżidu l-effiċjenza tal-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku. L-investimenti jinkludu l-kostruzzjoni ta' sit ta' rmiġġ għal-laneċ, skema ta' skrappjar li tappoġġa x-xiri ta' vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero fis-settur privat, it-tiġdid tal-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku b'vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero u x-xiri ta' xarabanks elettriċi b'emissjonijiet żero għat-trasport pubbliku.

**Dan il-komponent għandu sitt riformi u erba' investimenti bi spiża totali ta' EUR 110,4 miljun.** Dan jikkontribwixxi għall-inizjattiva ewlenija tal-UE "Irriċarġjar u Riforniment" billi jippromwovi l-użu ta' vetturi aktar nodfa kif ukoll joħloq inċentivi li jinkoraġġixxu bidla modali.

**Komponent 3: It-trawwim ta' ekonomija diġitali, intelliġenti u reżiljenti**

**Dan il-komponent jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati ma' aktar diġitalizzazzjoni fis-setturi pubbliċi u privati.** Dan jgħin biex jitjiebu r-reżiljenza, il-kapaċità u s-sigurtà tal-qafas diġitali tal-gvern, l-aċċess għat-teknoloġija diġitali, il-firxa u l-kwalità tas-servizzi tal-gvern elettroniku, l-użu ta' dawk is-servizzi mill-individwi u n-negozji, u d-diġitalizzazzjoni tas-settur

privat. Jgħin ukoll biex tiġi indirizzata l-isfida tat-titjib tal-prestazzjoni ta' Malta fir-R&I, fejn Malta hija kklassifikata bħala "innovatur moderat" skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2021[23]. L-objettiv huwa li titħaffef it-tranżizzjoni diġitali billi jissaħħaħ il-qafas ta' politika nazzjonali, isir investiment fid-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi (biex jiżdiedu l-firxa, il-kwalità u l-użu tagħhom), kif ukoll jingħata appoġġ lid-diġitalizzazzjoni tan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs. Il-komponent għandu wkoll l-għan li jtejjeb il-prestazzjoni tar-R&I ta' Malta billi jippromwovi r-R&I tal-impriżi u jtejjeb il-kooperazzjoni pubblika-privata.

**Dan il-komponent għandu żewġ riformi u erba' investimenti bi spiża totali ta' EUR 55,3 miljun.** Jiffoka fuq l-inizjattiva ewlenija tal-UE "Modernizzazzjoni" billi jippromwovi servizzi diġitali aġġornati u siguri.

**Komponent 4: It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa**

**Dan il-komponent jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi li esperjenza s-settur tal-kura tas-saħħa ta' Malta, li qed jiffaċċa eżiġenzi akbar minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ.** L-objettiv huwa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tas-saħħa billi tittejjeb id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa. Dan se jiffoka fuq l-iffaċilitar ulterjuri tal-użu tat-telemediċina, it-titjib tal-kapaċitajiet dijanjostiċi u kurattivi fil-kura tal-kanċer, it-titjib tal-ġestjoni tal-persunal u t-tnaqqis tad-dipendenza ta' Malta fuq pajjiżi oħra għat-terapiji tad-demm, tat-tessuti u taċ-ċelloli meħtieġa f'interventi u trattamenti mediċi. Il-komponent jinkludi riforma mmirata lejn it-titjib tal-ġestjoni tal-persunal u l-indirizzar tal-ostakli għar-reklutaġġ u ż-żamma ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa barranin, anke billi jittejjeb il-benesseri tagħhom. Ir-riforma tinkludi wkoll miżuri ta' prevenzjoni relatati mas-saħħa tat-tfal. It-tieni riforma tindirizza l-ostakli regolatorji li jistgħu jfixklu li jiġi sfruttat għalkollox l-investiment fiċ-Ċentru tad-Demm, it-Tessuti u ċ-Ċelloli. Barra minn hekk, il-komponent jinkludi investiment fl-istabbiliment ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli qrib ħafna tal-isptar ewlieni f'Malta. It-tieni investiment jikkonsisti fi tliet proġetti biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni u ta' teknoloġiji ġodda.

**Dan il-komponent għandu żewġ riformi u żewġ investimenti bi spiża totali ta' EUR 49,9 miljun.** It-tieni investiment tiegħu jindirizza l-inizjattiva ewlenija tal-UE "Modernizzazzjoni" billi tiġi diġitalizzata s-sistema tas-saħħa.

**Komponent 5: It-titjib ta' edukazzjoni ta' kwalità u t-trawwim ta' sostenibbiltà soċjoekonomika**

**Dan il-komponent jindirizza l-isfidi ta' proporzjonijiet għoljin ta' studenti li jabbandunaw is-sistema skolastika qabel iż-żmien u adulti b'livell baxx ta' ħiliet, nuqqas ta' ħiliet estensiv u l-ħtieġa li jittejbu l-kwalità u l-inklużività tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ.** Il-komponent jivvaluta wkoll is-sistema attwali tal-pensjonijiet u l-benefiċċji tal-qgħad biex ikompli jsegwi riformi ta' politika li jiżguraw li dawn ikunu adegwati u sostenibbli. L-objettiv tiegħu

[23]Il-Kummissjoni Ewropea, "Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2021", il-21 ta' Ġunju 2021.

huwa li jagħmel il-forza tax-xogħol u s-soċjetà Maltija aktar reżiljenti, anki fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

**Dan il-komponent għandu sitt riformi u investiment wieħed bi spiża totali ta' EUR 41,4 miljun**. Huwa jqis l-inizjattiva ewlenija tal-UE "Taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet" billi jsaħħaħ il-kwalità u l-inklużività tas-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ ta' Malta b'mod ġenerali u jtejjeb b'mod partikolari l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwi. Dan għandu jgħin biex is-soċjetà Maltija tiġi mgħammra bil-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol attwali u futur.

**Komponent 6: It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali**

**Dan il-komponent jindirizza għadd ta' sfidi istituzzjonali u ta' governanza fil-qasam tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u t-tassazzjoni.** Fis-sistema ġudizzjarja, dawn l-isfidi huma relatati mal-indipendenza tal-ġudikatura, in-nuqqas ta' servizz ta' prosekuzzjoni separat mill-fergħa investigattiva, kif ukoll l-ineffiċjenzi li jistgħu jiġu parzjalment indirizzati permezz ta' diġitalizzazzjoni ulterjuri. L-isfidi fil-qafas ta' governanza huma relatati mad-detezzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' każijiet ta' korruzzjoni u ħasil tal-flus. Rigward it-tassazzjoni, xi karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa setgħu għamlu l-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa aktar faċli kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-individwi. Ir-riformi biex titjieb is-sistema ġudizzjarja jinkludu bidliet fil-mod ta' kif il-ġudikatura tinħatar u titneħħa. Se jsir ukoll rieżami indipendenti biex jivvaluta l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati u tiġi implimentata l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex tiġi ggarantita l-indipendenza tagħhom. Il-kapaċità tal-qafas istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni mistennija li tissaħħaħ bl-implimentazzjoni tal-elementi tal-bini tal-kapaċità tal-istrateġija nazzjonali kontra l-frodi u l-korruzzjoni, ir-riforma tal-uffiċċju għall-irkupru tal-assi u permezz ta' riformi li jiffukaw fuq il-korp ewlieni kontra l-korruzzjoni, jiġifieri l-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni. Sabiex jissaħħu l-investigazzjonijiet kriminali, inklużi l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, ir-riformi jinkludu proċedura ġdida għall-ħatra tal-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-qasam tal-prosekuzzjoni, il-komponent jipproponi l-ħolqien ta' servizz ta' prosekuzzjoni separat, filwaqt li jimplimenta wkoll stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet mill-Avukat Ġenerali biex ma jittieħdux passi ta' prosekuzzjoni. Qed jitressqu wkoll miżuri biex tissaħħaħ is-sistema għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Barra minn hekk, erba' riformi jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa billi (i) jillimitaw l-eżenzjoni mit-taxxa għal dividendi li ġejjin minn pajjiżi elenkati fil-lista tal-"Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta" ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx; (ii) jintroduċu leġiżlazzjoni dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti; (iii) iwettqu studju segwit minn emendi legali dwar miżuri relatati ma' dividendi deħlin u ħerġin, pagamenti ta' imgħax u royalties; kif ukoll (iv) jiffaċilitaw skambju spontanju ta' informazzjoni dwar applikanti li jirċievu ċittadinanza Maltija skont l-iskema taċ-ċittadinanza mal-ġurisdizzjonijiet tat-taxxa oriġinali tagħhom. Dan il-komponent jinkludi wkoll investiment wieħed li għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja permezz tad-diġitalizzazzjoni.

**Dan il-komponent għandu 12-il riforma u investiment wieħed bi spiża totali ta' EUR 10 miljun.** Diversi elementi ta' dan il-komponent huma retroattivi, peress li diġà ġew implimentati parzjalment fl-2020 u fil-bidu tal-2021. Huwa jindirizza wkoll l-inizjattiva ewlenija tal-UE "Modernizzazzjoni" permezz ta' sforzi biex tiġi diġitalizzata s-sistema ġudizzjarja.

**Tabella 3: Komponenti u spejjeż assoċjati**

| Komponent | Spejjeż (f'miljuni ta' EUR) |
|---|---|
| C1: L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba, enerġija nadifa u ekonomija ċirkolari | 77,9 |
| C2: L-indirizzar tan-newtralità tal-karbonju permezz tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport | 110,4 |
| C3: It-trawwim ta' ekonomija diġitali, intelliġenti u reżiljenti | 55,3 |
| C4: It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa | 49,9 |
| C5: It-titjib ta' edukazzjoni ta' kwalità u t-trawwim ta' sostenibbiltà soċjoekonomika | 41,4 |
| C6: It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali | 10 |
| **Total** | **344,9** |

### 3.2. Aspetti ta' implimentazzjoni tal-pjan

*Konsistenza ma' programmi oħra*

**Il-pjan huwa konsistenti mal-programmi ewlenin l-oħra tal-UE u dawk nazzjonali.** Il-Viżjoni tal-Iżvilupp Sostenibbli ta' Malta għall-2050 tistabbilixxi l-qafas ġenerali tal-iżvilupp fit-tul tagħha. Hija bbażata fuq tliet prijoritajiet tematiċi:

- it-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku;
- is-salvagwardja tal-ambjent tagħna; kif ukoll
- il-koeżjoni soċjali u l-benesseri.

**Malta biħsiebha tuża din l-istrateġija bħala qafas għall-istrumenti li jappoġġaw l-iżvilupp matul id-deċennji li ġejjin.** Is-sostenn finanzjarju mill-RRF, il-Ftehim ta' Sħubija għall-2021-2027 (u programmi operazzjonali sussegwenti) u fondi oħra tal-UE (kemm fl-ambitu tal-ġestjoni kondiviża kif ukoll tal-ġestjoni diretta), kif ukoll finanzjament nazzjonali, mistennijin li jikkomplementaw lil xulxin biex jiżguraw ippjanar integrat u implimentazzjoni koordinata tal-istrateġija ta' żvilupp fit-tul.

**Jidher li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa koerenti mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li se jibqgħu l-istrument ewlieni ta' finanzjament tal-UE għall-iżvilupp ekonomiku.** Hu mistenni li l-fondi strutturali u ta' investiment tal-UE jibqgħu l-istrument ewlieni tal-UE għall-finanzjament tal-iżvilupp soċjoekonomiku f'Malta. Il-pajjiż se jikseb aċċess għal EUR 1,923 biljun mill-baġit ewlieni tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 tal-UE kif ukoll EUR 329 miljun f'sostenn mhux ripagabbli mill-istrument NextGenerationEU, li jammontaw għal EUR 2,25 biljun matul is-seba' snin li ġejjin.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistenni li jkun strument ewlieni għat-tranżizzjoni klimatika.** Dan jinkludi miżuri li jikkontribwixxu direttament jew indirettament għall-objettivi nazzjonali tal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ta' Malta għall-2030 u l-Viżjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2050, li jintużaw bħala input ewlieni fil-qafas strateġiku għall-pjan sħiħ. Investimenti konsistenti huma inklużi fil-Komponent 1. Dawn għandhom l-għan li jippromwovu d-dekarbonizzazzjoni tal-bini u l-użu ta' soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jintroduċu riformi biex jiżviluppaw strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-bini u jtejbu l-ġestjoni tal-iskart. Skont il-Komponent 2, il-miżuri ta' riforma biex jitjieb l-ippjanar tat-trasport, jiżdied l-użu tat-trasport pubbliku u jiġu implimentati azzjonijiet tal-pjan ta' mobilità urbana sostenibbli għar-reġjun tal-Belt Valletta huma kkomplementati minn investimenti. Dawn jinkludu l-bini ta' sit ta' rmiġġ għal-laneċ, skema ta' skrappjar biex aktar nies jixtru vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero, it-tiġdid tal-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku b'vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero, u x-xiri ta' xarabanks elettriċi b'emissjonijiet żero għat-trasport pubbliku.

**Malta tippjana li tiggarantixxi l-komplementarjetà bejn il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-Pjan Nazzjonali tagħha dwar il-Politika taż-Żgħażagħ.** Diversi miżuri huma inklużi fil-Komponent 5 (Edukazzjoni u sostenibbiltà soċjoekonomika) biex jiġi evitat it-tluq bikri mis-sistema skolastika u biex jiżdiedu l-gwida u l-opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti kollha, b'mod partikolari l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet. Huma previsti miżuri addizzjonali biex tingħata spinta lill-inklużività u l-kwalità tal-edukazzjoni għal studenti bi bżonnijiet speċjali u biex tittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni. Barra minn hekk, l-investiment propost biex jitwaqqaf ċentru għall-eċċellenza fl-edukazzjoni vokazzjonali (billi jinbena kampus ġdid għall-Istitut tal-Istudji Turistiċi) se jinkludi fakultà ġdida, faċilitajiet ta' prattika, ċentru ta' inkubazzjoni għall-appoġġ tal-intraprenditorija, ċentru R&Ż biex jinkoraġġixxi ideat innovattivi u faċilitajiet ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal biex il-persuni b'responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa, speċjalment in-nisa, ikunu jistgħu jattendu l-korsijiet.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mistenni li jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali.** Il-pjan jinkludi miżuri li direttament jew indirettament jikkontribwixxu għall-objettivi nazzjonali tal-abbozz ta' strateġija diġitali ta' Malta. Għalkemm mhux iffinanzjat fl-ambitu tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Komponent 3 jinkludi għadd ta' riformi biex jitnaqqas id-distakk diġitali, jiġu promossi l-ħiliet diġitali, jitjiebu s-servizzi pubbliċi diġitali u tingħata spinta lill-innovazzjoni. L-investimenti huma mmirati lejn it-tisħiħ tan-networks ċentrali diġitali u s-soluzzjonijiet diġitali tal-gvern, id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili u t-titjib tat-twassil tas-servizzi pubbliċi diġitali għall-individwi u l-impriżi. Il-komponent jappoġġa wkoll l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali mill-impriżi, inklużi l-SMEs, permezz ta' skema speċifika ta' għotjiet Dawn l-isforzi huma kkomplementati minn investimenti oħra inklużi fil-Komponent 6 biex tissaħħaħ id-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja f'konformità mal-Istrateġija tal-Ġustizzja Diġitali u fil-Komponent 4 biex jiġu diġitalizzati ċerti proċessi operazzjonali u flussi tax-xogħol fis-settur tal-kura tas-saħħa.

*Konsistenza mal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati fl-aktar rakkomandazzjoni riċenti dwar iż-żona tal-euro*

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa ġeneralment konsistenti mal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati fl-aktar Rakkomandazzjoni reċenti tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika fiż-żona tal-euro (EAR).** Il-pjan jiggarantixxi pożizzjoni ta' politika ta' appoġġ għall-irkupru billi jippromwovi investimenti ewlenin, isaħħaħ il-potenzjal tat-tkabbir u joħloq l-impjiegi. Il-pjan jindirizza direttament l-EAR 1 peress li jimplimenta miżuri li jgħinu biex is-sistema tas-saħħa ssir aktar reżiljenti. Il-pjan jinkludi riformi u investimenti li għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza fuq pajjiżi oħra għat-terapiji tad-demm, tat-tessuti u taċ-ċelloli u li jagħmluha aktar faċli li jiġu impjegati u miżmuma professjonisti fil-qasam tas-saħħa (Komponent 4). Fil-qasam tal-politika soċjali, il-pjan jinkludi riformi u investimenti biex jiġu vvalutati u rieżminati l-benefiċċji tal-qgħad u s-sistema tal-pensjonijiet biex jiġi żgurat li huma adegwati u sostenibbli (Komponent 5).

**Il-pjan jikkontribwixxi wkoll għall-EAR 2 billi jtejjeb aktar il-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv.** Il-komponenti 1, 2 u 3 jinkludu investimenti u riformi biex isostnu t-tranżizzjoni klimatika, l-ekonomija ċirkolari u t-trasformazzjoni diġitali tal-pajjiż. Il-komponent 5 għandu l-għan li jsaħħaħ il-prevenzjoni u l-intervent tat-tluq bikri mis-sistema skolastika, jespandi l-gwida u l-opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti kollha, speċjalment tal-adulti b'livell baxx ta' ħiliet, u jtejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni ġenerali lill-istudenti bi bżonnijiet speċjali. Jinkludi wkoll miżuri biex jissaħħu l-politiki tas-suq tax-xogħol u jinbena ċentru ta' taħriġ vokazzjonali li se jinkorpora ċentru ta' inkubazzjoni ta' negozji ġodda, ċentru tar-R&Ż biex jinkoraġġixxi ideat innovattivi u faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal żgħar biex jiffaċilitaw it-taħriġ. Il-komponent 6 jinkludi riformi biex jitrażżan l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

**Il-pjan jindirizza l-EAR 3 dwar it-tisħiħ tal-oqfsa istituzzjonali nazzjonali**. Il-komponent 6 jinkludi miżuri biex titjieb il-governanza tas-sistema ġudizzjarja, inkluż billi jinbidlu l-proċeduri ta' ħatra u tkeċċija tal-ġudikatura u tiġi ggarantita l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati. Il-qafas istituzzjonali biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni se jissaħħaħ billi jiġi stabbilit prosekutur indipendenti, jiġu implimentati l-miżuri ta' bini tal-kapaċità amministrattiva previsti fl-istrateġija nazzjonali kontra l-frodi u l-korruzzjoni u riformi addizzjonali biex jissaħħaħ il-korp nazzjonali kontra l-korruzzjoni. Dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-Komponent 6 jimpenja lil Malta biex tlesti l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus nazzjonali / il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu / sanzjonijiet finanzjarji mmirati u biex timplimenta kull azzjoni meħtieġa mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, il-korp intergovernattiv li jistabbilixxi standards internazzjonali dwar il-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-komponenti 3, 4 u 6 jinkludu investimenti biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, is-saħħa u s-sistemi ġudizzjarji.

*Organizzazzjoni amministrattiva*

**Il-pjan jistabbilixxi qafas amministrattiv koerenti u konsistenti għall-implimentazzjoni tiegħu.** Il-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE, li huwa l-Uffiċċju tal-Prim Ministru,

jaġixxi bħala awtorità ta' koordinazzjoni għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Ftehim ta' Sħubija u fondi oħra tal-UE għall-2021-2027. Dan huwa mistenni jiżgura approċċ koerenti u konsistenti għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni. L-għan huwa li jiġu massimizzati l-assorbiment tal-fondi tal-UE, il-komplementarjetà bejn diversi flussi ta' finanzjament u jingħata lok għal tranżizzjoni bla intoppi bejn perjodi ta' programmazzjoni differenti.

**L-awtorità li tikkoordina għandha s-setgħa li twettaq il-kompiti rilevanti relatati mal-ġestjoni u l-kontroll u li tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-UE jiġu protetti.** Dan jinkludi (i) il-verifika li l-istadji importanti u l-miri jintlaħqu f'konformità mal-objettivi strateġiċi u operazzjonali; (ii) l-implimentazzjoni ta' sistema interna ta' ġestjoni u kontroll biex tipprevjeni u tindividwa l-irregolaritajiet u tieħu azzjonijiet korrettivi xierqa; (iii) l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi b'kunsiderazzjoni tar-riskji identifikati; (iv) l-iżgurar tal-ġbir effiċjenti u f'waqtu tad-*data* ta' monitoraġġ; (v) it-twaqqif ta' sistema kompjuterizzata għar-reġistrazzjoni ta' *data* operazzjonali; (vi) l-iżgurar li l-benefiċjarji jkollhom sistema tal-kontabbiltà separata jew kodiċi ta' tranżazzjoni kif suppost; (vii) u t-twettiq ta' valutazzjonijiet *ex post* biex jiġu evalwati r-riżultati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

**Il-pjan jistabbilixxi struttura amministrattiva ċara għall-implimentazzjoni tiegħu.** Dan jinkludi diversi saffi ewlenin ta' governanza:

- Task Force tal-RRP, li tinkludi dipartimenti rappreżentattivi mill-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE u l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, inkarigat li jipprovdi tmexxija koordinata u monitoraġġ iffukat.
- Id-Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fil-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE, inkarigat li jwettaq il-kompiti rilevanti kollha relatati mal-ġestjoni u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-pjan.
- Il-benefiċjarji tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, responsabbli għall-implimentazzjoni tal-interventi meħtieġa mill-komponenti tal-pjan, inkluż li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri.
- Il-Ministeru Kompetenti inkarigat mill-iżgurar tal-koordinazzjoni bejn l-aġenziji għall-miżuri aktar kumplessi relatati mal-pjan, is-sorveljanza u l-għoti ta' appoġġ lill-benefiċjarji.
- L-Awtorità tal-Awditjar, l-awtorità tal-awditjar maħtura għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jibbenefika mill-esperjenza miksuba fir-rigward tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni fl-ambitu ta' qafas komuni ta' koordinazzjoni u governanza.** Dan għandu jwassal għal approċċ konsistenti fir-rigward tal-ippjanar, il-programmazzjoni, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni, u l-kontroll u l-awditjar. Fil-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE, id-Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet inħatret biex tipprovdi tmexxija, koordinazzjoni u sorveljanza fil-proċess ta' estensjoni tal-qafas ta' governanza tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Barra minn hekk, qafas istituzzjonali li jintegra l-iżvilupp sostenibbli fost is-saffi tal-gvern, ikkoordinat mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Viżjoni ta' Malta għal Żvilupp Sostenibbli. L-appoġġ tekniku jista' jintalab skont l-Istrument ta'

Appoġġ Tekniku biex jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan. Dan l-istrument jipprovdi għarfien espert fil-bini tal-kapaċitajiet biex jiġu implimentati l-pjanijiet f'għadd ta' oqsma bħas-saħħa, il-ġustizzja, ir-riforma tal-qrati tat-taxxa, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali, ir-riformi tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll għall-implimentazzjoni kumplessiva tal-pjan. L-appoġġ settorjali għar-riformi ta' politika jista' jingħata wkoll mill-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki tal-programm Orizzont, li jagħti lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa, l-appoġġ prattiku għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riformi li jtejbu l-kwalità tal-investimenti, il-politiki u s-sistemi tagħhom dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

*Ugwaljanza bejn il-ġeneri u opportunitajiet indaqs għal kulħadd*

**Il-pjan jinkludi sensiela ta' miżuri li huma mistennija jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd.** Miżuri ta' rilevanza partikolari jinkludu dawk li għandhom l-għan li (i) itejbu l-għoti ta' servizzi ta' childcare bħala parti miċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali l-ġdid (il-Kampus tal-ITS), iħeġġu lin-nies b'responsabbiltajiet ta' kura li għalihom ma jitħallsux, speċjalment in-nisa, sabiex jattendu l-korsijiet; (ii) jippromovu soluzzjonijiet ta' xogħol mill-bogħod għall-amministrazzjoni pubblika, sabiex ikun hemm bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; u (iii) jimplimentaw miżuri inklużi fl-Istrateġija tal-futur għall-Impjiegi fir-rigward tal-ħaddiema akbar fl-età (b'età bejn il-55 u s-64 sena), l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet u d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi. Il-bini ta' skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju se tkun tinkludi wkoll infrastruttura għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għal madwar 120 student, u b'hekk tikkontribwixxi għal opportunitajiet indaqs għat-tfal kollha.

Il-pjan jinkludi wkoll miżuri għat-titjib tal-integrazzjoni u l-benesseri tal-ħaddiema barranin fis-settur tas-saħħa, kif ukoll Ċentru ta' e-Tagħlim li jiffoka fuq ir-rekwiżiti tad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, li jipprovdi fost affarijiet oħra taħriġ fil-lingwi, orjentazzjoni kulturali u faċilitajiet ta' integrazzjoni f'punt uniku ta' servizz għal eluf ta' ħaddiema barranin. L-għoti ta' aċċess għat-trasport pubbliku bla ħlas lil madwar 100 000 ruħ, apparti l-gruppi li bħalissa diġà jgawdu minn trasport pubbliku bla ħlas, se jkun ta' benefiċċju partikolarment għal dawk li jiddependu mit-trasport pubbliku u li jużawh ta' spiss. Ta' min wieħed isemmi li Malta tinkludi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri mill-Politika ta' Inklużjoni Nazzjonali aġġornata tagħha flimkien ma' miżuri ta' riforma apposta biex tittejjeb l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali. Tinkludi wkoll miżuri mill-ewwel Strateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, inkluż l-indirizzar tal-isterjotipi marbuta mal-ġeneru u l-ġbir ta' *data* diżaggregata biex jiġi appoġġat ulterjorment it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza. Barra minn hekk, Malta tenfasizza li r-riformi u l-investimenti kollha se jiġu implimentati f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali tagħha għad-Diżabilità.

Ir-riformi u l-investimenti biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u biex jiġu estiżi l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet għall-adulti kollha, b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet, huma mistennija jkunu ta' benefiċċju għall-istudenti żgħażagħ u għal persuni minn kuntesti soċjoekonomiċi vulnerabbli, inklużi dawk b'esperjenzi ta'

migrazzjoni fil-passat. Il-pjan jinkludi wkoll programm biex jgħin lill-familji bi dħul baxx ikollhom konnessjoni u aċċess għal kompjuters kif ukoll l-għarfien relatat. Dan se jtejjeb il-kompetenza diġitali, inaqqas id-distakk diġitali u jtejjeb il-koeżjoni soċjoekonomika.

*Proċess ta' konsultazzjoni*

**L-awtoritajiet Maltin ikkonsultaw aktar minn 145 korp biex jiddeterminaw l-objettivi prinċipali ta' politika għall-finanzjament tal-UE, inkluż l-RRF.** Fl-2020 ġew stabbiliti ħames kumitati biex jiffukaw fuq l-objettivi prinċipali ta' politika skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-ħtiġijiet ta' investiment usa' tal-pajjiż. Saru laqgħat biex jiġu indirizzati diversi suġġetti, inklużi t-tkabbir ekonomiku, it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, l-ambjent, it-trasport, il-koeżjoni soċjali, l-edukazzjoni u s-saħħa, kif ukoll il-ħtiġijiet territorjali ta' Għawdex. Il-partijiet ikkonċernati kienu jinkludu korpi governattivi, awtoritajiet urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, is-soċjetà ċivili, il-korpi ambjentali, u l-korpi li jirrappreżentaw l-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni taż-żgħażagħ, fost l-oħrajn. L-eżiti ta' tali konsultazzjoni tefgħu dawl fuq il-pożizzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-investimenti meħtieġa għall-iżvilupp soċjoekonomiku ta' Malta. Servew ukoll bħala kontribut importanti biex jiġu identifikati r-riformi u l-investimenti għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta.

Fl-2021, saru diversi laqgħat bilaterali ma' partijiet ikkonċernati differenti, inklużi benefiċjarji possibbli, bl-attenzjoni tkun fuq il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, b'mod partikolari. Id-deskrizzjonijiet ġenerali tal-pjan ġew diskussi wkoll mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, li jirrappreżenta l-korpi prinċipali ta' min iħaddem, it-trade unions u s-soċjetà ċivili kif ukoll il-gvern. Il-konsultazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-pjan f'Malta se jsiru ġeneralment f'konformità mal-qafas ta' konsultazzjoni adottat għas-Semestru Ewropew. Dawn se jitmexxew mill-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol.

*Awtovalutazzjoni tas-sigurtà*

**Skont l-Artikolu 18(4)(g) tar-Regolament RRF, il-pjan ta' Malta jinkludi awtovalutazzjoni tas-sigurtà għall-investimenti rilevanti fil-kapaċitajiet diġitali taħt il-Komponenti 3, 4 u 6** (b'rabta mat-tisħiħ tal-qafas diġitali tal-gvern, id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili, id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-forniment ta' għodod diġitali għal soluzzjonijiet ta' xogħol mill-bogħod, id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa u tas-sistema tal-ġustizzja). Il-pjan jispjega li, bħala parti mill-proċess ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, id-disinji tekniċi se jiġu skrutinizzati mill-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika ta' Malta, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li jikkonformaw mal-istandards ta' sigurtà ta' referenza. Il-forniturі se jkunu mistennija wkoll li jsegwu l-politiki tas-sigurtà tal-informazzjoni tal-gvern. Barra minn hekk, il-kuntratti ta' servizzi rilevanti mal-forniturі se jinkludu skeda speċifika tas-sigurtà biex tkopri r-riskji relatati mad-*data*, il-katina ta' provvista, il-kontinwità tal-operat, il-proċessi tal-forniturі u t-tagħmir.

Minbarra dan, se jiġi żgurat li jitqies li s-servizzi jiġu pprovduti f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (UE) 2016/679, bi klawsoli kuntrattwali speċifiċi. Terġa' u tgħid, il-pjan jelenka miżuri speċifiċi li se jiġu implimentati fit-tfassil tas-soluzzjonijiet rilevanti biex jiġu mmitigati r-riskji għaċ-ċibersigurtà. Dan jinkludi l-kriptaġġ tad-*data*, is-segmentazzjoni tan-network, is-sistemi ta' sejbien ta' intrużjoni, il-logs tal-awditjar, l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-identitajiet, l-awtentikazzjoni b'diversi fatturi, l-użu ta' servizzi siguri tal-cloud ibbażati fl-UE, eċċ. Il-miżuri strateġiċi msemmija fl-awtovalutazzjoni tas-sigurtà jkunu jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-pjan.

*Proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed*

**Fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma hemm inkluż l-ebda proġett kbir b'perspettiva transfruntiera jew li jinvolvi aktar minn pajjiż wieħed**. L-investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-settur tas-saħħa (relatat mal-installazzjoni ta' tagħmir ta' Aċċeleratur Lineari b'Riżonanza Manjetika (MR Linac)) joffri opportunitajiet biex wieħed jipparteċipa f'networks internazzjonali.

*Strateġija ta' komunikazzjoni*

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiddeskrivi b'mod ġenerali l-pjanijiet ta' komunikazzjoni ta' Malta.** Id-deskrizzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni għandha l-għan li tipprovdi messaġġ ikkoordinat, rikonoxxibbli u sempliċi li jenfasizza l-impatt tal-pjan fuq l-ekonomija u l-benesseri soċjoekonomiku taċ-ċittadini Maltin. L-objettivi tal-istrateġija jinkludu:

- is-sensibilizzazzjoni dwar il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-ambitu tiegħu;
- l-ikkomunikar u l-promozzjoni tal-adozzjoni tal-pjan, u kwalunkwe emenda tiegħu, fejn rilevanti;
- il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan;
- l-ippubblikar tal-lista ta' proġetti ffinanzjati skont il-pjan;
- l-għajnuna lill-benefiċjarji tal-proġetti biex jifhmu r-rekwiżiti tal-pubbliċità u l-issodisfar tagħhom;
- il-pubblikazzjoni ta' linji gwida dwar l-identità viżwali u materjal pubbliċitarju għall-użu mill-proġetti kollha appoġġati sabiex ikun aċċertat rikonoxximent xieraq u konsistenti tal-assistenza riċevuta; u
- l-promozzjoni tar-rwol tal-pjan u l-kontribut tal-UE biex jintlaħqu l-objettivi nazzjonali.

**L-azzjonijiet ta' pubbliċità se jkunu differenzjati skont l-udjenzi fil-mira.** Se jvarjaw mill-pubbliku ġenerali għal multiplikaturi aktar immirati tal-messaġġ ikkomunikat u l-benefiċjarji, il-partijiet ikkonċernati inkarigati mill-implimentazzjoni, kif ukoll l-utenti tal-infrastruttura u tat-taħriġ tal-azzjonijiet li jkunu qed jiġu appoġġati.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jingħata promozzjoni fost il-pubbliku permezz ta' diversi kanali ta' komunikazzjoni**. Dawn jinkludu l-media awdjoviżiva, soċjali u tal-web, kif ukoll il-media stampata, materjal promozzjonali, senjaletika, u parteċipazzjoni

f'avvenimenti lokali. Malta ddikjarat l-intenzjoni tagħha li toħloq sit web biex tagħti viżibbiltà lill-inizjattivi ffinanzjati taħt dan il-pjan.

**Ir-riformi u l-investimenti kollha proposti fil-pjan huma mistennija jkunu akkumpanjati minn miżuri ta' komunikazzjoni xierqa.** L-attenzjoni hija mistennija tkun fuq interventi relatati mas-saħħa, l-edukazzjoni u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni fil-binjiet u t-trasport. Għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni, huwa mistenni li jiġi allokat baġit indikattiv ta' EUR 250 000 għal interventi bħal dawn. Għandu jinħatar punt ta' kuntatt għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mal-pjan. Għandu jkun hemm koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt u l-effettività tal-komunikazzjoni, u tiġi żgurata sensibilizzazzjoni dwar il-kontribut tal-RRP għall-irkupru fil-livell ta' Malta u dak Ewropew u għat-tranżizzjoni doppja.

**Malta għandha l-għan li l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni tkun akkumpanjata minn attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.** Għal dan l-għan, indikatur tal-output għandu l-għan li jikkwantifika l-għadd ta' attivitajiet ta' pubbliċità li jkunu saru sal-2026. Barra minn hekk, bħala parti mill-attivitajiet ta' evalwazzjoni tagħha, id-Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru qed tippjana li twettaq stħarriġ annwali li jipprovdi valutazzjoni oġġettiva tal-għarfien , is-sensibilizzazzjoni u l-perċezzjoni tal-pubbliku dwar l-interventi ffinanzjati mill-UE f'Malta. L-istħarriġ annwali huwa mistenni jiġi adattat sabiex jitqiesu l-miżuri u l-interventi skont il-pjan.

*Għajnuna mill-Istat*

**Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-kompetizzjoni japplikaw kompletament għall-miżuri ffinanzjati mill-RRF.** Il-fondi tal-UE li jaslu permezz tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, bħall-RRF, isiru riżorsi tal-Istat u jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat jekk jiġu ssodisfati l-kriterji l-oħra kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Meta jiġri hekk u jkun hemm il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw dawn il-miżuri lill-Kummissjoni u jiksbu approvazzjoni qabel ma jkunu jistgħu jagħtu l-għajnuna, sakemm dawk il-miżuri ma jkunux koperti minn skema ta' għajnuna eżistenti jew jikkonformaw mal-kundizzjonijiet applikabbli ta' regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija, b'mod partikolari r-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Dan jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 TFUE[24].

Meta jkun hemm il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat u din tkun teħtieġ li tiġi nnotifikata, huwa d-dmir tal-Istat Membru li jinnotifika l-miżuri tal-għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni qabel ma jikkonċedi l-implimentazzjoni tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 108(3) TFUE. F'dan ir-rigward, l-analiżi dwar l-għajnuna mill-Istat li saret minn Malta fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tistax titqies bħala notifika ta' għajnuna mill-Istat. Sa fejn Malta tqis li miżura

[24] Ir-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014, ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1.

speċifika li tinsab fil-pjan tirrikjedi għajnuna *de minimis* jew għajnuna eżentata mir-rekwiżit ta' notifika, hija r-responsabbiltà ta' Malta li tiżgura konformità sħiħa mar-regoli applikabbli.

## 4. SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-PJAN

### 4.1. Rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jippreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament RRF.** Il-pjan jimxi fuq approċċ olistiku biex ikun hemm irkupru u titjieb ir-reżiljenza soċjoekonomika. Kumplessivament, jiffoka fuq it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u fuq l-indirizzar tal-isfidi ewlenin ta' Malta, bħall-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u tas-sistema tal-ġustizzja, il-ħtiġijiet fil-qasam soċjali u edukazzjonali tal-pajjiż, ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, u t-titjib tal-kompetittività f'setturi ewlenin

**Tabella 4: Il-kopertura tas-sitt pilastri tal-RRF mill-komponenti tal-pjan**

| | Tranżizzjoni ekoloġika | Trasformazzjoni diġitali | Tkabbir smart, sostenibbli u inklużiv | Koeżjoni soċjali u territorjali | Reżiljenza tas-saħħa u ekonomika, soċjali u istituzzjonali | Politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Komponent 1 | ● | | ○ | | | ● |
| Komponent 2 | ● | | ○ | | | ● |
| Komponent 3 | | ● | ● | | ● | ○ |
| Komponent 4 | | ○ | ● | ○ | ● | ○ |
| Komponent 5 | | | ● | ● | ○ | ● |
| Komponent 6 | | ● | ○ | | ● | |

*Didaskalija: "●": investimenti u riformi tal-komponent jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-pilastru; "○": il-komponent jikkontribwixxi parzjalment għall-pilastru.*

*Tranżizzjoni ekoloġika*

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika.** It-tranżizzjoni ekoloġika se tkun appoġġata minn diversi miżuri ta' riforma u investiment sabiex issir id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, timmaterjalizza l-mobbiltà sostenibbli, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet u tingħata promozzjoni lill-enerġija rinnovabbli. L-investimenti proposti fir-rinnovazzjoni tal-bini (il-Komponent 1) huma mistennija jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra billi jillimitaw l-użu tal-elettriku li jinkiseb mill-grilja

nazzjonal. Dan l-impatt se joħroġ u jissaħħaħ aktar mill-investimenti proposti fil-promozzjoni tal-użu tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli. Dawn huma kkumplimentati minn riformi fis-settur tal-iskart sabiex tittejjeb l-ekonomija ċirkolari u jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-iskart. Il-Komponent 2 jippromovi bidla modali mit-trasport bit-triq għal modi tat-trasport aktar sostenibbli u għandu l-għan li jiddekarbonizza t-trasport bit-triq permezz tal-elettrifikazzjoni, f'konformità max-xejriet attwali sabiex it-trasport bit-triq isir aktar intelliġenti u aktar sostenibbli[25]. Investimenti li jikkontribwixxu għal dawn l-objettivi jinkludu l-bini ta' post ġdid fejn torbot il-lanċa f'Buġibba, San Pawl il-Baħar, mezzi biex jifilħu għall-adozzjoni ta' vetturi elettriċi fis-settur privat u s-sostituzzjoni ta' parti mill-flotta tat-trasport pubbliku. Barra minn hekk, huma proposti riformi biex jittejjeb l-ippjanar tat-trasport, jiġi estiż it-trasport pubbliku, jiġi promoss it-telexogħol fis-settur pubbliku u tiżdied l-effiċjenza tal-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku.

*Trasformazzjoni diġitali*

**Ir-riformi u l-investimenti proposti huma mistennija jsostnu t-tranżizzjoni diġitali filwaqt li jtejbu l-produttività, iżidu l-output potenzjali u jagħmlu s-settur pubbliku aktar effettiv u trasparenti.** Il-pjan jipproponi approċċ integrat għall-appoġġ tat-tranżizzjoni diġitali u sabiex din isseħħ b'mod rapidu billi jsaħħaħ il-qafas ta' politika nazzjonali, isir investiment fid-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi, kif ukoll billi jsaħħaħ l-inizjattivi relatati mad-diġitalizzazzjoni tas-settur privat. Taħt il-Komponent 3 huma inklużi investimenti ewlenin, bħat-titjib tal-qafas diġitali tal-gvern, id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili, id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi tagħha, u t-tnedija ta' miżuri ta' appoġġ biex is-settur privat jiġi diġitalizzat. Apparti minn hekk, il-miżuri ta' riforma li jibnu fuq l-istrateġiji nazzjonali li qed jiġu żviluppati għandhom l-għan li jxejnu u jnaqqsu d-distakk diġitali, isaħħu u jippromovu l-ħiliet diġitali u jtejbu s-servizzi pubbliċi diġitali. Għandhom ukoll l-għan li jimplimentaw l-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Malta, li tippromovi r-riċerka u l-innovazzjoni tan-negozju u ssaħħaħ il-kooperazzjoni pubblika-privata. L-investimenti taħt il-Komponent 4 għandhom iħaffu t-tranżizzjoni diġitali tas-sistema tal-kura tas-saħħa ta' Malta, itejbu l-kwalità tal-kura tal-pazjenti u l-esperjenza tal-pazjenti, u jnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija. L-investiment fid-diġitalizzazzjoni taħt il-Komponent 6 għandu jtejjeb il-mod kif taħdem is-sistema tal-ġustizzja billi jimplimenta għadd ta' għodod u soluzzjonijiet diġitali siguri biex iservu ta' appoġġ għall-utenti permezz tal-kollaborazzjoni u l-integrazzjoni, u b'hekk tiżdied l-aċċessibbiltà għas-sistema tal-ġustizzja u l-effiċjenza tagħha.

[25] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC116644.

*Tkabbir smart, sostenibbli u inklużiv, inkluż l-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b'SMEs b'saħħithom*

**L-investimenti u r-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ huma mistennija jikkontribwixxu għal tkabbir smart u inklużiv.** Ir-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ u fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol proposti taħt il-komponenti differenti se jgħinu biex tittejjeb l-offerta tat-taħriġ u tiġi allinjata aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. B'mod partikolari, il-Komponent 5 jinkludi r-riforma tal-istrateġija tal-impjiegi, il-promozzjoni tat-titjib tal-ħiliet billi tiġi żviluppata sistema ta' gwida għall-karrieri u tul il-ħajja għall-istudenti adulti, u investimenti fil-ħiliet għas-settur tat-turiżmu u tal-ospitalità, li huwa settur ekonomiku ewlieni f'Malta. Dan l-investiment jiffoka fuq it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-kapital uman biex jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-futur ta' turiżmu ta' kwalità ogħla, aktar sostenibbli u aktar ekoloġiku. Ir-riformi u l-investimenti ambizzjużi għar-rinnovazzjoni tal-bini previsti taħt il-Komponent 1 għandhom il-potenzjal li jagħtu spinta lill-ħolqien tal-impjiegi u jappoġġaw l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi għas-settur tar-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni. L-investimenti fis-servizzi tas-saħħa innovattivi taħt il-Komponent 4 jista' jkollhom effett kollaterali fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi f'oqsma oħra. L-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tas-settur privat taħt il-Komponent 3 x'aktarx li joħloq ukoll opportunitajiet ta' xogħol fl-ICT. L-isforzi tar-riformi taħt il-Komponent 3 huma mistennija jippromovu r-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tan-negozju u jsaħħu l-kooperazzjoni privata-pubblika.

*Koeżjoni soċjali u territorjali*

**Il-koeżjoni soċjali se tissaħħaħ permezz ta' miżuri biex jittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-adegwatezza tal-protezzjoni soċjali u s-sistemi tal-pensjonijiet.** Il-miżuri previsti taħt il-Komponent 5 għandhom il-potenzjal li jżidu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż għal gruppi vulnerabbli bħaż-żgħażagħ f'riskju li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien, persuni b'livell baxx ta' ħiliet u dawk b'diżabilità, u b'hekk inaqqsu r-riskju li għandhom li jispiċċaw inattivi u jaqgħu fin-nassa tal-faqar. L-iżvilupp ta' offerti ta' taħriġ diġitali permezz tal-pjattaforma e-Kulleġġ se tippermetti, b'mod partikolari, aċċess aħjar għat-taħriġ għal kulħadd u tnaqqas ostakli ġeografiċi possibbli. Il-forniment ta' servizzi mediċi ġodda proposti taħt il-Komponent 4 għandu l-għan li jtejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa fil-gżira. Il-Komponent 5 jinkludi wkoll miżuri bil-potenzjal li jikkontribwixxu ulterjorment għall-koeżjoni soċjali, bħar-rieżami tal-effettività tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad f'termini ta' adegwatezza, l-attivazzjoni u l-adattament għaċ-ċiklu ekonomiku u rieżami tal-adegwatezza u tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet.

**Il-pjan iqis l-isfidi territorjali limitati.** Minħabba d-daqs ta' Malta, id-differenzi reġjonali huma relatati mal-qasma ġeografika bejn il-gżira prinċipali u Għawdex. Il-miżuri kollha fil-pjan huma ta' benefiċċju kemm għal Għawdex kif ukoll għall-gżira prinċipali. L-investimenti proposti taħt il-Komponent 5 huma ta' importanza partikolari f'dan ir-rigward peress li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-industrija tat-turiżmu, settur ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku taż-żewġ gżejjer.

*Is-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bl-għan li, inter alia, tiżdied il-kapaċità ta' tħejjija għall-kriżijiet u ta' reazzjoni għall-kriżijiet*

**Ir-reżiljenza tas-settur tas-saħħa hija mistennija li tissaħħaħ permezz ta' ppjanar aħjar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa u billi tiġi indirizzata s-sitwazzjoni diffiċli tal-ħaddiema barranin fis-settur.** L-ewwel riforma taħt il-Komponent 4 għandha ttejjeb il-ġestjoni tal-forza tax-xogħol u tindirizza l-ostakli għar-reklutaġġ u ż-żamma ta' ħaddiema barranin fil-qasam tal-kura tas-saħħa, anki billi ttejjeb il-benesseri tagħhom. Ir-riforma tinkludi miżuri biex jgħinu fiż-żamma tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u jindirizzaw kwistjonijiet persistenti ta' nuqqas ta' persunal permezz ta' ppjanar aħjar tal-forza tax-xogħol u billi jittejbu l-integrazzjoni u l-benesseri tal-ħaddiema barranin. Tinkludi miżuri għall-valutazzjoni tal-ambjent regolatorju li jolqot ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' ħaddiema barranin fil-qasam tas-saħħa u tipprovdi rakkomandazzjonijiet għal titjib, u fi stadju ulterjuri, għall-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, inkluża evalwazzjoni kwantitattiva tal-impatt tar-riforma fuq il-benesseri tal-ħaddiema.

L-ewwel investiment fil-komponent għandu l-għan li jistabbilixxi ċentru għad-demm, it-tessut u ċ-ċelloli, inkluż id-disinn u l-kostruzzjoni tal-bini u l-akkwist ta' apparat mediku u tagħmir għall-kura tas-saħħa. Huwa akkumpanjat minn riforma biex tindirizza l-ostakli regolatorji possibbli fit-tħaddim taċ-ċentru. Il-kapaċità tal-RRF se tippermetti lil Malta tipprovdi l-ħtiġijiet kollha tad-demm u tagħmel interventi relatati mat-tessut tal-għadam u ċ-ċelloli staminali abbażi ta' indikazzjonijiet kliniċi. Dan l-investiment għandu jipprovdi kapaċità prezzjuża lis-sistema tas-saħħa biex ittejjeb ir-riżultati fil-qasam tas-saħħa tal-popolazzjoni. It-tieni investiment taħt il-Komponent 4 jikkonsisti fi tliet miżuri: (i) investimenti fit-trasformazzjoni diġitali tal-proċessi ta' ġestjoni tal-operazzjonijiet u l-outpatients sabiex ikun hemm użu għalkollox effettiv tar-riżorsi; (ii) investimenti biex il-fluss operattiv u r-rapportar dwar l-analiżi tat-tessut jiġu trasformati fi pjattaforma diġitali unifikata; (iii) investimenti biex ir-radjoloġija terapewtika ssir b'mod imtejjeb, u jkun hemm tnaqqis sinifikanti fil-volumi u fil-ħinijiet tat-trattament kif ukoll fl-effetti sekondarji għall-pazjenti. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri se tgħin biex is-sistema tas-saħħa ssir aktar reżiljenti permezz tad-diġitalizzazzjoni u teknoloġiji ġodda. Barra minn hekk, il-miżuri f'dan il-komponent huma kkumplimentati mill-inizjattivi paralleli ffinanzjati taħt programmi oħra tal-UE biex jappoġġaw il-bini tal-kapaċitajiet għall-professjonisti tas-saħħa u aktar investiment fiċ-ċentri tal-kura tas-saħħa primarja.

**Ir-reżiljenza istituzzjonali ta' Malta se tiġi indirizzata permezz tar-riformi u l-investimenti biex tiġi promossa d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tagħha taħt il-Komponent 3 u jittejjeb il-qafas istituzzjonali tagħha taħt il-Komponent 6.** L-investiment fil-Komponent 3 għandhom jgħinu biex tissaħħaħ aktar id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u jittejjeb il-mod kif jiġu pprovduti s-servizzi pubbliċi diġitali u l-aċċess għalihom, inkluż fis-settur marittimu. L-investimenti fid-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-sistema tal-ġustizza taħt il-Komponent 6 għandhom joħolqu kundizzjonijiet aħjar għall-iskambju ta' informazzjoni, li huwa strumentali biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u t-tassazzjoni. Ir-riformi proposti taħt il-Komponent 6 għandhom isaħħu l-elementi differenti fis-sistema tal-ġustizzja, b'mod partikolari l-indipendenza tal-ġudikatura, in-nuqqas ta' servizz ta' prosekuzzjoni separat mill-fergħa investigattiva, kif ukoll jindirizzaw l-ineffiċjenzi fl-

operat. Apparti minn hekk, il-Komponent 6 jinkludi riformi biex titjieb il-kapaċità ta' individwar u prosekuzzjoni tal-korruzzjoni u għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

**Il-Komponent 5 għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jżid il-parteċipazzjoni, li hija mistennija ssaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali.** Popolazzjoni b'ħiliet aħjar għandha tgħin ukoll biex jiġu indirizzati l-ispariġġi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiż. Se jiżgura aċċess għal impjiegi ta' kwalità aħjar u jħeġġeġ aktar gruppi vulnerabbli biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol.

*Politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet*

**Il-ġenerazzjonijiet tal-futur huma mistennija jibbenefikaw minn riformi u investimenti li jtejbu l-effiċjenza enerġetika u jippromovu t-trasport sostenibbli (il-Komponenti 1 u 2), kemm f'termini ta' benesseri kif ukoll ta' riżultati fil-qasam tas-saħħa.** Barra minn hekk, l-għoti ta' taħriġ adattat għall-ħiliet ekoloġiċi li għandu jikkomplementa l-istrateġija tal-ħiliet proposta taħt il-Komponent 1 se joffri liż-żgħażagħ opportunitajiet ta' impjiegi ta' kwalità għolja u innovattivi. L-investimenti fir-rinnovazzjoni tal-iskejjel tal-gvern se jkollhom impatt pożittiv fuq il-benesseri tat-tfal ikkonċernati. L-investiment fis-sistema tas-saħħa (il-Komponent 4) ukoll huwa mistenni li minnu jibbenefikaw il-ġenerazzjonijiet tal-futur.

**Il-pjan jinkludi wkoll riformi u investimenti fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ immirati b'mod partikolari għaż-żgħażagħ.** Politika nazzjonali dwar l-edukazzjoni inklużiva u Programm ta' Rkupru tal-Qari (Reading Recovery Programme) taħt il-Komponent 5 għandhom l-għan li jnaqqsu t-tluq bikri mill-iskola u jippromovu l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola permezz ta' sistema ta' traċċar tal-istudenti u t-titjib tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-sistema edukattiva se jikkontribwixxu għal sistema edukattiva aktar effettiva u inklużiva. Ir-riformi previsti għandhom l-għan li jattrezzaw lit-tfal kollha bl-edukazzjoni u l-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'suq tax-xogħol li qed jinbidel, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Investiment biex jiġi stabbilit Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali fil-qasam tat-turiżmu (il-Kampus tal-ITS), inklużi servizzi ta' childcare, inkubatur, ċentru għar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll programmi aġġornati ta' taħriġ, għandhom jagħtu spinta lill-assorbiment tat-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali u jgħinu biex tkompli tonqos ir-rata għolja tat-tluq bikri mill-iskola.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

Meta jitqiesu r-riformi u l-investimenti kollha previsti minn Malta, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament RRF, filwaqt li jitqiesu l-allokazzjoni finanzjarja u l-isfidi speċifiċi ta' Malta. Dan ikun jiġġustifika l-klassifikazzjoni A skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.1 fl-Anness V tar-Regolament RRF.

### 4.2. Ir-rabta mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u mas-Semestru Ewropew

**Il-pjan huwa ambizzjuż fl-indirizzar effettiv ta' subsett sostanzjali tal-isfidi strutturali identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) tal-2019 u l-2020.** Ħafna

mis-CSRs indirizzati lil Malta ffukaw fuq sfidi strutturali li ilhom jeżistu fil-qasam tal-governanza, inklużi l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-ġustizzja, li fl-imgħoddi sar biss progress limitat fihom. Il-governanza tajba hija waħda mill-pilastri tal-viżjoni ekonomika fit-tul tal-gvern, u l-pjan jagħmel sforzi sinifikanti biex jiġu rimedjati l-isfidi f'dan il-qasam. L-investiment fl-edukazzjoni wkoll jinsab fuq il-lista, b'miżuri rilevanti proposti biex jindirizzaw id-dgħufijiet fis-sistema edukattiva, anki bl-għan li jitjiebu l-ħiliet. Aktar riformi għandhom l-għan li jindirizzaw in-nuqqasijiet fis-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, ir-reżiljenza u l-forniment tas-sistema tas-saħħa, u l-impjiegi Parti sostanzjali mill-investimenti ppjanati tiffoka fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u b'hekk tindirizza s-CSRs dwar l-investimenti f'dawn l-oqsma.

*Il-finanzi pubbliċi: politika fiskali u sostenibbiltà fit-tul*

**Il-miżuri inklużi fil-pjan jirrigwardaw it-tħassib dwar is-sostenibbiltà fit-tul għall-finanzi pubbliċi (CSR 1 2019).** Minkejja li jibda minn bażi baxxa, l-infiq fuq il-pensjonijiet huwa pproġettat li fit-tul ikollu wieħed mill-aktar tkabbir rapidu fl-UE. Taħt il-Komponent 5, il-pjan jipproponi li titwettaq valutazzjoni tas-sistema attwali tal-pensjonijiet biex jiġu żgurati adegwatezza, sostenibbiltà u solidarjetà soċjali ulterjuri. Il-gvern se jippubblika Pjan ta' Azzjoni li jiddeskrivi l-proposti tal-politika, inklużi bidliet leġiżlattivi fejn rilevanti, bl-objettiv li jitjiebu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet. Madankollu, ma hemm l-ebda impenn espliċitu biex proposti tal-politika bħal dawn jiġu implimentati bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-investimenti fis-servizzi tal-kura primarja, li wkoll huma mistennija wkoll li jtaffu l-pressjoni kkawżata minn kostijiet tal-kura tas-saħħa li fit-tul se jiżdiedu, huma ffinanzjati primarjament minn programmi tal-UE barra mill-ambitu tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

*Is-sistema tal-kura tas-saħħa: Reżiljenza u forniment tas-saħħa*

**Ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa (CSR 1 2020) qed tiġi indirizzata permezz ta' investimenti u riformi mmirati.** It-twaqqif ippjanat ta' Ċentru għad-Demm, it-Tessut u ċ-Ċelloli għal Malta, li se jkun ippreċedut minn analiżi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kwistjoni f'konformità mar-regoli rilevanti tal-UE, huwa mistenni li jagħmel lil Malta awtosuffiċjenti f'dawn it-trattamenti innovattivi. Dan jgħin biex is-sistema tas-saħħa ssir aktar reżiljenti. Ir-riformi biex tittejjeb il-ġestjoni tal-forza tax-xogħol u jkun aktar faċli li l-ħaddiema barranin jiġu rreklutati u integrati, huma mistennija wkoll isaħħu l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa li jibqa' jkollha servizzi ta' kwalità għolja u stabbli.

L-investimenti u r-riformi taħt il-Komponent 4 għandhom jiġu kkomplementati minn inizjattivi ffinanzjati taħt programmi oħra tal-UE, inklużi dawk li jbiegħdu t-trattamenti tas-saħħa mentali minn istituzzjonalizzazzjoni fit-tul u jippromovu l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' dawn il-pazjenti u l-integrazzjoni tas-servizzi ta' riabilitazzjoni tal-pedjatrija. Bini tal-kapaċitajiet ulterjuri għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa, inklużi t-taħriġ, il-mobbiltà u t-titjib tal-ħiliet, se jiġu appoġġati wkoll minn finanzjament ieħor tal-UE. Bl-istess mod, l-investimenti fil-kura primarja se jiġu appoġġati barra mill-ambitu tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Iċ-Ċentru Reġjonali tal-Kura tas-Saħħa Primarja fin-Nofsinhar ta' Malta, li huwa mistenni li jitlesta fl-2023, għandu

jnaqqas il-pressjoni fuq l-Isptar Mater Dei. Il-viżjoni fuq perjodu itwal ta' żmien hija li jkun hemm deċentralizzazzjoni tal-kura tas-saħħa lejn kura bbażata fil-komunità. Għadhom għaddejjin ukoll l-isforzi biex jiġi estiż il-forniment tal-infrastruttura tal-e-Saħħa, li tgħaqqad is-sistemi settorjali flimkien għall-iskambju tad-*data* dwar is-saħħa.

*Is-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali*

**Il-pjan huwa mistenni jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-suq tax-xogħol identifikati fis-CSR 2 2020.** Biex jiġi mmitigat l-impatt negattiv tal-kriżi tal-COVID-19, Malta nediet diversi miżuri biex tissalvagwardja l-impjiegi qabel il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-Iskema tas-Supplimenti għas-Salarju, li tixbah lill-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kienet l-aktar miżura importanti. Madankollu, il-pjan ma jipprevedix li l-iskema tiddaħħal fil-leġiżlazzjoni. Iżda, il-Komponent 5 jipprevedi l-ivvalutar u l-monitoraġġ minn żmien għal żmien tal-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad f'Malta biex jiġi żgurat aċċess effettiv għalihom.

Apparti minn hekk, l-implimentazzjoni tal-miżuri fl-Istrateġija dwar l-Impjiegi li għadha kif ġiet adottata li tirrigwarda minn tal-anqas (i) ħaddiem akbar fl-età (b'età bejn il-55 u s-64 sena); (ii) l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet; u (iii) id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, hija mistennija tagħmel is-suq tax-xogħol aktar reżiljenti. Il-Komponent 6 jinkludi wkoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin fl-Istrateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tingħata spinta fis-suq tax-xogħol ta' Malta u lil hinn.

*Edukazzjoni u ħiliet: Eżiti, kwalità, aċċess, inklużività tat-taħriġ*

**Il-pjan jagħmel sforzi biex itejjeb il-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet (CSR 3 2019 u CSR 2 2020).** Diversi miżuri barra mill-ambitu tal-pjan, bħall-konsulenza, l-attivitajiet extrakurrikulari u l-miżuri kontra l-bullying, inklużi wkoll fl-istrateġija nazzjonali dwar il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, għandhom l-għan li jindirizzaw il-kwistjoni li ilha teżisti tat-tluq bikri mill-iskola. Il-Komponent 5 jipprevedi li dawn l-isforzi jiġu kkumplimentati minn miżuri ta' prevenzjoni u intervent. Dawn jinkludu li jiġu pprovduti programmi akkreditati ta' sostenn għal-litteriżmu bbażati fl-iskejjel (programm ta' rkupru tal-qari) għall-istudenti b'età bejn is-6 u 7 snin li ma jmorrux tajjeb l-iskola, u l-introduzzjoni ta' sistema ta' traċċar tat-tluq bikri mill-iskola – id-Data Warehouse Project – b'aċċess għad-*data* għall-istituzzjonijiet li jaħdmu fuq il-monitoraġġ u l-gwida tal-politika. Il-Komponent 5 jinvolvi wkoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin mill-Istrateġija għall-Ħiliet Bażiċi biex titjieb il-kwalità tal-akkwiżizzjoni tal-ħiliet f'Malta. L-għoti ta' servizzi ta' gwida u korsijiet online lill-adulti li jkunu qed ifittxu l-aqwa direzzjoni edukattiva li tikkorrispondi għall-ħtiġijiet tagħhom permezz ta' e-Kulleġġ stabbilit ġdid, huwa mistenni li jagħmilha aktar faċli biex udjenza akbar ikollha aċċess għall-programmi ta' taħriġ f'ħiliet u t-titjib tal-ħiliet, inklużi adulti b'livell baxx ta' ħiliet.

Il-Komponent 3 (ir-riforma 2) tippromovi kooperazzjoni msaħħa bejn is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ u min iħaddem. Jirreferi wkoll għal strateġiji li qed jitfasslu bħalissa li jippromovu t-titjib tal-kompetenza diġitali fost il-popolazzjoni u t-tisħiħ tal-ġabra ta' speċjalisti tal-ICT. It-tnedija ta' programm ta' taħriġ u ċertifikazzjoni fl-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni se żżid il-kapaċità li jiġi pprovdut taħriġ lill-professjonisti f'livell varji, bi prijorità speċifika tingħata għall-

akkwiżizzjoni tal-ħiliet meħtieġa biex jiġu appoġġati proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini. Se jżid id-disponibbiltà ta' persunal kwalifikat billi l-karta tal-ħiliet li diġà teżisti ssir obbligatorja u billi l-miżuri ta' taħriġ f'ħiliet u ta' titjib tal-ħiliet jiġu estiżi għal kategoriji professjonali ġodda. L-iżvilupp tal-ħiliet se jkun appoġġat ukoll minn investiment immirat f'kampus ġdid għall-Istitut għal Studji Turistiċi, wieħed minn żewġ istituzzjonijiet għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'Malta. Joffri programmi aġġornati ta' taħriġ marbuta mat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika fis-settur tat-turiżmu. Dwar l-inklużività tal-edukazzjoni, il-pjan jinkludi t-tnedija ta' klassijiet multisensorjali għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali fil-kulleġġi u t-twaqqif ta' żewġ unitajiet għall-awtiżmu fl-iskejjel sekondarji. Dan se jagħti lok għal aktar integrazzjoni tal-istudenti bi bżonnijiet speċjali fl-ambjent tal-iskola konvenzjonali. Il-miżura se tkun akkumpanjata minn taħriġ kontinwu fil-pedagoġija inklużiva għall-għalliema u l-LSEs (learning support educators) kif ukoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin mill-Istrateġija dwar il-Politika ta' Inklużjoni Nazzjonali.

*Tranżizzjoni diġitali*

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali (CSR 3 2020) kemm permezz tal-investiment kif ukoll permezz tar-riformi ta' politika li jakkumpanjawh** Il-Komponent 3 jirsisti biex tiġi aċċellerata t-trasformazzjoni diġitali billi jittejbu s-servizzi diġitali tal-gvern. Dan jinvolvi t-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tal-qafas diġitali tiegħu u l-investiment f'soluzzjonijiet, apparat u għodod diġitali ġodda. Dan, flimkien mat-titjib ulterjuri tas-servizzi pubbliċi u s-servizzi interni fl-amministrazzjoni pubblika, huwa mistenni li jtejjeb l-esperjenza tal-utenti għall-individwi u n-negozji.

L-investiment fis-settur tas-saħħa (il-Komponent 4) ukoll huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-trasformazzjoni diġitali. Id-diġitalizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-outpatients fl-Isptar Mater Dei hija mistennija tapplika l-apprendiment awtomatiku u l-intelliġenza artifiċjali biex ittejjeb l-effettività tal-użu tar-riżorsi, il-ġestjoni tal-ħin u l-interazzjoni mal-pazjenti. Barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-patoloġija diġitali hija mistennija tittrasforma l-fluss operattiv (li bħalissa huwa manwali) tal-istoloġija u r-rapportar tal-każijiet tal-kanċer fi pjattaforma faċilment aċċessibbli, li se jippermetti traċċar f'ħin reali tal-każijiet tal-kanċer. Il-pjan jipprevedi wkoll investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja (il-Komponent 6) biex jittejbu l-flussi operattivi u l-effiċjenza tas-sistema. Diversi servizzi fil-qrati se jibbenefikaw minn elementi ta' integrazzjoni ċentrali bħall-awtomatizzazzjoni tal-proċessi robotiċi, l-użu ta' pjattaforma cloud ibrida, l-awtentikazzjoni bl-e-ID u awtentikazzjoni unika.

*Tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari produzzjoni u użu tal-enerġija b'mod nadif u effiċjenti*

**L-investimenti u r-riformi fl-effiċjenza fir-riżorsi u enerġetika (CSR 3 2019), il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija b'mod nadif u effiċjenti, u l-ġestjoni tal-iskart huma mistennija jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika (CSR 3 2020).** Il-Komponent 1 jinkludi investimenti fir-rinnovazzjoni ta' għadd ta' binjiet pubbliċi, skejjel tal-gvern u sptarijiet pubbliċi, u jappoġġa r-rinnovazzjoni ta' binjiet privati. Kull rinnovazzjoni hija mistennija tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra diretti u indiretti b'minn tal-anqas 30 %. L-investimenti skont il-Komponent 1 ikopru wkoll il-promozzjoni tal-ġenerazzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, it-toroq u l-

ispazji pubbliċi. Dawn l-investimenti huma kkumplimentati minn riformi biex isaħħu l-qafas regolatorju fis-settur tal-bini u jiżguraw ġabra suffiċjenti u mħallta ta' persunal b'għarfien espert xieraq (permezz ta' tnedija ta' programm ta' taħriġ u ċertifikazzjoni). Ir-riformi u l-investimenti taħt il-Komponent 1 huma kkumplimentati minn skemi u strumenti finanzjarji appoġġati minn fondi oħra tal-UE li fil-mira tagħhom għandhom ir-rinnovazzjonijiet residenzjali u kummerċjali. Dwar l-iskart, il-Komponent 1 jinkludi (i) l-adozzjoni ta' strateġija tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' segwitu; (ii) it-tlestija ta' studju u leġiżlazzjoni biex ir-responsabbiltà tal-produttur tiġi estiża għall-flussi tal-iskart addizzjonali; u (iii) riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart skont ir-reġjuni, inkluż l-iskart mill-imballaġġ.

**Il-pjan jinkludi investimenti u riformi fit-trasport sostenibbli (CSR 3 2019 u CSR 3 2020) bl-għan li titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku (CSR 3 2019).** B'mod aktar speċifiku, ir-riformi huma mistennija jtejbu l-ippjanar tat-trasport u jinkoraġġixxu l-użu tat-trasport pubbliku, jippromovu l-bidla modali mit-triq għall-laneċ, iħeġġu x-xogħol mill-bogħod fis-settur pubbliku u jżidu l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-flotta tas-settur pubbliku. Apparti minn hekk, l-investimenti se jiffukaw fuq il-bini ta' post fejn torbot il-lanċa b'infrastruttura għall-iċċarġjar bl-elettriku għall-bastimenti, l-inċentivizzar għall-akkwist ta' vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero fis-settur privat u l-iffinanzjar tal-akkwiżizzjoni ta' karozzi tal-linja elettriċi għat-trasport pubbliku. Dawn il-miżuri huma mistennija jnaqqsu l-konġestjoni u jtejbu s-sostenibbiltà tat-trasport.

**Il-pjan jinkludi ċerti miżuri li huma mistennija jindirizzaw is-CSRs fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni (CSR 3 2019 u 2020).** Il-Komponent 3 jinkludi l-iffinalizzar u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Malta, b'attenzjoni fuq il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni tan-negozju u t-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni pubblika-privata. Din il-miżura hija mistennija tindirizza xi kwistjonijiet importanti biex jitħeġġu l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, bħall-issimplifikar tal-proċessi amministrattivi, li jikkawżaw skariġġ speċjalment għall-SMEs. Madankollu, il-miżura għadha pjuttost vaga u ma fihiex azzjonijiet aktar konkreti u ta' impatt (pereżempju, fir-rigward tal-kooperazzjoni effettiva pubblika-privata, il-promozzjoni li għandha tingħata lill-mobbiltà intersettorjali tar-riċerkaturi, l-istituzzjonalizzazzjoni u l-inċentivazzjoni tar-rabtiet bejn l-isfera akkademika u dik tan-negozju, eċċ.). Barra minn hekk, il-pjan jinkludi investiment fiċ-Ċentru għad-Demm, it-Tessut u ċ-Ċelloli taħt il-Komponent 4 li huwa mistenni joħloq pjattaforma għall-persunal speċjalizzat ħafna biex jiġu żviluppati u implimentati servizzi tas-saħħa innovattivi relatati mat-tessut. Apparti minn hekk, il-Komponent 5 jipproponi investimenti biex jiġi stabbilit Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali, li jinkorpora ċentru għar-riċerka u l-iżvilupp. Filwaqt li l-miżuri msemmija hawn fuq waħedhom mhux se jkunu biżżejjed biex jiżguraw klima ta' investiment iffokata fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'Malta minħabba l-ambitu relattivament limitat u mmirat tagħhom, huma mistennija jikkontribwixxu parzjalment għaż-żieda fl-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiż, kif mitlub fis-CSRs.

*Sistema tal-ġustizzja, servizz tal-prosekuzzjoni, korruzzjoni*

**Il-pjan fih passi importanti biex tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja u tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni (CSR 2 2019 u CSR 4 2020).** Il-Komponent 6 jipprevedi riformi fis-sistema tal-ġustizzja biex tissaħħaħ l-indipendenza tagħha. Fl-2020 ġew introdotti emendi legali

biex jinbidel il-mod kif jinħatru l-Prim Imħallef u l-membri tal-ġudikatura, li jibdel ukoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji inkarigat mill-ħatra tal-imħallfin u l-maġistrati. Dan se jiżgura li l-maġġoranza tal-membri tiegħu jkunu membri tal-ġudikatura. Se ssir reviżjoni tal-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati b'korrispondenza mal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa u se tittieħed azzjoni korrettiva abbażi tal-eżitu tar-reviżjoni.

Il-pjan għandu wkoll l-għan li jtejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja billi jżid l-għadd ta' membri tal-ġudikatura u l-investimenti mmirati biex is-sistema tal-qrati tiġi diġitalizzata. Dan l-aħħar investiment jikkonsisti f'żewġ partijiet: (a) id-dħul fis-seħħ ta' emendi legali biex ikun possibbli li l-proċedimenti ċivili jsiru permezz ta' vidjokonferenza dak il-ħin stess, u biex l-atti ġudizzjarji kriminali jiġu ppreżentati elettronikament; u (b) għadd ta' soluzzjonijiet diġitali għas-sistema tal-ġustizzja. Dan jinkludi l-immappjar u t-tfassil mill-ġdid tal-proċessi sabiex jitwettqu proċessi diġitali end-to-end, ġestjoni, konsulenza ġuridika u kumplessiva u sostenn għall-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, kif ukoll sistema integrata tal-preżentazzjoni elettronika fis-settur tal-ġustizzja kollu, l-integrazzjoni ta' vjaġġ diġitali tal-kawżi u l-użu ta' teknoloġiji emerġenti biex, fost l-oħrajn, jiġu żgurati seduti virtwali tal-qorti.

Dwar il-prosekuzzjoni, Malta firdet ir-rwol doppju li qabel kellu l-Avukat Ġenerali bħala prosekutur u konsulent legali tal-gvern; l-Avukat Ġenerali żamm ir-rwol ta' prosekutur pubbliku filwaqt li l-Avukat tal-Istat sar il-konsulent legali tal-Istat. Il-prosekuzzjoni tal-każijiet kollha li ma jinstemgħux b'mod sommarju (iġorru magħhom piena ta' aktar minn sentejn priġunerija) qed tiġi trasferita mill-pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Se ssir reviżjoni dwar it-trasferiment ta' każijiet inqas serji (li jinstemgħu b'mod sommarju) għall-prosekuzzjoni mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Il-bidliet leġiżlattivi se jsiru f'konformità ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Apparti dan, għadd ta' korpi kontra l-korruzzjoni ngħataw l-*istatus* tal-parti mweġġa' *ex lege*, u b'hekk ikollhom il-possibbiltà ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Avukat Ġenerali li ma jiħux passi, f'kawżi mressqa minnhom. Se ssir valutazzjoni bil-possibbiltà li l-ambitu għall-istħarriġ ġudizzjarju jitwessa' aktar. Il-pulizija se tibqa' responsabbli għax-xogħol investigattiv, b'aktar trasparenza li se tiddaħħal dwar il-mod kif jinħatar il-Kummissarju tal-Pulizija. Il-kapaċità tal-qafas istituzzjonali li jiġġieled il-korruzzjoni hija mistennija tissaħħaħ permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni, ir-riforma tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, u permezz ta' riformi li għandhom fil-mira tagħhom il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni. Dawn jinkludu aktar trasparenza fil-ħatra tal-President u l-membri tal-Kummissjoni, l-adozzjoni ta' pjan baġitarju u tar-riżorsi umani flimkien ma' proċeduri operattivi standard biex jiġu żgurati r-riżorsi xierqa u t-tħaddim aħjar tal-korp, u l-ħolqien ta' reġistru diġitali ta' informazzjoni dwar każijiet ta' korruzzjoni li jinżamm mill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni.

*Ħasil tal-flus*

**Il-miżuri ppreżentati fil-pjan joffru impenn qawwi biex l-ammont ta' opportunitajiet ta' ħasil tal-flus ikun mill-inqas (CSR 2 2019 u CSR 4 2020).** Fl-2020, il-Kumitat ta' Kordinament Nazzjonali biex jiġi Miġġieled Money Laundering u Finanzjar tat-Terroriżmu ħejja l-Pjan ta' Azzjoni u l-Istrateġija l-ġdida Nazzjonali Kontra l-Ħasil tal-Flus/il-Ġlieda kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu/Sanzjonijiet Finanzjarji Mmirati għall-2021-2023, li tieħu post l-istrateġija għall-

2017-2020. L-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni (il-Komponent 6) hija l-pedament tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta f'termini tal-indirizzar tad-dgħufijiet pendenti fil-qasam tal-ħasil tal-flus. Mis-seba' għanijiet ta' politika li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni, il-lenti hija fuq l-individwar, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus. Dawn huma t-tweġiba għas-CSRs tal-2019 u l-2020, li talbu għal infurzar effettiv. Aktar setgħat u kapaċità tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi wkoll huma mistennija jsaħħu l-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja. Barra minn hekk, wara li f'Ġunju 2021, it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja poġġiet lil Malta taħt monitoraġġ akbar, il-pjan jieħu impenn ukoll biex jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex in-nuqqasijiet misjuba mit-task force jiġu kkoreġuti.

*Ippjanar aggressiv tat-taxxa*

**Il-pjan jinkludi erba' miżuri taħt il-Komponent 6 li għandhom l-għan li jillimitaw il-marġni għall-prassi tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa (CSR 2 2019 u CSR 4 2020).** Il-pjan jipproponi limitu fuq il-benefiċċji tat-taxxa għad-dividendi li jirriżultaw minn korpi residenti f'pajjiżi elenkati fil-lista tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta tal-ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx. Filwaqt li l-miżura hija pass fid-direzzjoni t-tajba, l-ambitu ġeografiku tagħha huwa limitat. L-introduzzjoni ppjanata tar-regoli tal-ipprezzar tat-trasferimenti hija mistennija tnaqqas il-possibbiltajiet ta' trasferiment tal-profitt korporattiv. Madankollu, l-effettività ta' regoli bħal dawn se tkun tiddependi fuq l-implimentazzjoni bir-reqqa tagħhom. L-istudju ppjanat biex jitfasslu rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar pagamenti li joħorġu u li jidħlu ta' dividendi, imgħaxijiet u royalties u l-introduzzjoni sussegwenti tal-leġiżlazzjoni għandha tgħin biex jiġu indirizzati l-karatteristiċi tas-sistema tat-tassazzjoni li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Madankollu, l-iskemi taċ-ċittadinanza u tar-residenza għadhom qed joħolqu riskju ta' nontassazzjoni doppja kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-individwi. Soġġetta għall-implimentazzjoni sħiħa ta' skambju spontanju ta' informazzjoni rigward individwi li jingħataw iċ-ċittadinanza skont l-iskema, din il-miżura hija mistennija trażżan parzjalment ir-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa fuq livell ta' individwi. Se tapplika biss għall-applikanti tal-futur u mhux għall-applikanti eżistenti, li jillimita l-effettività kumplessiva tagħha.

*Rispons għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali attwali u l-impatt fuq il-potenzjal tat-tkabbir*

**Ir-riformi u l-investimenti ppjanati huma mistennija jtaffu s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali attwali fuq perjodu taż-żmien qasir u jikkontribwixxu għal potenzjal ogħla ta' tkabbir fuq perjodu itwal ta' żmien.** L-isforzi biex il-ħiliet jingħataw spinta u l-inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet x'aktarx li jtaffu l-pressjonijiet tas-suq tax-xogħol osservati qabel il-kriżi. Flimkien mal-politiki ta' inklużjoni fis-sistema edukattiva u miżuri biex ikomplu jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola sekondarja, huma mistennija jtejbu s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-gruppi b'livell baxx ta' ħiliet u żvantaġġati. Il-miżuri adottati bħala parti mit-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi dawk li jiffukaw fuq l-iffrankar mill-effiċjenza enerġetika fil-bini u l-użu usa' tal-enerġiji rinnovabbli, akkumpanjati minn politiki li jappoġġaw il-mobbiltà sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari, jistgħu, fuq perjodu twil taż-żmien, jagħmlu t-tkabbir aktar sostenibbli. L-investiment fid-diġitalizzazzjoni għandu l-għan li s-soluzzjonijiet diġitali jintużaw b'mod aktar wiesa', u b'hekk tingħata spinta lill-produttività u l-kompetittività. Ir-riformi fil-qasam tal-qafas istituzzjonali għandhom itejbu l-attraenza ta' Malta bħala destinazzjoni għall-investituri

internazzjonali, minkejja li għad hemm bżonn li jittieħdu passi ulterjuri biex jiġu indirizzati ċerti aspetti fil-qasam tal-ħasil tal-flus identifikati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

Meta jitqiesu r-riformi u l-investimenti kollha previsti minn Malta, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha huwa mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha, jew subsett sostanzjali tagħhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jew sfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni skont is-Semestru Ewropew, u l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżenta rispons adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ta' Malta. Dan ikun jiġġustifika l-klassifikazzjoni A skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.2 fl-Anness V tar-Regolament RRF.

**Tabella 5: Immappjar tal-isfidi għall-pajjiżi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019-20 u l-komponenti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta**

| Sfidi għall-pajjiżi | Rakkomandazzjonijiet assoċjati tas-CSR (2019-2020) u tas-Semestru Ewropew | **Komponent 1-** It-tranżizzjoni newtralità klimatika permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba, enerġija | **Komponent 2-** It-tranżizzjoni newtralità tal-karbonju permezz tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport | **Komponent 3-** It-trawwim ta' ekonomija diġitali, intelliġenti u reżilienti | **Komponent 4-** It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa | **Komponent 5-** It-tiġdid tal-edukazzjoni ta' kwalità u t-trawwim tas-sostenibbiltà soċjoekonomika | **Komponent 6-** It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-finanzi pubbliċi: politika fiskali u sostenibbiltà fit-tul** | 2019.1.1,<br>2020.1.1 | | | | | ○ | |
| **Is-sistema tal-kura tas-saħħa: Reżiljenza u forniment tas-saħħa** | 2020.1.2 | | | | ● | | |
| **Is-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali** | 2020.2.1 | | | | | ● | |
| **L-edukazzjoni u l-ħiliet: Eżiti, kwalità, aċċess, inklużività tat-taħriġ** | 2019.3.5,<br>2020.2.2 | | | | | ● | |
| **Tranżizzjoni diġitali** | 2020.3.4 | | | ● | | | ● |
| **It-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija b'mod nadif u** | 2019.3.3<br>2020.3.4 | ● | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **effiċjenti** | | | | | | | |
| **Trasport sostenibbli u konġestjoni** | 2019.3.4,<br>2020.3.5 | | ● | | | | |
| **Riżorsi naturali u ġestjoni tal-iskart** | 2019.3.2,<br>2020.3.6 | ● | | | | | |
| **Riċerka u Innovazzjoni** | 2019.3.1,<br>2020.3.7 | | | ○ | | | |
| **L-antiċipar ta' proġetti ta' investiment pubbliku li laħqu l-maturità tagħhom; il-promozzjoni tal-investiment privat** | 2020.3.2,<br>2020.3.3 | | ● | | | ● | |
| **Is-sistema tal-ġustizzja, is-servizz tal-prosekuzzjoni, il-korruzzjoni** | 2019.2.2,<br>2019.2.4,<br>2020.4.1 | | | | | | ● |
| **Ħasil tal-flus** | 2019.2.3,<br>2020.4.2 | | | | | | ● |
| **Ippjanar aggressiv tat-taxxa** | 2019.2.1,<br>2020.4.3 | | | | | | ○ |

*Didaskalija: "●": investimenti u riformi tal-komponent jindirizzaw b'mod sinifikanti l-isfida; "○": il-komponent jindirizza parzjalment l-isfida.*

### 4.3. Il-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, ir-reżiljenza ekonomika, istituzzjonali u soċjali, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, it-taffija tal-impatt tal-kriżi, u l-koeżjoni u l-konverġenza soċjali u territorjali

**Il-pjan għandu l-għan li jħaffef l-irkupru ekonomiku ta' Malta u jtejjeb il-prospetti ta' tkabbir tagħha permezz ta' investimenti u riformi.** L-objettivi prinċipali tal-pjan huma li jtejjeb ir-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali ta' Malta, li fl-aħħar mill-aħħar għandha tnaqqas il-vulnerabbiltà tal-pajjiż għax-xokkijiet. Għandu wkoll l-għan li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż billi jippromovi politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, u biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19. Dan kollu se jappoġġa l-koeżjoni u konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE.

*It-trawwim tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi*

**Il-pjan jinkludi investimenti u riformi li jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fuq perjodu taż-żmien qasir u twil.** L-investimenti huma mistennija jagħtu spinta lid-domanda fuq perjodu ta' żmien qasir, u b'hekk jikkontribwixxu għall-irkupru tal-ekonomija fuq perjodu taż-żmien qasir sa medju. Qafas istituzzjonali aktar b'saħħtu, riformi fis-sistema edukattiva u sforzi fid-diġitalizzazzjoni huma mistennija jixprunaw il-potenzjal tat-tkabbir fuq perjodu ta' żmien twil. Huma mistennija aktar benefiċċji għat-tkabbir u l-impjiegi mill-investimenti u r-riformi biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika, ikun hemm dekarbonizzazzjoni tat-trasport u tittejjeb is-sistema tas-saħħa. Il-miżuri tal-pjan huma wkoll f'konformità mal-aġġornament tal-UE tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020[26].

**Qegħdin jiġu indirizzati dgħufijiet fil-qafas istituzzjonali li ilhom jeżistu.** Dan huwa mistenni jtejjeb l-ambjent tan-negozju u jagħti spinta lill-kapaċità tal-pajjiż biex jattira l-investiment. Il-Komponent 6 jinkludi riformi kruċjali biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, biex parzjalment jiġu indirizzati dawk il-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u biex jissaħħaħ il-qafas istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus. Dan se jżid it-trasparenza, iżid il-fiduċja fl-istituzzjonijiet u jippromovi l-governanza tajba. L-ambjent tan-negozju mtejjeb se jipprovdi pedament sod għall-investiment u t-tkabbir tal-produttività.

**Diġitalizzazzjoni akbar għandha l-għan li tiffaċilita t-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija ta' Malta.** Il-Komponenti 3 u 6 għandhom l-għan li jtejbu l-effettività u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-sistema tal-ġustizzja billi jipprovdu soluzzjonijiet diġitali għas-servizzi pubbliċi, li minnhom jibbenefikaw kemm l-individwi kif ukoll in-negozji. Dan għandu jinkiseb billi jiġu żviluppati servizzi pubbliċi li jgħaqqdu flimkien sett sħiħ ta' karatteristiċi, bħal li jkunu: (i) diġitali, transfruntiera u interoperabbli; (ii) iffukati fuq l-utent, inklużivi u aċċessibbli; (iii) miftuħa u trasparenti; (iv) affidabbli u siguri; u (v) f'konformità mal-prinċipju ta' darba biss. Il-miżuri huma mistennija jiġġeneraw xi benefiċċji kollaterali għas-settur privat, kemm billi jkunu ta' eżempju kif ukoll billi jtejbu l-aċċess għas-servizzi provduti mill-gvern lin-negozji, u l-effiċjenza tagħhom. Għandhom l-għan li jnaqqsu l-ostakli għan-negozju, u b'hekk itejbu l-produttività u l-kompetittività fis-setturi kollha. Il-Komponent 3 jinkludi wkoll miżuri għall-appoġġ tad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji, li huwa mistenni jagħmel in-negozji aktar kompetittivi u jippromovi l-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment ta' impjiegi bi kwalifiki għoljin.

**It-titjib tal-ħiliet u t-tnaqqis tad-distakk bejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni mogħtija huwa mistenni jindirizza l-istaġnar fit-tkabbir.** Il-Komponent 5 għandu l-għan iħeġġeġ lill-istudenti jkomplu l-edukazzjoni lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja permezz ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali aħjar, b'wieħed mill-objettivi jkun dak li titnaqqas ir-rata ta'

[26] Ara l-Kummissjoni Ewropea *Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020,* COM(2021) 350 final, 5.5.2021.

Malta ta' tluq bikri mill-iskola. L-iżvilupp ta' Strateġija riveduta dwar l-Impjiegi għandu l-għan li jindirizza kwistjonijiet li rriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19 u jindirizza l-isfidi strutturali, inkluży spariġġi fil-ħiliet, u jadatta għal xejriet ġodda bħaż-żieda fl-awtomatizzazzjoni. L-istrateġija se tiffoka fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jkunu moderni u effettivi u li jattrezzaw lill-ħaddiema bil-ħiliet ġusti, jappoġġaw l-impjegabbiltà tagħhom u jipprovdu l-aħjar inċentivi biex wieħed joħroġ jaħdem. Kumplessivament, ir-riformi għandhom l-għan li jtejbu l-ħiliet, billi jservu ta' pont għal edukazzjoni u taħriġ tal-adulti biex jiżguraw li l-ħiliet tal-forza tax-xogħol ikunu aġġornati maż-żminijiet. Dan huwa mistenni jindirizza l-iskarsezzi tal-ħiliet u jagħti spinta lill-ħolqien tal-impjiegi. Il-promozzjoni tal-opportunitajiet ta' taħriġ f'ħiliet u t-titjib tal-ħiliet huwa partikolarment importanti għall-SMEs, fejn l-ispariġġi fil-ħiliet u l-iskarsezzi tal-ħiliet joħolqu staġnar sinifikanti, filwaqt li l-parteċipazzjoni fit-taħriġ għadha baxxa. Il-benefiċċji minn dawn il-miżuri x'aktarx li jkunu fit-tul u dejjiema.

**Huma mistennija aktar benefiċċji għat-tkabbir u l-impjiegi minn investimenti u riformi biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika, ikun hemm dekarbonizzazzjoni tat-trasport u tittejjeb is-sistema tas-saħħa.** Ir-rinnovazzjoni tas-settur privat u l-bini pubbliku u l-miżuri meħuda għall-iżvilupp ta' strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul (il-Komponent 1) se jżidu l-opportunitajiet għal forza tax-xogħol kwalifikata u speċjalizzata u jnaqqsu l-kostijiet mill-konsum tal-enerġija. L-isforzi għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport (il-Komponent 2) se jnaqqsu l-ħin biex wieħed jasal fil-post tax-xogħol, inaqqsu t-tniġġis akustiku u jtejbu l-kwalità tal-arja, u jwasslu għal impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-ħajja u s-saħħa tal-forza tax-xogħol. It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa (il-Komponent 4) iwassal għal riżultati aħjar fil-qasam tas-saħħa, u b'hekk iżid il-produttività, u għal aktar attività tal-persuni fis-suq tax-xogħol u ħajja lavorattiva itwal.

**Il-valutazzjoni tal-pjan rigward l-impatt fuq it-tkabbir u l-impjiegi hija ġeneralment f'konformità mas-simulazzjonijiet tal-Kummissjoni**. Meta mqabbla ma' xenarju mingħajr l-RRF, Malta tistima li l-investimenti ffinanzjati mill-RRF, u r-riformi li jakkumpanjawhom, se jikkontribwixxu għal żieda ta' 0,5 % fil-PDG wara sentejn, żieda ta' 0,6 % wara ħames (5) snin, żieda ta' 0,5 % wara 10 snin, u żieda ta' 0,2 % wara 20 sena. Ir-riformi u l-investimenti proposti għandhom ħabta joħolqu opportunitajiet ta' impjieg fuq perjodu ta' żmien qasir, b'mod partikolari fil-livelli ta' ħiliet baxxi u medji. Madankollu, dawn l-effetti huma perċepiti bħala temporanji. Kuntrarjament, l-impatt fuq il-pagi huwa aktar permanenti u huwa konsistenti maż-żidiet kontinwi fil-produttività.

**L-investimenti kollha fil-pjan iffinanzjati permezz tal-RRF huma mistennija jkun addizzjonali għal-linja bażi mingħajr l-RRF.** Bejn l-2020 u l-2026, in-nefqa tal-gvern biex

jittejjeb it-tkabbir fl-oqsma ta' politika[27] koperti min-nefqa ffinanzjata permezz ta' għotjiet mill-RRF hija mistennija li tkun 50 % ogħla mill-perjodu ta' referenza 2017-2019.

**Simulazzjonijiet abbażi ta' mudelli mwettqa mill-Kummissjoni permezz tal-mudell QUEST juru li l-impatt ekonomiku tal-NGEU f'Malta jista' jwassal għal żieda fil-PDG ta' bejn 0,7 % u 1,1 % sal-2026[28]. Wara 20 sena, il-PDG jista' jkun 0,2 % ogħla. Il-benefiċċji kollaterali jammontaw għal parti kbira ta' tali impatti.**

Skont dawn is-simulazzjonijiet, dan jissarraf f'sa massimu ta' 1 200 impjieg addizzjonali. Il-kollateral transfruntiera (PDG) jammonta għal 0,6 pps fl-2021 u fl-2022, li juri l-valur miżjud ta' nefqa sinkronizzata fl-Istati Membri (linja 2). Anki f'xenarju b'anqas produttività tal-fondi tal-NGEU, xorta waħda jwassal għal impatt sinifikanti (linja 3)[29].

**Riżultati tas-simulazzjoni ta' QUEST (% ta' devjazzjoni tal-livell reali tal-PDG minn każ mhux tal-NGEU)**

| Xenarju | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2040 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Linja bażi | 0,9 | 1,1 | 1,0 | 1,0 | 1,1 | 1,1 | 0,8 | 0,5 | 0,5 | 0,4 | 0,2 |
| *li minnu kollateral* | 0,6 | 0,6 | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 0,4 | 0,3 | 0,2 | 0,1 | 0,1 | 0,0 |
| Produttività baxxa | 0,5 | 0,7 | 0,7 | 0,7 | 0,7 | 0,7 | 0,4 | 0,2 | 0,2 | 0,1 | 0,1 |

**Dan ix-xenarju stilizzat ma jinkludix l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jista' jkun sostanzjali**. Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva abbażi ta' mudelli jindika li t-twettiq ta' riformi strutturali li jwasslu biex jonqos bin-nofs id-distakk vis-à-vis dawk bl-aqwa riżultati f'termini ta' indikaturi ta' riformi strutturali jista' jżid l-PDG ta' Malta b'massimu ta' 17 % f'20 sena, aktar mill-medja tal-UE[30].

Minħabba d-differenzi fis-suppożizzjonijiet u l-metodoloġija, **ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni stilizzata ma jistgħux jitqabblu direttament man-numri rrappurtati fil-Kapitolu 4 tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta.**

**Kaxxa 2: Simulazzjonijiet stilizzati tal-impatt tal-NGEU permezz ta' QUEST – Malta**

[27] L-oqsma ta' politika huma definiti skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern, COFOG (https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Government_expenditure_by_function_%E2%80%93_COFOG).

*It-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali*

**Il-pjan jinkludi riformi u investiment biex tittejjeb l-inklużività tal-edukazzjoni u l-aċċess għat-taħriġ, u tiġi aġġornata s-sistema tas-sigurtà soċjali.** L-inizjattivi ta' riforma (il-Komponent 5) dwar il-litteriżmu, l-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni u l-politika inklużiva huma mistennija jikkontribwixxu għal aċċess aħjar għall-edukazzjoni u għall-indirizzar tal-isfida tat-tluq bikri mill-iskola. Dan huwa konformi mal-Prinċipju 1 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fir-rigward tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi. Malta tipproponi wkoll riformi u investimenti fil-qasam tal-ħiliet. Se tingħata attenzjoni speċifika biex it-taħriġ jiġi offrut lill-adulti b'livell baxx ta' ħiliet, inklużi l-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, billi jitwaqqaf e-Kulleġġ u jiġi stabbilit Ċentru ġdid għall-Eċċellenza Vokazzjonali għas-settur tat-turiżmu u l-ospitalità. Flimkien, dawn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu biex jipprovdu lill-poplu Malti, b'mod partikolari lil dawk l-aktar vulnerabbli, ħiliet aħjar u opportunitajiet ġodda, u jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Eżiti aħjar tas-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni se jgħinu biex jiġu mmitigati r-riskji, li diġà kienu jeżistu qabel, tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-Komponent 5 jinkludi wkoll miżuri bl-għan li jsir rieżami tal-effettività tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad f'termini tal-adegwatezza, il-kopertura, l-attivazzjoni u l-adattament għaċ-ċiklu ekonomiku u tal-adegwatezza u tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, bil-potenzjal li jikkontribwixxu ulterjorment għall-koeżjoni soċjali.

**L-investiment u r-riformi fit-teknoloġiji diġitali u tas-saħħa huma mistennija jwessgħu l-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi**. It-titjib u ż-żieda fl-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi bis-saħħa ta' teknoloġiji ġodda (il-Komponent 3) għandhom il-potenzjal li jiżguraw aċċess aktar mifrux għal kulħadd, inkluż għal dawk li mhux daqshekk faċli tilħaqhom. Din il-miżura hija mistennija ttaffi firdiet ġodda li jistgħu jfeġġu fis-soċjetà. Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u t-twaqqif ta' Ċentru għad-Demm, it-Tessut u ċ-Ċelloli wkoll huma mistennija li jtejbu l-aċċessibbiltà, f'konformità mal-Prinċipju 16 (l-aċċess għall-kura tas-saħħa) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-komponent jagħti wkoll attenzjoni speċjali lill-integrazzjoni u l-benesseri tal-ħaddiema barranin.

*It-tnaqqis tal-vulnerabbiltà u ż-żieda tar-reżiljenza*

**Trasparenza u fiduċja akbar fil-qafas istituzzjonali huma passi importanti biex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-ekonomija ta' Malta.** L-implimentazzjoni tal-miżuri taħt il-

---

[28] L-RRF jammonta għal madwar 90 % tal-NGEU, li jinkludi wkoll ReactEU, Orizzont Ewropa, InvestEU, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, l-Iżvilupp Rurali u RescEU.

[29] Teknikament, ix-xenarju ta' produttività baxxa jikkunsidra elastiċità tal-output tal-kapital pubbliku mnaqqsa b'mod sinifikanti.

[30] Varga, J, in 't Veld J. (2014), *The potential growth impact of structural reforms in the EU: a benchmarking exercise*, European Economy Economic Papers Nru 541.
http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/economic_paper/2014/pdf/ecp541_en.pdf.

Komponent 6 hija mistennija tgħin biex tiżdied il-fiduċja lokali u esterna fl-istituzzjonijiet Maltin. Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika (il-Komponent 3) u tal-qrati se tkompli żżid it-trasparenza u tiżgura servizzi ta' kwalità għolja għaċ-ċittadini. Dawn il-miżuri huma mistennija jtejbu l-effettività u l-effiċjenza tal-gvern fit-tfassil ta' reazzjonijiet ta' politika f'waqthom u xierqa għax-xokkijiet ekonomiċi. Dawn huma fatturi ewlenin li fuqhom tissejjes il-kapaċità tas-soċjeta u tal-ekonomija li taġġusta u tirreaġixxi għax-xokkijiet esterni.

**Il-miżuri fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-ħiliet u l-impjiegi huma mistennija jtejbu l-mod kif jaħdem is-suq tax-xogħol u jillimitaw id-danni li qed isiru fil-każ tax-xokkijiet ekonomiċi.** Diversi miżuri fil-Komponent 5 għandhom l-għan li jtejbu l-ħiliet, isaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jxejnu d-distakk bejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni mogħtija. Ir-rieżami u l-monitoraġġ regolari tal-effettività tal-benefiċċji tal-qgħad għandhom l-għan li jżidu l-adegwatezza tal-benefiċċji filwaqt li jagħtu spinta lill-inċentiv biex in-nies joħorġu jaħdmu. Kumplessivament, il-miżuri huma mistennija jgħinu biex is-suq tax-xogħol jaġġusta aktar malajr għall-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-progress teknoloġiku u mill-bidliet ħesrem fl-ambjent estern, u b'hekk inaqqsu l-possibbiltà ta' żidiet kontinwi fil-qgħad, l-inattività u l-esklużjoni soċjali.

**Ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa hija mistennija titjieb.** Il-Komponent 4 se jikkontribwixxi għaż-żamma tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u se jindirizza n-nuqqas kontinwu ta' persunal permezz ta' ppjanar aħjar tal-forza tax-xogħol u billi jtejjeb l-integrazzjoni u l-benesseri tal-ħaddiema barranin. L-investiment fiċ-Ċentru għad-Demm, it-Tessut u ċ-Ċelloli huwa mistenni li jippermetti lis-sistema nazzjonali tas-saħħa tipprovdi servizzi li għalihom il-pazjenti qabel kellhom jivvjaġġaw barra mill-pajjiż. Dan inaqqas id-dipendenza ta' Malta fuq pajjiżi oħra għal dawn is-servizzi essenzjali kritiċi, speċjalment f'każ ta' xokk ekonomiku.

**Miżuri li jippromwovu impjegabbiltà aħjar, saħħa aħjar u ħajja lavorattiva itwal għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-pressjoni fil-ġejjieni fuq is-sistema tas-sigurtà soċjali u fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, u b'hekk titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-ekonomija għal xokkijiet fil-ġejjieni.** Il-politiki u l-investimenti taħt il-Komponent 4 għandhom jikkontribwixxu għal riżultati aħjar fil-qasam tas-saħħa għall-popolazzjoni, parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol u żieda fil-produttività, filwaqt li jżommu n-nefqa tal-ġejjieni fuq il-protezzjoni soċjali. Taħt il-Komponent 5, il-miżuri li jippromovu t-titjib tal-ħiliet għandhom jgħinu biex jiżdiedu l-pagi filwaqt li jnaqqsu l-pressjoni fuq is-sistema tas-sigurtà soċjali. Il-monitoraġġ u l-analiżi regolari tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji tal-qgħad huma mistennija jkomplu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.


*Koeżjoni u konverġenza*

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jqis l-isfidi territorjali limitati.** Minħabba d-daqs ta' Malta, id-differenzi reġjonali jirrigwardaw biss il-qasma ġeografika bejn il-gżira prinċipali u Għawdex. Il-miżuri kollha fil-pjan huma ta' benefiċċju kemm għal Għawdex kif ukoll għall-gżira prinċipali. L-investiment propost taħt il-Komponent 5 huwa ta' importanza partikolari f'dan ir-rigward, peress li fil-mira tiegħu hemm it-titjib tal-kwalità tal-industrija tat-turiżmu, li huwa settur ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku taż-żewġ gżejjer.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

Meta jitqiesu r-riformi u l-investimenti kollha previsti minn Malta, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha huwa mistenni jkollu impatt qawwi fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, fuq il-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażagħ, u fuq it-trażżin tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk itejjeb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni. Dan ikun jiġġustifika l-klassifikazzjoni A skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.3 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

**Kaxxa 3: Sfidi soċjali u għall-impjiegi identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanja l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**




L-aġġornament sad-29 ta' April 2021. L-Istati Membri huma kklassifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont metodoloġija tal-istatistika maqbula mal-Kumitati EMCO u KPS. Tagħti daqqa t'għajn kemm għal-livelli kif ukoll għall-bidliet tal-indikaturi meta mqabbla mal-medji rispettivi tal-UE u tikklassifika lill-Istati Membri f'seba' kategoriji. Għad-dettalji metodoloġiċi, ikkonsulta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2021; NEET: barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ; GDHI: introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi.

**It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li tappoġġa l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tistabbilixxi għadd ta' sfidi soċjali u għall-impjiegi għal Malta.** Malta bbenefikat minn suq tax-xogħol dinamiku qabel il-kriżi, b'livelli baxxi ta' qgħad, inkluż għaż-żgħażagħ, u waħda mill-ogħla rati ta' tkabbir fl-impjiegi fl-UE. Waqt il-kundizzjonijiet avversi tal-2020, Malta tejbet rata ta' impjieg li diġà kienet għolja meta mqabbla mal-medja tal-UE u rnexxielha tillimita ż-żieda fil-qgħad. Il-poplu Malti huwa, f'termini ġenerali, poplu f'saħħtu u jgawdi minn waħda mill-itwal stennijiet tal-għomor fl-UE. Il-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika huma baxxi, bi ftit varjazzjoni bejn il-gruppi ta' dħul.

**Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola għadha għolja ħafna f'Malta**. Minkejja li qed tonqos, ir-rata (ta' 16,7 %) għadha fost l-ogħla fl-UE (9,9 %), u tiżdied ma' proporzjon diġà għoli ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet, b'parteċipazzjoni limitata ulterjuri fit-tagħlim għall-adulti. Barra minn hekk, il-prevalenza ta' progress insuffiċjenti u livelli baxxa tal-edukazzjoni jżidu b'mod sinifikanti r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u tkompli żżid mal-iskarsezzi li diġà huma kbar fil-ħiliet u fil-ħaddiema.

**Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (17,7 pps fl-2020) għadha fost l-ogħla fl-UE.** F'dawn l-aħħar snin, l-għoti ta' childcare b'xejn u l-istrateġija "biex ix-xogħol irendi" ikkontribwew għal żieda sostanzjali fir-rata ta' impjieg tat-tfajliet. Madankollu, il-

parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol xorta waħda tonqos wara l-età ta' 40 sena, u b'hekk tibqa' differenza kumplessiva għolja bejn il-ġeneri fl-impjiegi minkejja tnaqqis kbir f'dan l-aħħar deċennju (minn 31,4 pps fl-2012).

**Wara snin ta' tnaqqis, il-faqar beda jiżdied fl-2019**. Fl-2019, it-rata ta' "f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali" (20,1 %) kienet kemm kemm aktar mill-medja tal-UE (20,9 %) iżda bdiet tiżdied wara snin ta' tnaqqis. L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, li huwa 26,3 %, huwa sostanzjalment aktar baxx mill-medja tal-UE (32,4 %) u kompla jonqos fl-2019.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentat minn Malta għandu l-għan li jindirizza xi sfidi soċjali u għall-impjiegi rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Pilastru**. Sabiex jappoġġa l-aċċess u l-opportunitajiet indaqs għas-suq tax-xogħol, il-pjan jipprevedi riformi mmirati biex: tingħata promozzjoni għall-iżvilupp tal-ħiliet; jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola u tittejjeb l-inklużività tal-edukazzjoni permezz tat-twaqqif ta' "e-Kulleġġ"; jissaħħaħ il-programm ta' litteriżmu li diġà jeżisti; u jiġu stabbilit klassijiet speċjali għall-istudenti b'diżabilità. Strateġija riveduta dwar l-impjiegi għandha l-għan li tappoġġa l-impjegabbiltà u l-mobbiltà tal-ħaddiema, u li tippromovi parteċipazzjoni ulterjuri tal-ħaddiema akbar fl-età u adulti b'livell baxx ta' ħiliet. Il-pjan għandu wkoll l-għan li jagħti spina lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz tal-Istrateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. Fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni, Malta qed tippjana li tirrevedi s-sistema tagħha tal-benefiċċji tal-qgħad sabiex tkun aktar reattiva għaċ-ċiklu ekonomiku u qed tippjana li tirrevedi s-sistema tal-pensjonijiet, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet, studji u rakkomandazzjonijiet possibbli.

**Biex tikkomplementa l-isforz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fir-rigward tal-ħiliet u l-edukazzjoni, Malta qed tkompli tirriforma l-edukazzjoni sekondarja.** Oriġinarjament appoġġata mill-Fond Soċjali Ewropew u mbagħad permezz tal-baġit nazzjonali, ir-riforma *My Journey: Achieving through different paths* tintroduċi suġġetti vokazzjonali u applikati fl-edukazzjoni sekondarja ġenerali flimkien mal-kurrikulu ewlieni. L-għan huwa li jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet edukattivi differenti, jiġu indirizzati r-rati tat-tluq mill-iskola, u tingħata attenzjoni partikolari biex tittejjeb l-impjegabbiltà diġà fi stadju bikri. Ir-riforma bdiet tiġi implimentata fis-sena akkademika 2019-20.

### 4.4. Il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (*Do No Significant Harm*, DNSH)

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jivvaluta l-konformità mal-prinċipju DNSH.** Il-valutazzjoni ssegwi l-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament RRF (2021/C 58/01). Dan ikopri s-sitt objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852: il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; l-adattament għat-tibdil fil-klima; l-użu sostenibbli u l-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar; l-ekonomija ċirkolari; il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis; u l-ħarsien u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. L-impatt ambjentali jiġi vvalutat għal kull

riforma jew investiment. Għalhekk, it-30 riforma u s-17 il-investiment fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jissarrfu f'47 valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

**Kull valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ssegwi approċċ f'żewġ stadji.** L-ewwel pass jivvaluta jekk hemmx riskju li miżura tista' tagħmel ħsara sinifikanti lil wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali. F'xi każijiet, il-valutazzjoni tikkonkludi li ma hemm l-ebda riskju ta' ħsara sinifikanti, f'liema każ il-miżura tiġi vvalutata bħala konformi ma' dan l-objettiv tar-Regolament RRF. F'każijiet fejn l-analiżi tidentifika riskju, titwettaq valutazzjoni aktar dettaljata li fiha Malta turi n-nuqqas ta' ħsara sinifikanti, inkluż permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni.

**Fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni DNSH huma indirizzati fit-tfassil ta' miżura u speċifikati fi stadju importanti jew f'mira relatata ma' din il-miżura.** Dan jiżgura li l-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri rispettivi jista' jiġi vvalutat b'mod pożittiv biss ladarba tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju DNSH. Pereżempju, il-miżura *C3-I4 - Miżuri ta' attivazzjoni biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat* skont il-Komponent 3 tinkludi skema orizzontali għall-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji. Biex tiżgura li huma biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-prinċipju DNSH li jirċievu finanzjament, Malta hija meħtieġa tinkludi fis-sejħa għal proġetti lista li teskludi ċerti attivitajiet milli jkunu eliġibbli. Il-verifika tal-konformità mad-DNSH ta' investiment issir vinkolanti permezz ta' stadju importanti.

**Sehem sinifikanti tal-pjan ta' Malta huwa allokat għax-xiri ta' vetturi fis-settur privat u pubbliku.** Tliet investimenti taħt il-Komponent 2 jappoġġaw finanzjarjament skema ta' skrapp, vetturi ġodda għas-settur pubbliku, u karozzi tal-linja ġodda għat-trasport pubbliku. F'konformità mal-eżempju 5 tal-Gwida Teknika DNSH, huwa stabbilit fid-disinn tal-miżuri li l-vetturi mingħajr emissjonijiet u l-karozzi tal-linja biss huma eliġibbli għall-appoġġ. Din il-miżura ta' mitigazzjoni tevita ħsara sinifikanti għall-objettivi li jindirizzaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis.

**Il-pjan ta' Malta għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka b'mod partikolari fuq ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u l-attivitajiet ta' kostruzzjoni.** Tliet investimenti taħt il-Komponent 1 jinkludu r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika. Filwaqt li dawn l-interventi jnaqqsu l-emissjonijiet, normalment joħolqu ammonti sinifikanti ta' skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. Malta tiżgura li ma ssirx ħsara sinifikanti lill-objettiv tal-ekonomija ċirkolari billi tagħti dettalji fil-pjan, għal kull waħda mill-miżuri, li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni ġġenerat fis-siti tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart.

**Qasam ta' fokus ieħor fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta huwa d-diġitalizzazzjoni (Komponent 3).** Mil-lat ambjentali, huwa partikolarment rilevanti t-tagħmir tal-IT, li t-tħaddim tiegħu jista' jikkawża emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra. Ħsara sinifikanti għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima hija evitata fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta permezz ta' impenn għall-użu tal-aħjar infrastruttura tal-IT disponibbli. Għal dan il-għan, Malta kkonfermat li se tikkonforma mad-Direttiva dwar l-Ekodisinn għat-tagħmir tal-ICT u li ċ-ċentri tad-*data* se jimplimentaw il-prattiki rilevanti elenkati bħala "prattiki mistennija" fil-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika fiċ-Ċentri tad-*Data*.

**Il-pjan jinkludi wkoll għadd ta' riformi istituzzjonali u regolatorji (il-Komponent 6) u miżuri relatati mal-ġestjoni tal-iskart (il-Komponent 1), l-edukazzjoni u l-ħiliet (il-Komponent 5) u s-saħħa (il-Komponent 4).** Il-valutazzjoni DNSH ikkonfermat li dawn ma għandhom l-ebda impatt ambjentali negattiv, filwaqt li tiżgura li dawn ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali.

**Ingħatat attenzjoni partikolari lill-miżuri li l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-objettivi ambjentali jeħtieġ skrutinju mill-qrib.** Il-Komponent 2 jinkludi l-bini ta' sit ġdid ta' nżul ta' laneċ. L-investiment huwa mistenni li jċaqlaq it-trasport mit-toroq għall-baħar, u b'hekk jinkoraġġixxi l-multimodalità b'modi ta' trasport aktar nodfa u jindirizza l-konġestjoni tat-traffiku. Madankollu, għalissa, ma jistax jiġi żgurat li l-bastimenti mingħajr emissjonijiet biss jużaw l-infrastruttura. Għalhekk, f'konformità mal-Gwida Teknika DNSH, Malta - bħala miżura ta' sostenn - se tinstalla l-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku għall-bastimenti. Il-pilastri alimentatriċi għall-bastimenti elettriċi huma mistennija li jevitaw effetti ta' intrappolament dannużi u jwittu t-triq għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bil-laneċ f'Malta. L-installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar hija meħtieġa fi stadju importanti, li jiżgura li ma tkun mistennija l-ebda ħsara sinifikanti għall-objettivi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tat-tniġġis. Il-proġett se jivvaluta wkoll l-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni biex jiżgura li jitħejja għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ fejn fattibbli. Barra minn hekk, Malta impenjat ruħha b'mod vinkolanti biex timplimenta kwalunkwe rekwiżit mill-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u valutazzjonijiet xierqa oħra meħtieġa għall-miżura. Ittieħdu wkoll salvagwardji addizzjonali għall-adozzjoni ppjanata tal-Istrateġija tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni u għal waħda mill-miżuri ta' implimentazzjoni relatati mar-restawr tal-barrieri eżawriti. Ir-riskju ta' ħsara sinifikanti jiġi evitat billi jiġu stabbiliti fi stadji importanti li l-ebda attività ma għandha twassal għal żieda sinifikanti fir-rimi tal-iskart jew għal diżinċentivi għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ. Barra minn hekk, l-iskart użat għar-radam mill-ġdid għandu jkun: (1) skart mhux perikoluż xieraq li jissostitwixxi materjali mhux skart; u (2) limitat għall-ammont strettament meħtieġ, f'konformità mal-Artikolu 3(17a) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

B'kont meħud tal-valutazzjoni tal-miżuri kollha previsti, l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' riformi u investimenti inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta mhi mistennija tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 2020/852 (il-prinċipju "la ma tagħmilx ħsara sinifikanti"). Dan ikun jiġġustifika il-klassifikazzjoni ta' A skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.4 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

## 4.5. Tranżizzjoni ekoloġika

*Mira klimatika*

**Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi tat-tibdil fil-klima fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jammontaw għal EUR 170,1 miljun, li jirrappreżentaw 53,8 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan**[31]**.** Mis-sitt komponenti fil-pjan, tnejn jinkludu n-nefqa li tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jsegwi b'mod korrett il-metodoloġija għat-trekkjar klimatiku stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament RRF.** Għal kull miżura, il-pjan jidentifika l-oqsma ta' intervent u l-koeffiċjenti korrispondenti għall-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi klimatiċi. Jenħtieġ li jiġi nnotat dan li ġej:

- Il-miżuri ta' riforma proposti għall-kontribuzzjoni klimatika ma għandhom l-ebda kost assoċjat fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. F'dan il-kuntest, il-pjan ma jidentifikax l-oqsma ta' intervent għal dawn il-miżuri, u ma jikkontribwixxux biex tintlaħaq il-mira klimatika.
- Xi miżuri tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonsistu f'diversi sottomiżuri. Għal dawn il-miżuri, il-pjan jindika qasam ta' intervent għal kull sottomiżura u jikkalkula l-kontribuzzjoni klimatika fil-livell ta' sottomiżura.
- Fejn rilevanti, l-istadji importanti u l-miri jinkludu speċifikazzjonijiet li jiżguraw li r-rekwiżiti ta' qasam ta' intervent jintlaħqu (pereżempju, fejn jintuża qasam ta' intervent 025ter - Il-kostruzzjoni ta' bini ġdid effiċjenti fl-użu tal-enerġija, stadju importanti/mira jispeċifikaw li l-binjiet jeħtieġ li jkollhom domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit NZEB (binjiet b'użu ta' enerġija qrib iż-żero, direttivi nazzjonali).
- L-għażla tal-oqsma ta' intervent għat-tranżizzjoni klimatika hija ġġustifikata sew u tirrifletti n-natura, il-fokus, l-objettiv jew l-eżitu mistenni tal-investimenti.
- Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jipproponix li jiżdiedu l-koeffiċjenti klimatiċi għal kwalunkwe miżura.

[31] It-Tabella 8 fl-Anness tippreżenta l-applikazzjoni dettaljata tal-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku għall-miżuri u s-sottomiżuri kollha b'kontribut għall-klima.

**Tabella 6: Kontribuzzjoni klimatika u kost għal kull komponent**

| Komponent | Kost<br><br>(miljun EUR) | Kontribuzzjoni klimatika (EUR miljun) | Kontribuzzjoni klimatika (perċentwal tal-allokazzjoni totali tal-pjan) |
|---|---|---|---|
| C1 L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba, enerġija nadifa u ekonomija ċirkolari | 77,9 | 69,3 | 21,9 % |
| C2 L-indirizzar tan-newtralità tal-karbonju permezz tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport | 110,4 | 100,9 | 31,8 % |
| C3 It-trawwim ta' ekonomija diġitali, intelliġenti u reżiljenti | 55,3 | - | - |
| C4 It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa | 49,9 | - | - |
| C5 It-titjib tal-edukazzjoni ta' kwalità u t-trawwim tas-sostenibbiltà soċjoekonomika | 41,4 | - | - |
| C6 It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali | 10 | - | - |
| Kontribuzzjoni globali | | 170,1 | 53,8 % |

*Nota: L-allokazzjoni totali tal-pjan hija ta' EUR 316 403 496. Dan jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Malta tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa ogħla mill-allokazzjoni totali tal-pjan.*

**Il-miżuri tat-trasport sostenibbli jipprovdu l-akbar kontribut għall-objettivi klimatiċi.** Il-Komponent 2 huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja mit-trasport fil-modi kollha tat-trasport. Dan jirriżulta f'kontribuzzjoni klimatika ta' EUR 100,9 miljun, aktar minn nofs il-kontribuzzjoni klimatika totali tal-pjan. Il-bini ta' sit ta' nżul tal-laneċ f'Buġibba, il-Bajja ta' San Pawl huwa mistenni li jgħin fit-trasferiment tat-trasport mit-triq għall-baħar, u b'hekk jindirizza kemm il-konġestjoni fit-toroq kif ukoll it-tniġġis tal-arja u l-istorbju fir-reġjun tal-Belt Valletta. Is-sit ta' nżul tal-laneċ għandu jkun mgħammar b'infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku li tippermetti l-elettrifikazzjoni tat-trasport bil-laneċ u l-użu ta' bastimenti b'emissjonijiet żero, f'konformità mal-inizjattiva emblematika "iċċarġjar u fjuwil mill-ġdid". Barra minn hekk, skema ta' appoġġ finanzjarju hija stabbilita biex tippromwovi x-xiri ta' vetturi elettriċi mingħajr emissjonijiet fis-settur privat. Bl-istess mod, investiment ieħor se jappoġġa x-xiri ta' vetturi elettriċi b'emissjonijiet żero fis-settur pubbliku. Barra minn hekk, investiment wieħed għandu l-għan li jiddekarbonizza l-flotta tat-trasport pubbliku permezz tax-xiri ta' karozzi tal-linja elettriċi mingħajr emissjonijiet. B'mod partikolari, dawn l-investimenti huma sostnuti minn riformi importanti. Pereżempju, l-introduzzjoni tat-trasport pubbliku b'xejn għal gruppi addizzjonali se jinċentiva l-użu tat-trasport kollettiv bit-triq. Bl-istess mod, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-reġjun tal-Belt Valletta, il-ħolqien ta' żoni ta' riġenerazzjoni, u kampanja ta' sensibilizzazzjoni huma kollha mistennija li jagħmlu t-trasport aktar sostenibbli. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu rispons komprensiv biex jiġi appoġġat it-tnaqqis ta' emissjonijiet dannużi mill-fjuwils fossili fis-settur tat-trasport.

**L-interventi tal-effiċjenza fl-enerġija jammontaw ukoll għal parti kbira mill-kontribuzzjoni klimatika.** Dawn jinkisbu prinċipalment permezz tar-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku u privat eżistenti u, sa ċertu punt, il-kostruzzjoni ta' bini ġdid effiċjenti fl-enerġija taħt il-Komponent 1. Il-miżuri jew is-sottomiżuri mmarkati b'oqsma ta' intervent korrispondenti jikkontribwixxu EUR 64,3 miljun għall-objettivi klimatiċi. Dan jikkorrispondi għal madwar terz tal-kontribuzzjoni klimatika totali tal-pjan. F'konformità mal-inizjattiva ewlenija għar-"rinnovazzjoni", l-interventi tal-effiċjenza enerġetika jimmiraw lejn it-tħaddir u l-modifika retroattiva tal-bini kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, bħal sptarijiet u skejjel pubbliċi. Barra minn hekk, il-bini ta' skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju huwa proġett pilota li huwa mistenni li jservi bħala mudell għall-futur u jipprovdi ambjent ta' tagħlim li jibqa' validu fil-futur għall-istudenti. Malta tiżgura permezz ta' stadju importanti jew mira li jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' effiċjenza enerġetika. Ġie żgurat ukoll li l-finanzjament allokat għal dawn il-miżuri jkun biżżejjed biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ. Madankollu, se jkun meħtieġ finanzjament pubbliku addizzjonali biex jintlaħqu l-objettivi tal-iffrankar tal-enerġija tal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima għall-2030, b'mod partikolari għar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija f'unitajiet domestiċi privati.

**L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli jippromwovu l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni f'Malta u jikkontribwixxu EUR 5 miljun għall-mira klimatika.** Il-Komponent 1 jinkludi investimenti f'sistemi fotovoltajċi fuq il-bejt f'binjiet, toroq, mogħdijiet, u spazji pubbliċi oħra, li jappoġġaw l-inizjattiva ewlenija "enerġizzazzjoni". Sistemi fotovoltajċi bħal dawn huma

maħsuba biex jintużaw biex iħaddmu l-enerġija rinnovabbli għat-tidwil tat-toroq u l-punti għall-qsim pedonali, għall-punti tal-iċċarġjar għall-karozzi elettriċi u għar-roti elettriċi, għall-punti tal-iċċarġjar tal-USB, għall-kameras tas-sigurtà, għall-hotspots tal-Wi-Fi u għal teknoloġiji oħra tat-toroq. Dawn l-investimenti se jservu bħala mudell biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni ambjentali u tiġi żgurata viżibbiltà għolja tal-investimenti fl-enerġija rinnovabbli.

*Tranżizzjoni ekoloġika*

**Il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-ħarsien ambjentali.** Il-pjan jappoġġa l-objettivi ta' Malta għad-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni tal-enerġija, kif stabbilit fl-NECP. F'dan, Malta timpenja ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (-19 % fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS meta mqabbla mal-2005), iżżid l-effiċjenza enerġetika (tnaqqas l-intensità tal-enerġija primarja għal 0,07 toe/EUR), u żżid l-enerġija rinnovabbli (li tilħaq il-11,5 % tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija). L-objettivi tal-NECP ta' livell għoli jinkludu wkoll l-iżgurar tad-diversifikazzjoni kontinwa tas-sorsi tal-enerġija, iż-żieda fil-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, l-indirizzar tal-faqar enerġetiku, u l-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-enerġija u fl-ilma. L-NECP jiżgura koerenza bejn l-oqsma tal-enerġija u tal-klima, kif ukoll l-interkonnessjoni mad-dimensjonijiet ekoloġiċi u tat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-investimenti previsti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Huwa importanti li l-pjan jgħin ukoll biex it-tranżizzjoni klimatika ssir ġusta (pereżempju, permezz tal-introduzzjoni ta' trasport pubbliku b'xejn). Huwa jappoġġa wkoll lil Malta biex tilħaq il-miri nazzjonali għall-enerġija u l-klima stabbiliti fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima għall-2030 u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. L-investimenti fit-trasport se jgħinu biex jiġi dekarbonizzat wieħed mis-setturi ta' Malta li l-aktar li jikkontiribwixxi fl-emissjonijiet billi l-karozzi li jużaw il-fjuwils fossili jiġu sostitwiti jew b'vetturi nodfa jew b'mezzi alternattivi tat-trasport. Ir-rinnovazzjonijiet tal-bini se jnaqqsu l-użu taż-żejt tal-fjuwil u l-elettriku moħli.

**Filwaqt li l-pjan ma fih l-ebda miżura li għandha l-bijodiversità bħala l-objettiv tagħha, uħud mill-miżuri jistgħu jkunu ta' benefiċċju indirett għall-bijodiversità.** Pereżempju, il-miżuri li jappoġġjaw it-tnaqqis fl-emissjonijiet tat-tniġġis mir-rinnovazzjonijiet tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, u t-tisħiħ ippjanat tal-ġestjoni tal-iskart huma mistennija li jkunu ta' benefiċċju għall-bijodiversità. Barra minn hekk, Malta wettqet valutazzjoni sistematika tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" li tindika li l-ebda waħda mill-miżuri proposti ma tiġġenera ħsara għall-bijodiversità. Filwaqt li jitqies li t-tniġġis huwa wieħed mill-motivaturi diretti tat-telf tal-bijodiversità, ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika taħt il-Komponent 1 u l-miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport taħt il-Komponent 2 huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu. Billi jnaqqas l-emissjonijiet, il-pjan għandu l-għan li jnaqqas l-impatt negattiv fuq il-bijodiversità. Din il-pożizzjoni hija wkoll konformi mal-*Pjan ta' Azzjoni tal-UE*: *Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, l-Ilma u l-Ħamrija.* Barra minn hekk, il-Komponent 1 jinkludi miżuri dwar l-iskart muniċipali, l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (bħall-abbozz tal-istrateġija tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għal Malta), il-plastik li jintuża darba biss u r-responsabbiltà estiża tal-produtturi. It-titjib tal-qafas tal-politika dwar l-iskart huwa mistenni li jtejjeb il-prevenzjoni tal-iskart, il-ġbir

separat tal-iskart, u t-trattament tal-iskart f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-ħarsien tal-bijodiversità fil-gżejjer. Il-pjan ma jinkludix miżuri li jindirizzaw l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, għalkemm l-investimenti ewlenin tiegħu huma reżistenti għat-tibdil fil-klima biex jindirizzaw kwistjonijiet bħaż-żidiet fil-livell tal-baħar.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

Filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-miżuri kollha previsti, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni, fil-biċċa l-kbira, li jagħti kontribut sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika jew li jindirizza l-isfidi li jirriżultaw minnha u jiżgura li mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni totali tiegħu jikkontribwixxu għall-mira klimatika. Dan ikun jiġġustifika il-klassifikazzjoni ta' A taħt il-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

### 4.6. It-tranżizzjoni diġitali

*Tikkettar diġitali*

**Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jammontaw għal EUR 80,8 miljun, li jirrappreżentaw 25,5 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan.**[32] Mis-sitt komponenti fil-pjan, tlieta jinkludu n-nefqa li tikkontribwixxi għall-objettivi diġitali.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jsegwi b'mod korrett il-metodoloġija għat-tikkettar diġitali** stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament RRF, billi jidentifika l-oqsma ta' intervent u l-koeffiċjenti korrispondenti għall-kalkolu tal-kontribut ta' kull miżura għall-objettivi diġitali. Jenħtieġ li jiġi nnotat dan li ġej:

- Il-miżuri ta' riforma proposti għall-kontribuzzjoni diġitali ma għandhom l-ebda kost assoċjat li jrid jiġi ffinanzjat skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. F'dan il-kuntest, il-pjan ma jidentifikax l-oqsma ta' intervent għal dawn il-miżuri, u ma jikkontribwixxux biex tintlaħaq il-mira diġitali.
- Xi miżuri tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonsistu f'diversi sottomiżuri. Għal dawn il-miżuri, il-pjan jindika qasam ta' intervent għal kull sottomiżura u jikkalkula l-kontribuzzjoni diġitali fil-livell ta' sottomiżura.
- L-għażla tal-oqsma ta' intervent għat-trasformazzjoni diġitali hija ġġustifikata sew u tirrifletti n-natura, il-fokus, l-objettiv jew l-eżitu mistenni tal-investimenti.
- Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jipproponix li jiżdiedu l-koeffiċjenti diġitali għall-ebda miżura.

[32] It-Tabella 8 fl-Anness tippreżenta l-applikazzjoni dettaljata tal-metodoloġija tat-tikkettar diġitali għall-miżuri u s-sottomiżuri kollha b'kontribuzzjoni diġitali.

**Tabella 7: Kontribuzzjoni diġitali u kost għal kull komponent**

| Komponent | Kost (miljun EUR) | Kontribuzzjoni diġitali (EUR miljun) | Kontribuzzjoni diġitali (perċentwal tal-allokazzjoni totali tal-pjan) |
|---|---|---|---|
| C1 L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba, enerġija nadifa u ekonomija ċirkolari | 77,9 | - | - |
| C2 L-indirizzar tan-newtralità tal-karbonju permezz tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport | 110,4 | - | - |
| C3 It-trawwim ta' ekonomija diġitali, intelliġenti u reżiljenti | 55,3 | 55.3 | 17,5 % |
| C4 It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa | 49,9 | 15,5 | 4,9 % |
| C5 It-titjib tal-edukazzjoni ta' kwalità u t-trawwim tas-sostenibbiltà soċjoekonomika | 41,4 | - | - |
| C6 It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali | 10 | 10 | 3,2 % |
| Kontribuzzjoni globali | | 80,8 | 25,5 % |

*Nota: l-allokazzjoni totali tal-pjan hija ta' EUR 316,403,496. Dan jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Malta tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa ogħla mill-allokazzjoni totali tal-pjan.*

*It-tranżizzjoni diġitali*

**Il-pjan ta' Malta għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni diġitali billi jiffoka fuq it-tisħiħ tas-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika u jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tan-negozji.** Il-Komponent 3 dwar id-diġitalizzazzjoni huwa ddedikat bis-sħiħ għat-tranżizzjoni diġitali u jikkonsisti f'erba' investimenti u żewġ riformi komplementari li jiffukaw fuq id-diġitalizzazzjoni tas-setturi pubbliċi u privati. Il-Komponent 4 dwar is-sistema tas-saħħa jiddedika sehem konsiderevoli mir-riżorsi tiegħu għat-tranżizzjoni diġitali fis-settur tal-kura tas-saħħa. L-investiment taħt il-Komponent 6 dwar il-qafas istituzzjonali huwa allokat għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja ta' Malta.

**Il-miżuri diġitali fil-pjan jikkontribwixxu għall-inizjattiva ewlenija tal-UE "modernizzazzjoni" stabbilita fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-Kummissjoni (COM/2020/575).** Ir-riformi u l-investimenti previsti relatati mat-tranżizzjoni diġitali se jsaħħu b'mod partikolari r-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sigurtà tal-infrastrutturi u s-servizzi diġitali tal-gvern, inklużi s-sistemi tal-ġustizzja u tal-kura tas-saħħa.

**B'mod ġenerali, il-miżuri diġitali fil-pjan Malti huma allinjati sew mal-objettivi diġitali tal-RRF.** Il-miżuri tal-pjan ikopru tliet oqsma identifikati fl-Anness VII tar-Regolament RRF:

- id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi;
- id-diġitalizzazzjoni tan-negozji: kif ukoll
- l-investiment fil-kapital uman.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih riformi li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni u l-modernizzazzjoni diġitali f'Malta.** Riforma waħda fil-pjan tipprevedi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi rigward it-tliet objettivi ewlenin tal-Istrateġija Diġitali 2021-2027 li jmiss ta' Malta: (i) li jitnaqqas id-distakk diġitali (b'mod partikolari billi jingħata appoġġ lill-familji b'introjtu baxx biex jiġu konnessi u jkollhom aċċess għall-kompjuters, u għall-għarfien relatat); (ii) li jiġu promossi l-ħiliet diġitali (b'mod partikolari billi jiġu żviluppati sett ta' inizjattivi għat-titjib tal-ħiliet u ż-żieda fil-ġabra ta' professjonisti tal-ICT f'Malta); u (iii) li jitjiebu s-servizzi pubbliċi diġitali (inkluż it-twassil tagħhom, l-użu ta' teknoloġiji emerġenti u l-forniment ta' aċċess miftuħ għall-bażijiet tad-*data* pubbliċi tal-gvern). Filwaqt li l-pjan jipprevedi investimenti biex jiġi indirizzat it-tielet objettiv, l-implimentazzjoni tal-miżuri biex jitnaqqas id-distakk diġitali u jiġi promoss l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali se tkun appoġġata minn finanzjament nazzjonali u finanzjament ieħor tal-UE, barra l-pjan. Riforma oħra inkluża fil-pjan se tistabbilixxi u timplimenta qafas ta' politika ġdid għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, b'enfasi fuq it-trawwim tar-riċerka tan-negozju u l-innovazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni pubblika-privata biex ir-riżultati tar-riċerka jiġu ttrasformati f'soluzzjonijiet lesti għas-suq.

**Is-sehem ewlieni tal-investimenti relatati mat-tranżizzjoni diġitali huwa ddedikat għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi.** Il-pjan jinkludi tliet investimenti għad-diġitalizzazzjoni tagħhom, li jammontaw għal EUR 40,3 miljun:

(i) Il-pjan jipprevedi investiment fil-qafas diġitali tal-gvern biex isaħħaħ ir-reżiljenza, il-kapaċità u s-sigurtà tiegħu u biex iżid l-omoġeneità, l-istandardizzazzjoni u l-kondiviżjoni tas-servizzi fl-amministrazzjoni pubblika (investiment C3.I.1). Il-qafas diġitali se jservi wkoll bħala l-pedament orizzontali li jippermetti l-prinċipji tad-diġitalizzazzjoni, bħall-prinċipju ta' darba, u l-kondiviżjoni tad-*data*. Dan l-investiment huwa mistenni wkoll li jinkludi l-għoti ta' taħriġ lill-uffiċjali pubbliċi, b'mod partikolari dwar iċ-ċibersigurtà u l-użu ta' teknoloġiji ġodda. Azzjoni usa' għall-iżvilupp ta' ħiliet diġitali se tiġi appoġġata permezz tal-użu ta' programmi oħra ta' finanzjament tal-UE, bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus.

(ii) Investiment ieħor se jiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tat-Tbaħħir Merkantili ta' Transport Malta. Dan se jgħin biex jiġu żgurati prattiki regolatorji aktar effiċjenti u jittejbu l-operazzjonijiet interni, ir-relazzjonijiet mal-klijenti u l-amministrazzjoni fi ħdan dak id-direttorat (investiment C3.I.2). Huwa previst ukoll taħriġ għat-titjib tal-ħiliet tal-uffiċjali pubbliċi.

(iii) Fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, il-pjan se jtejjeb ukoll is-servizzi pubbliċi, is-servizzi interni fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika, l-esperjenza tal-klijenti tal-front-end, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-*data*, id-desktops virtwali, il-proċess tat-trasferiment tal-proprjetà, il-punt uniku ta' servizz nazzjonali għad-dwana, u l-għodod diġitali għat-telexogħol tal-uffiċjali pubbliċi (investiment C3.I.3). Dan it-titjib huwa mmirat b'mod partikolari lejn iż-żieda fl-użu tas-servizzi tal-gvern elettroniku mill-

popolazzjoni; din kienet sfida f'Malta. Il-pjan jipprevedi wkoll disinn ta' servizzi ċċentrat fuq il-klijent, li se jinvolvi lill-klijenti biex jidentifikaw u jsolvu l-ħtiġijiet u l-isfidi tagħhom.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni wkoll li jintensifika d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat.** Il-pjan jipprevedi l-istabbiliment ta' diversi miżuri, b'baġit ta' EUR 15-il miljun, biex tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni ta' kumpaniji f'diversi setturi ekonomiċi, inklużi l-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, it-turiżmu (inkluża l-kultura) u l-manifattura (investiment C3.I.4). Din il-miżura se tgħin lill-kumpaniji jiddiġitalizzaw l-operazzjonijiet tagħhom (f'termini ta' hardware, software u soluzzjonijiet diġitali), u b'hekk ittejjeb l-effiċjenza, il-produttività u l-esperjenza tal-klijenti tagħhom. Din għandha fil-mira investimenti f'oqsma bħall-internet tal-oġġetti (IoT), iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-*data*, ir-realtà awmentata u l-intelliġenza artifiċjali. Huwa previst appoġġ għall-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi u dawk li jaħdmu għal rashom. Din se tkun kumplimentari għall-appoġġ ipprovdut taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi investiment sinifikanti (EUR 15,5 miljun) fid-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa.** Il-pjan huwa mistenni li jħaffef it-tranżizzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa ta' Malta biex tkun tista' tiddependi aktar fuq id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda. It-trasformazzjoni diġitali tal-proċessi ta' involviment tal-outpatients u tal-konsumaturi - billi tippermetti l-użu effettiv tar-riżorsi, il-ġestjoni tal-ħin u l-flussi tax-xogħol - se ttejjeb il-kwalità tal-kura tal-pazjenti u l-esperjenza tal-pazjenti u tnaqqas il-ħinijiet ta' stennija (investiment C4.I.2).

**Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiddedika fondi mdaqqsa (EUR 10 miljun) għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja ta' Malta.** Il-pjan jipprevedi l-implimentazzjoni ta' għadd ta' soluzzjonijiet u għodod diġitali siguri biex jappoġġaw lill-utenti fis-settur tal-ġustizzja permezz ta' kollaborazzjoni u integrazzjoni, aċċessibbiltà akbar għall-ġustizzja, u effiċjenza akbar (investiment C6.I.1). B'mod partikolari, il-pjan jipprevedi soluzzjonijiet diġitali li se jipprovdu għal sistema integrata ta' arkivjar elettroniku fis-sistema ġudizzjarja kollha. Soluzzjonijiet diġitali oħra se jkollhom fil-mira l-ħtiġijiet partikolari ta' segmenti u partijiet ikkonċernati differenti fi ħdan is-sistema ġudizzjarja. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin li jirrigwardawhom il-miżuri rilevanti huma l-qrati, il-forza tal-pulizija ta' Malta, l-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali, l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali u l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**B'mod ġenerali, il-miżuri msemmija hawn fuq fil-pjan huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi fuq il-kapaċità ta' Malta li taħtaf l-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjoni diġitali u tindirizza l-isfidi li jirriżultaw minnha.** Il-pjan se jagħti kontribut importanti biex tiġi żgurata amministrazzjoni pubblika orjentata lejn iċ-ċittadini u s-servizzi b'infrastruttura diġitali moderna u sigura. Dan se jkun ukoll kruċjali biex jiżdiedu l-varjetà, l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi diġitali u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-individwi, il-kumpaniji u l-amministrazzjoni. Sabiex jinkiseb impatt fit-tul u trasformattiv, se jkun importanti li dawn l-investimenti jiġu akkoppjati mal-bini tal-kapaċità, tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' soluzzjonijiet u sistemi diġitali differenti, u tingħata kunsiderazzjoni xierqa lis-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura u s-servizzi li se jinkisbu. Se jinkisbu wkoll aktar effetti kollatertali permezz tal-

involviment tas-settur privat, jiġifieri SMEs Maltin u negozji ġodda, fl-iżvilupp ta' servizzi mtejba.

**Minbarra s-settur pubbliku, il-pjan se jipprovdi appoġġ importanti għad-diġitalizzazzjoni tas-settur privat, b'mod partikolari l-SMEs f'diversi industriji, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija ta' Malta.** Sabiex jiġu massimizzati l-impatti ta' din il-miżura, huwa partikolarment importanti li l-investimenti f'assi diġitali jintrabtu ma' investimenti fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, sabiex jinbnew il-kapaċitajiet u jiġu promossi proċessi ta' diġitalizzazzjoni verament trasformattivi fost l-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi żgurata sinerġija b'saħħitha bejn l-investimenti għad-diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-miżuri li jsaħħu l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà taħt l-investiment C3.I.1. Permezz tad-diġitalizzazzjoni, il-pjan se jtejjeb ukoll il-funzjonament tal-kura tas-saħħa u tas-sistemi ġudizzjarji, filwaqt li jżid l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tagħhom.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

Filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-miżuri kollha previsti, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni, fil-biċċa l-kbira, li jagħti kontribut sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali jew li jindirizza l-isfidi li jirriżultaw minnha u jiżgura li mill-inqas 20 % tal-allokazzjoni totali tiegħu jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-objettivi diġitali. Dan ikun jiġġustifika il-klassifikazzjoni ta' A taħt il-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

### 4.7. L-impatt dejjiemi tal-pjan

**Ir-riformi u l-investimenti proposti huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv u dejjiemi fuq l-ekonomija u s-soċjetà ta' Malta.** Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi pakkett ambizzjuż ta' miżuri mmirati biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-miżuri jiffaċilitaw ukoll it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u jsaħħu l-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika u soċjali ta' Malta.

*Bidla strutturali fl-amministrazzjoni u fl-istituzzjonijiet*

**Il-pjan jippreżenta bidliet strutturali fl-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiż u fl-istituzzjonijiet relatati.** Dan huwa partikolarment il-każ f'komponenti li jindirizzaw il-qafas istituzzjonali (il-Komponent 6), id-diġitalizzazzjoni (il-Komponent 3), u s-saħħa (il-Komponent 4).

**Il-pjan huwa mistenni li jsaħħaħ il-qafas istituzzjonali tas-sistema ġudizzjarja u l-entitajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Malta.** Ir-riformi li joħolqu salvagwardji aħjar għall-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja u jtejbu l-funzjonament tagħha huma importanti biex jiżguraw l-effettività tagħha u jsaħħu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet filwaqt li jtejbu wkoll l-ambjent tan-negozju. Riformi importanti huma inklużi biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, tiżdied il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, jissaħħu l-entitajiet kontra l-korruzzjoni, jinħoloq servizz ta' prosekuzzjoni separat u aktar responsabbli, u tiżdied it-trasparenza fil-ħatra tal-ogħla pożizzjonijiet. L-istituzzjonijiet li jiġġieldu l-ħasil tal-flus huma mistennija wkoll li jissaħħu aktar permezz ta' taħriġ immirat, l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni nazzjonali "kontra l-ħasil tal-flus / il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu / is-sanzjonijiet finanzjarji

mmirati", li jindirizzaw l-azzjonijiet pendenti meħtieġa mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, u permezz tal-bini tal-kapaċità u l-funzjonament aħjar tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**Il-pjan għandu l-għan li jagħti spinta lit-tħejjija diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u jtejjeb is-servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini.** Dan huwa minnu, fost affarijiet oħra, għas-settur tat-tbaħħir merkantili fi ħdan Transport Malta u l-qrati Maltin. Dawn l-investimenti huma mistennija li jtejbu l-effettività u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika billi jipprovdu lill-utenti aħħarin servizz aħjar u aċċess rapidu għall-informazzjoni, filwaqt li jippermettu wkoll aċċess mill-bogħod għal ċerti servizzi, inkluża l-ġustizzja. Il-forniturі tas-servizzi nfushom se jibbenefikaw ukoll minn teknoloġiji mtejba billi jtejbu l-metodi ta' ħidma tagħhom stess.

**Il-komponent tas-saħħa jipprevedi wkoll għadd ta' bidliet istituzzjonali li għandhom l-għan li jtejbu s-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-kwalità tas-sistema tas-saħħa.** Sistema tal-kura tas-saħħa reżiljenti u ta' kwalità għolja hija importanti minħabba t-tixjiħ sinifikanti tal-popolazzjoni ta' Malta u l-influss rapidu ta' ħaddiema barranin. Malta, bil-bilanċ tal-kostijiet tan-nefqa kapitali ma' trattamenti innovattivi li altrimenti kienu jiġu mfittxija barra mill-pajjiż, għandha l-għan li tnaqqas in-nefqa tagħha fuq is-saħħa fit-tul. Il-komponent għandu l-għan ukoll li jindirizza tħassib importanti fil-funzjonament tas-sistema tas-saħħa ta' Malta, jiġifieri l-kapital uman tagħha. Billi jindirizza l-ostakli għar-reklutaġġ, iż-żamma u l-integrazzjoni ta' ħaddiema barranin, il-pjan għandu l-għan li jtejjeb l-istrutturi interni tas-servizz tas-saħħa ta' Malta.

*Bidla strutturali fil-politiki*

**Il-komponenti kollha jinkludu bidliet strutturali fit-tul relatati mal-politika.** L-aktar prominenti huma l-komponenti li jindirizzaw l-ekonomija ċirkolari: L-enerġija rinnovabbli u r-rinnovazzjoni tal-bini (il-Komponent 1), u d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport (il-Komponent 2); Kif ukoll l-edukazzjoni u s-sostenibbiltà soċjoekonomika (il-Komponent 5). Barra minn hekk, ir-riformi proposti biex jindirizzaw it-tħassib dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa (il-Komponent 6) huma, sa ċertu punt, mistennija wkoll li jkollhom impatt dejjiemi permezz ta' bidliet fil-politika tat-tassazzjoni.

**Il-bidliet fil-politika strutturali jimmiraw lejn il-kostruzzjoni sostenibbli, biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u biex itejbu l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-iskart.** Malta għandha l-għan li tiżviluppa strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-bini li se twitti t-triq għad-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini tagħha sal-2050. It-twaqqif ta' awtorità tal-bini se jirrimedja l-frammentazzjoni tar-responsabbiltajiet li tirrappreżenta ostaklu ewlieni għal dan l-objettiv, filwaqt li r-rinnovazzjoni ta' għadd ta' binjiet tas-settur privat u pubbliku se taġixxi bħala mudell għal aktar rinnovazzjonijiet. L-immaniġġjar tal-iskart qed jiġi rriformat ukoll permezz tal-organizzazzjoni mill-ġdid tal-ġbir tal-iskart, l-estensjoni tal-qafas tar-responsabbiltà tal-produttur għal flussi addizzjonali ta' skart, il-limitazzjoni tal-produzzjoni u l-bejgħ ta' plastik li jintuża darba biss, u miżuri li jindirizzaw l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. Li jkun hemm fil-mira l-kostruzzjoni sostenibbli, u l-iskart tagħha, huwa bidla importanti fil-politika strutturali minħabba t-tkabbir rapidu f'dan is-settur li segwa t-tkabbir qawwi fil-popolazzjoni u l-wasliet tat-turisti.

**Diversi miżuri jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-konġestjoni tat-traffiku u l-emissjonijiet, li żdiedu f'konformità maż-żieda fil-popolazzjoni.** Il-pjan għandu l-għan li jnaqqas l-użu tal-karozzi permezz ta' diversi miżuri, inkluż trasport marittimu aħjar, il-promozzjoni tal-użu tat-trasport pubbliku u ride-sharing fis-servizz pubbliku, u l-ħolqien ta' spazji miftuħa għall-persuni mexjin f'żoni urbani. L-investimenti għandhom ukoll l-għan li jnaqqsu l-marka tal-karbonju tas-settur tat-trasport permezz tal-elettrifikazzjoni tal-vetturi fis-setturi privati u pubbliċi, inkluża parti mill-flotta tat-trasport pubbliku.

**Peress li l-edukazzjoni u t-taħriġ ġew deskritti ripetutament bħala sfida għal Malta fis-Semestru Ewropew, il-pjan jipproponi bidliet fil-politika strutturali f'dan il-qasam.** Dawn għandhom l-għan li jsaħħu l-miżuri biex jipprevjenu u jintervjenu fit-tluq bikri mill-iskola, joħolqu opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet emerġenti, itejbu l-edukazzjoni inklużiva għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali, u jtejbu s-sistema ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni. L-istudji tat-turiżmu, settur importanti tal-ekonomija Maltija, qed jiġu mmirati direttament ukoll permezz tal-ħolqien ta' ċentru ġdid għall-edukazzjoni vokazzjonali f'dan il-qasam. Servizz ta' kwalità ogħla pprovdut fl-industrija tal-ospitalità jista' jattira turisti b'valur miżjud ogħla lejn il-gżira. Barra minn hekk, is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi qed tiġi indirizzata wkoll permezz ta' aktar żvilupp tal-analiżi regolari u l-monitoraġġ tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-benefiċċji tal-qgħad.

**Malta ħadet ukoll ċerti passi biex tindirizza t-tħassib dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.** Erba' riformi għandhom fil-mira l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn korporattivi u individwi; dawn ir-riformi huma mistennija li jkollhom impatt fuq l-evitar tat-taxxa. Malta qed tippjana li: tneħħi l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dividendi derivati minn entitajiet residenti f'ġurisdizzjonijiet elenkati fil-lista tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx; tipprevjeni telf fid-dħul pubbliku li jirriżulta minn arbitraġġ fiskali internazzjonali bl-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment; twettaq studju - u ssegwi b'emendi legali - biex jittaffew ir-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa li jirriżultaw minn pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties li jidħlu u joħorġu; u tintroduċi mekkaniżmu ta' skambju spontanju ta' informazzjoni mal-ġurisdizzjonijiet tat-taxxa ta' individwi li jiksbu ċ-ċittadinanza ta' Malta taħt l-iskema taċ-ċittadinanza.

*Impatt dejjiemi*

**Il-pjan jindirizza l-biċċa l-kbira tal-isfidi deskritti fis-Semestru Ewropew.** Dawn huma marbuta ma' pressjonijiet fuq id-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima kkawżati mit-tkabbir rapidu tal-popolazzjoni, diffikultajiet marbuta ma' suq tax-xogħol strett u nuqqas ta' ħiliet, il-ħtieġa li jissaħħu l-istrutturi tal-infurzar tal-liġi ta' Malta u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, it-tassazzjoni, l-iżgurar ta' dispożizzjonijiet aħjar dwar is-saħħa u s-servizzi edukattivi, u wkoll it-tisħiħ tal-miżuri biex l-ekonomija titħejja aħjar għal trasformazzjoni diġitali.

**Il-miżuri proposti huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv u dejjiemi fuq l-ekonomija u l-benesseri ta' Malta.** Il-pjan huwa mistenni li jikkontribwixxi għal: konsum anqas ta' enerġija; titjib tal-kwalità tal-arja; tnaqqis tat-tniġġis akustiku; bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; aċċess imtejjeb u effiċjenti għal servizzi tal-gvern lil negozji u individwi; Aċċess imtejjeb għall-

kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali u s-servizzi edukattivi, u l-kwalità u r-reżiljenza tagħhom; tnaqqis tad-distakk bejn il-provvista tal-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; inqas riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa u ħasil tal-flus; u istituzzjonijiet imsaħħa b'effetti kollatertali pożittivi fuq l-ambjent tan-negozju.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

Filwaqt li jitqiesu r-riformi u l-investimenti kollha previsti minn Malta fil-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza, l-implimentazzjoni tagħhom hija mistennija, fil-biċċa l-kbira, li twassal għal bidla strutturali fl-amministrazzjoni jew fl-istituzzjonijiet rilevanti, u fil-politiki rilevanti, u li jkollha impatt dejjiemi. Dan ikun jiġġustifika klassifikazzjoni ta' A taħt il-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

### 4.8. Stadji importanti, miri, monitoraġġ u implimentazzjoni

*L-adegwatezza tal-istruttura inkarigata bl-implimentazzjoni tal-pjan, il-monitoraġġ tal-progress u r-rappurtar*

**L-istruttura ta' ġestjoni hija definita sew u r-responsabbiltajiet huma allokati b'mod ċar.** Il-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE għandu s-setgħa li jwettaq il-kompiti relatati mal-koordinazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll. Se jaġixxi bħala l-kap tal-RRP - u jkun il-kuntatt ewlieni għall-Kummissjoni - u l-awtorità nazzjonali ta' koordinazzjoni għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-fondi l-oħra kollha tal-UE. Dan jiżgura għarfien espert xieraq mibni fuq l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, imfassla għall-ispeċifiċitajiet tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Fi ħdan il-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE, id-Diviżjoni tal-Koordinazzjoni tal-Ippjanar u tal-Prijoritajiet (PPCD) inħatret biex tipprovdi tmexxija, koordinazzjoni u sorveljanza ġenerali, u b'hekk testendi l-qafas ta' governanza tal-fondi ta' koeżjoni tal-UE għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Fi ħdan il-PPCD, l-unità orizzontali se twettaq il-kompiti ta' kontroll intern relatati mal-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri qabel is-sottomissjoni tat-talba għall-pagament lill-Kummissjoni, filwaqt li l-unità tal-RRP se twettaq il-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan. Iż-żewġ unitajiet huma assenjati persunal separat b'responsabbiltajiet definiti b'mod ċar biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-implimentazzjoni u l-kontroll.

**Il-pjan jiddeskrivi b'mod adegwat il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u rappurtar maħsuba.** Is-sistema ta' ġestjoni u informazzjoni miżmuma mill-PPCD se tintuża għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Is-sistema kienet soġġetta għal diversi awditi mwettqa fil-livell nazzjonali u tal-UE. Is-sistema hija disponibbli biex tirreġistra u taħżen *data* operazzjonali, inkluża *data* relatata mar-riċevituri finali f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE. Din is-sistema se tiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex timmonitorja ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tar-riformi u l-investimenti, inklużi l-istadji importanti, il-miri u l-informazzjoni li tappoġġa l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni finanzjarja tagħhom. Se jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-UE biex jiġi żgurat li d-*data* meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Barra minn hekk, il-benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet se jżommu sistema ta' kontabilità separata u kodiċi ta' kontabilità xieraq għat-tranżazzjonijiet kollha.

*Stadji importanti, miri u indikaturi*

**L-istadji importanti u l-miri inklużi fil-pjan Malti jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan.** L-istadji importanti u l-miri magħżula jirrappreżentaw l-elementi ewlenin tal-miżuri proposti ta' investiment u riforma matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Huma ċari u komprensivi biżżejjed biex jiżguraw li t-tlestija tagħhom tista' tiġi traċċata u vverifikata. Dawn jirriflettu b'mod adegwat il-livell ġenerali tal-ambizzjoni tal-pjan u jidhru realistiċi. L-istadji importanti u l-miri jidhru f'waqthom matul l-iskeda ta' implimentazzjoni tal-pjan. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet deskritti mill-awtoritajiet Maltin jidhru robusti biżżejjed biex jivverifikaw it-tlestija tal-istadji importanti u l-miri, u biex jiġġustifikaw b'mod adegwat it-talbiet għal żborż.

*Arranġamenti organizzattivi ġenerali*

**L-organizzazzjoni ġenerali hija xierqa.** Id-diversi istituzzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni tal-miżuri huma indikati b'mod ċar fid-deskrizzjoni tas-sitt komponenti, li jiżguraw iċ-ċarezza, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni istituzzjonali ġenerali. L-istituzzjonijiet responsabbli involuti fl-eżekuzzjoni ta' kull riforma u investiment se jikkollaboraw fuq bażi regolari mal-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE, li se jaġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ministeru għall-Finanzi u l-Impjiegi. Il-PPCD se jkollha rwol ċentrali fl-għoti ta' tmexxija koordinata u fl-appoġġ għall-implimentazzjoni lil atturi ewlenin oħra involuti fil-proċess, inklużi l-benefiċjarji tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-ministeri kompetenti. Il-persunal se jibbenefika minn pjan ta' taħriġ annwali mfassal apposta għall-ispeċifiċitajiet tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Barra minn hekk, il-persunal reklutat ġdid se jibbenefika minn taħriġ addizzjonali.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

L-arranġamenti proposti minn Malta fil-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza huma mistennija jkunu xierqa biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati. Dan ikun jiġġustifika klassifikazzjoni ta' A skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.8 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

### 4.9. Kost

**Malta pprovdiet stima tal-kostijiet għal kull investiment inkluż fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.** Il-kostijiet kollha jsiru wara Frar 2020 u ma jissostitwixxux in-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti, soġġett għal xi eċċezzjonijiet debitament ġustifikati, u għalhekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tar-Regolament. L-ebda kost ma kien assoċjat mar-riformi fil-pjan. It-tqassim tal-kostijiet huwa ġeneralment dettaljat u sostanzjat tajjeb. Filwaqt li t-tabelli proposti fil-mudell standard imtlew u ġew ippreżentati kif xieraq, Malta ma pprovdietx validazzjoni indipendenti għall-ebda waħda mill-istimi tal-kostijiet proposti. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u dokumenti oħra ta' sostenn juru li l-maġġoranza l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Madankollu, f'xi każijiet limitati, kienu meħtieġa aktar evidenza ta' sostenn u

ġustifikazzjoni aktar ċara għas-suppożizzjonijiet magħmula għal xi miżuri biex tintlaħaq valutazzjoni pożittiva sħiħa.

*Kostijiet raġonevoli*

**L-istimi tal-kostijiet huma ġeneralment ibbażati fuq kalkoli dokumentati sew u komprensivi u suppożizzjonijiet sottostanti sodi.** Fil-biċċa l-kbira, l-istimi huma bbażati fuq tqabbil ma' kuntratti ta' akkwist għal servizzi simili jew investimenti fil-passat ta' natura simili. Fejn dawn huma neqsin, il-kostijiet huma bbażati jew fuq ġudizzju espert ta' aġenziji responsabbli (pereżempju l-Aġenzija Maltija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni għad-diġitalizzazzjoni ewlenija tal-gvern) jew konsulenti privati (pereżempju PwC għad-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tat-Tbaħħir Merkantili). Il-metodoloġija u l-kalkoli huma, fil-parti l-kbira, deskritti b'mod ċar u sostnuti minn suppożizzjonijiet sodi. Madankollu, fi ftit każijiet l-istima tal-kost finali tiddevja mid-*data* tas-sors sottostanti mingħajr spjegazzjoni sħiħa tar-raġunijiet għal tali devjazzjoni. Għall-biċċa l-kbira tal-miżuri, hemm referenzi għal proġetti simili tal-passat u l-evidenza ta' sostenn ġiet ipprovduta, b'eċċezzjonijiet limitati ħafna.

**Fil-livell tal-pjan, il-kostijiet jitqiesu, sa ċertu punt, raġonevoli.** Meta jitqiesu l-limiti tal-valutazzjoni *ex ante* tal-istimi tal-kostijiet, l-ammonti proposti tqiesu xierqa għall-biċċa l-kbira tal-miżuri.

*Kostijiet plawżibbli*

**L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa konformi man-natura u t-tip ta' investimenti previsti.** Għall-biċċa l-kbira tal-investimenti, l-istimi tal-kostijiet huma referenzjati għal proġetti tal-passat ta' natura simili li għalihom hija pprovduta dokumentazzjoni ta' sostenn ċara, u b'hekk jiġġustifikaw il-kostijiet unitarji applikati. Aġġustamenti ulterjuri għall-fatturi ewlenin tal-kostijiet huma ġeneralment spjegati tajjeb. F'xi każijiet, l-ispjegazzjonijiet għall-aġġustamenti li saru meta mqabbla mal-evidenza bbażata fuq proġetti tal-passat ma kinux dettaljati biżżejjed.

*L-ebda finanzjament doppju tal-UE*

**Il-pjan jikkonferma li l-investimenti kollha se jiġu ffinanzjati biss mill-RRF.** Malta tafferma li d-demarkazzjoni bejn diversi sorsi ta' finanzjament hija diġà speċifikata fl-istadju tal-ipprogrammar. Dan għandu l-għan li jiżgura li l-istess kost ma jkunx kopert kemm mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll minn finanzjament ieħor tal-UE, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament RRF. Minħabba l-isforzi biex issir delineazzjoni ċara bejn il-fondi, il-pjan ma jipprevedix il-komplementarjetà tal-finanzjament ma' fondi oħra tal-UE għall-istess investiment. Madankollu, investimenti individwali separati ffinanzjati minn fondi differenti għandhom l-għan li jikkomplementaw lil xulxin sabiex jiżdied l-impatt. Malta stabbiliet ukoll strutturi fil-livell nazzjonali li għandhom jiżguraw konsistenza bejn il-finanzjament u jevitaw il-finanzjament doppju (ara aktar dettalji fit-Taqsima 4.10 Kontrolli u awditi).

*Kostijiet proporzjonati u kosteffiċjenti*

**L-ammont tal-kost totali stmat tal-pjan huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali mistenni tiegħu u huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza.** Ir-raġonevolezza u l-plawżibbiltà tal-kostijiet stmati huma meqjusa bħala medji. Barra minn hekk, il-miżuri ppreżentati fil-pjan huma pproġettati li jkollhom impatt stimulanti fuq l-ekonomija Maltija u l-ħolqien tal-impjiegi (ara t-Taqsima 4.3), u b'hekk itaffu l-impatt negattiv tal-kriżi tal-COVID-19.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

Il-ġustifikazzjoni mogħtija minn Malta dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija, sa ċertu punt, raġonevoli, plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. Malta pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet stmati tar-riformi u l-investimenti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li għandu jiġi ffinanzjat skont il-Faċilità mhuwiex kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Dan ikun jiġġustifika klassifikazzjoni ta' B skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.9 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

## 4.10. Kontrolli u awditi

*Robustezza tas-sistema ta' kontroll intern u d-distribuzzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet*

**Il-pjan jipprovdi informazzjoni dettaljata biżżejjed dwar l-istruttura nazzjonali għas-sistema ta' kontroll intern tal-RRF, li hija simili għal dik użata għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE.** Il-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE f'Malta se jaġixxi bħala l-Koordinatur tal-RRP. Il-Ministeru huwa fdat bl-awtorità biex iwettaq il-kompiti rilevanti kollha relatati mal-ġestjoni u l-kontroll tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u se jkun il-punt uniku ta' kuntatt mal-Kummissjoni għall-pjan. Fi ħdan il-Ministeru, id-Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet (*Planning and Priorities Coordination Division*, PPCD) inħatret biex tipprovdi t-tmexxija, il-monitoraġġ u s-sorveljanza meħtieġa fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan. Se tkun responsabbli wkoll għat-tfassil u l-iffirmar tad-dikjarazzjonijiet tal-ġestjoni u s-sommarji tal-awditi, u għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-ħlas. Se tinħoloq Unità RRF ġdida fi ħdan il-PPCD u se titmexxa minn maniġer responsabbli biex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan u l-kisbiet tal-istadji importanti u l-miri miftiehma. L-implimentazzjoni effettiva se tkun ukoll taħt ir-responsabbiltà diretta tal-PPCD. Barra minn hekk, l-unità orizzontali tal-PPCD eżistenti se twettaq il-funzjoni ta' kontroll intern fuq il-verifika tan-nefqa u fuq il-kisba tal-istadji importanti u l-miri ppjanati.

Il-PPCD se tidħol fi ftehimiet mal-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-investimenti jew ir-riformi rispettivi. Il-ministeri kompetenti se jkunu primarjament responsabbli biex jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' interventi mill-korpi individwali fi ħdan il-portafoll ministerjali.

**L-awtorità tal-awditjar hija d-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet u tal-Awditjar Intern (IAID).** Din hija l-istess awtorità tal-awditjar bħal dik għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. L-indipendenza tagħha mill-korp ta' koordinazzjoni u l-istituzzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti se tiġi żgurata. Għalhekk, il-prinċipju tas-

segregazzjoni tad-dmirijiet se jiġi rrispettat. Is-sistema ta' kontroll intern tidher li hija robusta. Il-pjan jippreżenta struttura definita sew tas-sistema ta' kontroll intern. Dan japplika b'mod partikolari għall-ġbir u l-verifika ta' *data* dwar il-kisba ta' stadji importanti u miri. Il-pjan jispeċifika s-sorsi tal-informazzjoni rilevanti u l-mezz ta' trażmissjoni li l-PPCD se tuża biex tiġborhom. Jistipula wkoll li l-unità tal-RRP tal-PPCD se tivverifikahom.

*Adegwatezza tas-sistemi ta' kontroll u arranġamenti rilevanti oħra*

**Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll stabbilita tidher xierqa u l-atturi rilevanti huma identifikati fil-livelli kollha.** Il-livell ta' informazzjoni mhuwiex biżżejjed biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-adegwatezza tal-verifiki ta' ġestjoni li għandhom jitwettqu mill-istituzzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti fil-livell tal-komponenti. Madankollu, fil-livell tal-pjan, il-verifiki tal-ġestjoni se jikkonsistu kemm minn: (i) verifiki amministrattivi / ta' dokumenti fir-rigward ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji; u (ii) verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet biex jiġi vverifikat jekk intlaħqux l-istadji importanti u l-miri, u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-benefiċjarju rigward l-implimentazzjoni materjali u finanzjarja. L-interventi kollha se jkunu soġġetti għal mill-inqas verifika waħda fuq il-post matul il-ħajja tagħhom. Fil-każ fejn azzjoni tkun tinvolvi wisq benefiċjarji, tiġi applikata metodoloġija ta' kampjunar. Barra minn hekk, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-pjan u qabel l-ewwel talba interim għal pagament, Malta se twettaq valutazzjoni tar-riskju u se tistabbilixxi reġistru tar-riskju marbut mal-pjan. Dan se jsaħħaħ is-sistema ta' kontroll intern billi jistabbilixxi l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa biex jiġu indirizzati l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' każijiet ta' kunflitt ta' interess, korruzzjoni, frodi u finanzjament doppju. Il-PPCD se tiżgura wkoll li l-pjan jiġi implimentat f'konformità mal-liġi rilevanti tal-UE u nazzjonali, inkluż l-evitar tal-irregolaritajiet serji msemmija hawn fuq. Il-PPCD se tuża lista ta' kontroll biex tivvaluta l-konformità mal-liġi tal-UE u dik nazzjonali, tidentifika kwalunkwe nuqqas u tidentifika kwalunkwe senjalazzjoni ta' allarm li tindika s-suspett ta' irregolaritajiet serji. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-qafas istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija mistennija li tissaħħaħ permezz tal-implimentazzjoni tal-elementi tal-bini tal-kapaċità tal-istrateġija nazzjonali kontra l-frodi u l-korruzzjoni, li ġiet adottata reċentement (aktar dettalji huma pprovduti fl-analiżi dwar il-Komponent 6).

**It-tieni livell tas-sistema ta' kontroll huwa fdat lil korp indipendenti tal-awditjar li jaġixxi b'awtonomija u indipendenza sħiħa mill-korpi responsabbli għall-ġestjoni tal-azzjonijiet u l-operazzjonijiet koperti minn kull komponent**. Il-pjan jipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-approċċ tal-awditjar. Il-kontrolli tal-awditjar se jiffukaw kemm fuq l-awditi tas-sistema kif ukoll fuq l-awditi tal-operazzjonijiet. Malta timpenja ruħha fil-pjan li tiffinalizza l-ewwel strateġija tal-awditjar fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-ewwel awditu tas-sistema se jitwettaq qabel l-ewwel talba għal pagament u se jkopri l-korp ewlieni ta' koordinazzjoni (PPCD), ir-rekords miżmuma, ir-reġistru tar-riskju stabbilit mill-PPCD u s-sistema tal-IT użata għall-ġestjoni u l-kontroll. Fir-rigward tal-awditi tal-operazzjonijiet, l-awtorità tal-awditjar se twettaq awditi fuq bażi ta' kampjun xieraq.

**Il-pjan jindika li s-sistema tal-IT (sistema MIS) li tappoġġa l-funzjoni ta' kontroll u monitoraġġ diġà hija operattiva biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjan**. L-istess sistema

se tintuża għall-ġbir u l-ħażna ta' *data* dwar il-benefiċjarji finali skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament. Din is-sistema se tintuża wkoll għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Il-pjan jindika d-drittijiet ta' aċċess tal-korpi tal-UE għad-*data*, skont l-Artikolu 22(2)(e).

*L-adegwatezza tal-arranġamenti biex jiġi evitat il-finanzjament doppju tal-UE*

**L-awtoritajiet Maltin daħħlu fis-seħħ il-mekkaniżmi u l-għodod li ġejjin biex jindirizzaw il-finanzjament doppju**:

(i) linji ta' demarkazzjoni fl-istadju tal-ipprogrammar ta' programmi individwali kofinanzjati mill-UE;
(ii) analiżi *ex ante* fl-istadju tal-għażla tal-proġetti;
(iii) żewġ laqgħat kull sena ma' korpi responsabbli għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE;
(iv) l-użu ta' Arachne (l-għodda tal-estrazzjoni tad-*data* u tal-punteġġ tar-riskju li titpoġġa għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni) u s-sistema MIS (li tintuża wkoll għall-fondi strutturali);
(v) verifiki fuq il-post biex jiġi żgurat li l-benefiċjarju qed jipprovdi informazzjoni preċiża; kif ukoll
(vi) awtodikjarazzjoni mill-benefiċjarji dwar jekk kwalunkwe partita tan-nefqa appoġġata skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hijiex qed tiġi appoġġata wkoll minn sorsi oħra ta' finanzjament.

Il-korpi ta' implimentazzjoni għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma l-istess bħal dawk li jimplimentaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li jagħtu assigurazzjonijiet addizzjonali għall-kontroverifika tad-*data* u għall-evitar ta' finanzjament doppju. L-awtorità rilevanti tieħu wkoll approċċ tar-riskju tal-proġett li jiddetermina l-frekwenza tas-segwitu mill-awtorità responsabbli għall-monitoraġġ tal-proġett inkwistjoni. Barra minn hekk, il-benefiċjarji kollha għandhom jipprovdu, fuq bażi annwali, konferma li l-ebda fond ieħor ma ntalab jew ġie riċevut biex jiffinanzja l-istess operazzjoni(jiet) - jew parti mill-istess operazzjoni(jiet).

*L-għoti tas-setgħa legali u l-kapaċità amministrattiva tal-funzjoni ta' kontroll*

**Il-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE f'Malta huwa l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.** Bl-istess mod, l-awtorità tal-awditjar, l-IAID, hija dipartiment indipendenti, stabbilit b'att legali, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Malta tindika li, f'konformità mal-Kostituzzjoni, il-Prim Ministru jiddeċiedi kif jiġu allokati l-portafolli u għalhekk ma hija meħtieġa l-ebda setgħa legali oħra. Dawn l-awtoritajiet, għalhekk, huma legalment fdati bid-dmirijiet fil-kuntest tal-RRF kif deskritt fil-pjan.

**Fir-rigward tal-kapaċità amministrattiva tal-korp ta' koordinazzjoni PPCD, Malta pprovdiet informazzjoni dwar l-unità tal-RRF il-ġdida li għandha tiġi kkostitwita minn sitt uffiċjali,** u dwar żewġ pożizzjonijiet addizzjonali ġodda fl-unità orizzontali. Barra minn hekk, il-pjan jispeċifika li, fil-korp tal-awditjar, tliet membri tal-persunal se jkunu involuti fl-awditi tal-RRF. Il-pjan jipprevedi wkoll il-possibbiltà, jekk meħtieġ, li ċerti kompiti ta' awditjar tal-RRF jiġu esternalizzati lil awdituri esterni, simili għall-prattika taħt il-politika ta' koeżjoni.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

L-arranġamenti proposti minn Malta fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza biex tipprevjeni, tiskopri u tikkoreġi l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta tuża l-fondi pprovduti taħt il-Faċilità, inklużi l-arranġamenti mmirati biex tevita l-finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni, huma evalwati bħala adegwati. Dan ikun jiġġustifika il-klassifikazzjoni ta' A skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.10 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

### 4.11. Il-Koerenza

**Il-pjan Malti għall-irkupru u r-reżiljenza jibni fuq il-"Viżjoni ta' Żvilupp Sostenibbli għall-2050" ta' Malta u huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-implimentazzjoni tagħha.** Il-pjan jinkludi sett ta' riformi u investimenti konsistenti, koerenti u ta' appoġġ reċiproku li huma proporzjonali u proporzjonati mal-objettivi ġenerali ta' żvilupp fit-tul.

*Miżuri li jsaħħu lil xulxin*

**Kull komponent jinkludi riformi u investimenti li huma konsistenti u li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.** Ma ġie osservat l-ebda każ fejn il-miżuri proposti fi ħdan kwalunkwe komponent (kemm jekk riformi jew investimenti) jikkontradixxu jew jimminaw l-effettività ta' xulxin. Skont il-Komponent 1, ir-riformi biex jissaħħaħ il-qafas regolatorju u tiġi żgurata ġabra suffiċjenti ta' persunal imħejji tajjeb għas-settur tal-bini joħolqu l-kundizzjonijiet xierqa biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-investimenti ppjanati, bħar-rinnovazzjoni ta' għadd ta' binjiet tas-settur privat u pubbliku, l-iskejjel pubbliċi u l-isptarijiet. Skont il-Komponent 2, il-politiki li jippromwovu l-użu tat-trasport kollettiv u multimodali huma marbuta ma' investimenti ppjanati fix-xiri ta' karozzi tal-linja elettriċi u investiment ieħor għall-promozzjoni ta' modi alternattivi ta' trasport. Dawn jinkludu b'mod partikolari l-bini tas-sit il-ġdid għall-inżul ta' laneċ b'infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku, u li huwa moqdi minn karozzi tal-linja elettriċi. Ir-riformi rigward il-ġestjoni tal-mobbiltà tas-settur pubbliku joħolqu kundizzjonijiet li jippermettu l-investiment fl-elettrifikazzjoni tal-flotta tal-vetturi pubbliċi. Ir-riformi taħt il-Komponent 3 biex jissaħħaħ il-qafas regolatorju nazzjonali huma kkumplimentati minn investimenti biex isostnu l-proċess ta' diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi u biex isaħħu l-inizjattivi relatati mad-diġitalizzazzjoni tas-settur privat. Skont il-Komponent 4, riforma waħda hija maħsuba biex tindirizza kwalunkwe lakuna regolatorja u ostaklu għall-isfruttament sħiħ taċ-Ċentru l-ġdid tad-Demm, it-Tessuti u ċ-Ċelloli. Riformi addizzjonali inklużi taħt il-Komponent 5 biex jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, biex jiġu diversifikati l-opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-adulti kollha u biex tittejjeb l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali huma kkumplimentati mill-investiment fiċ-Ċentru l-ġdid tal-Eċċellenza tal-Edukazzjoni Vokazzjonali (il-kampus tal-ITS). Dawn l-eżempji juru l-koerenza u l-komplementarjetà bejn ir-riformi u l-investimenti inklużi f'kull komponent.

*Kumplimentarjetà tal-miżuri*

**It-taħriġ fil-ħiliet u t-titjib tal-ħiliet huma previsti taħt diversi komponenti, li jsaħħu u jikkomplementaw lil xulxin**. Ir-riformi u l-investimenti fit-titjib tal-ħiliet stabbiliti fil-Komponent 5 huma kkumplimentati minn riformi addizzjonali taħt komponenti oħra. Skont il-Komponent 1, dan jirrigwarda l-implimentazzjoni ta' kard tal-ħiliet obbligatorja għat-taħriġ fir-rinnovazzjonijiet tal-enerġija. Taħt il-Komponent 4, dan huwa relatat mal-ippjanar ta' analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, aġġornament tal-bażi tad-*data* ċentrali tar-riżorsi umani, u l-iżvilupp ta' għodda għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa. Taħt il-Komponent 6, dan huwa relatat mat-taħriġ u l-bini tal-kapaċità għall-uffiċjali fl-awtoritajiet nazzjonali li jiġġieldu l-frodi u l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus, u tal-partijiet involuti fir-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment li għadhom kif ġew proposti, inkluż il-persunal tal-amministrazzjoni tat-taxxa, il-prattikanti privati tat-taxxa u r-rappreżentanti tal-kumpaniji. Barra minn hekk, il-miżuri taħt il-Komponent 5 għall-akkwistl-ħiliet u t-titjib tal-ħiliet ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet huma mistennija li jiġu ffaċilitati bl-implimentazzjoni effettiva skont il-Komponent 3 tar-riforma biex jitnaqqas id-distakk diġitali u jiżdied il-grupp ta' speċjalisti tal-ICT.

**Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, is-saħħa u l-ġustizzja jikkomplementaw lil xulxin fit-titjib tal-aċċessibbiltà u l-kwalità ta' diversi servizzi pubbliċi għall-individwi u n-negozji.** It-tħaffif tat-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika taħt il-Komponent 3 huwa mistenni li jikkomplementa d-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja taħt il-Komponent 6 fit-titjib tal-effiċjenza tas-settur pubbliku u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-konformità u l-aċċessibbiltà għall-individwi u n-negozji. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa taħt il-Komponent 4 issegwi l-istess objettiv permezz ta' bidliet fil-proċess ta' involviment tal-outpatients u tal-konsumatur.

**Il-Komponent 1 u l-Komponent 2 jaġixxu flimkien biex jiżguraw iċ-ċirkolarità ekonomika u n-newtralità klimatika.** Ir-riformi u l-investimenti fis-settur tal-bini u tal-iskart taħt il-Komponent 1 huma msaħħa b'miżuri taħt il-Komponent 2 għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Taħt il-Komponent 1, ir-riformi biex jissaħħaħ il-qafas regolatorju u biex jiġi żgurat grupp suffiċjenti ta' persunal imħejji tajjeb għas-settur tal-bini huma akkumpanjati mill-implimentazzjoni ta' investimenti ppjanati fir-rinnovazzjoni tal-bini. Taħt il-Komponent 2, huma previsti diversi politiki ta' riforma biex jippromwovu l-użu tat-trasport kollettiv u multimodali. Dawn jinkludu investimenti ppjanati fix-xiri ta' karozzi tal-linja elettriċi u investiment ieħor għall-promozzjoni ta' modi alternattivi ta' trasport, b'mod partikolari l-bini tas-sit il-ġdid ta' nżul ta' laneċ b'infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku, u li għandu jiġi servut minn karozzi tal-linja elettriċi. Dawn ir-riformi u l-investimenti flimkien huma mistennija li jrawmu l-ekonomija ċirkolari u n-newtralità klimatika.

**Riformi importanti jindirizzaw l-ostakli istituzzjonali eżistenti biex jittejjeb il-qafas ta' governanza ġenerali.** Hemm riformi li għandhom l-għan li jtejbu s-sistema ġudizzjarja, li jsaħħu l-qafas kontra l-korruzzjoni u li jindirizzaw kwistjonijiet ta' ħasil tal-flus u ta' tassazzjoni taħt il-Komponent 6. Miżuri biex tiġi rimedjata l-frammentazzjoni tal-qafas istituzzjonali fis-settur tal-bini u tas-sistema tal-ġbir tal-iskart huma inklużi taħt il-Komponent 1. Bl-istess mod, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-Reġjun tal-Belt Valletta, taħt

il-Komponent 2, għandhom jgħinu l-kooperazzjoni f'oqsma ta' politika differenti, f'livelli differenti ta' gvern, u ma' residenti lokali u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra. Il-Komponent 3 għandu l-għan li jsaħħaħ il-qafas ta' politika nazzjonali għat-tranżizzjoni diġitali, filwaqt li l-Komponent 5 jipprevedi l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni. B'mod ġenerali, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jtejjeb il-qafas ta' governanza u joħloq il-bażi għal tfassil ta' politika aktar trasparenti u effettiv li se jwassal għal, fost affarijiet oħra, titjib fil-kompetittività u l-innovazzjoni.

**Il-pjan ma jippreżentax inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet bejn il-komponenti differenti. Jippreżenta approċċ ibbilanċjat bejn ir-riformi u l-investiment.** Ingħatat l-attenzjoni dovuta biex jiġi żgurat li l-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti jkunu allinjati biex jiġi żgurat it-twettiq b'suċċess tal-miżuri.

Sabiex tiġi promossa koerenza usa' bejn l-istrumenti, b'mod partikolari mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, hija mħeġġa allokazzjoni territorjali bbilanċjata tar-riżorsi.

*Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament RRF*

Filwaqt li jqis il-valutazzjoni kwalitattiva tal-komponenti kollha tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta, il-piż individwali tagħhom (l-importanza, ir-rilevanza, l-allokazzjoni finanzjarja) u l-interazzjonijiet tagħhom, il-pjan fih miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti pubbliċi li, sa ċertu punt, jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti. Dan ikun jiġġustifika il-klassifikazzjoni ta' A skont il-kriterju ta' valutazzjoni 2.11 tal-Anness V tar-Regolament RRF.

**ANNESS**

***Tabella 8: Tabella dwar il-Klima u t-Tikkettar Diġitali[33]***

| ID tal-Miżura / tas-Sottomiżura | Isem il-Miżura / Sottomiżura | Baġit (EUR m) | Klima | | Diġitali | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. |
| C1.I.1 (a) | Investiment fir-rinnovazzjoni u t-tħaddir fil-bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż modifiki retroattiva, permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi - sottomiżura pubblika EE | 9,6 | 026bis | 100 % | | |
| C1.I.1 (b) | Investiment fir-rinnovazzjoni u t-tħaddir fil-bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż modifiki retroattivi permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi - sottomiżura tas-settur privat EE | 19,3 | 024ter | 100 % | | |
| C1.I.1 (c) | Investiment fir-rinnovazzjoni u t-tħaddir fil-bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż modifiki retroattivi permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi - sottomiżura RES | 1,1 | 029 | 100 % | | |
| C1.I.2 | Investiment fir-rinnovazzjoni u l-modifiki retroattivi tal-isptarijiet pubbliċi | 20 | 026bis | 100 % | | |
| C1.I.3 (a) | Investiment fir-rinnovazzjoni, modifiki retroattivi u enerġija rinnovabbli fl-iskejjel pubbliċi - sottomiżura EE | 9,6 | 026bis | 100 % | | |

[33] Filwaqt li l-kost totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jaqbeż l-allokazzjoni totali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli lil Malta, Malta se tiżgura li l-infiq kollu relatat mal-investimenti msemmija f'din it-tabella bħala li jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi u diġitali jiġi ffinanzjat bis-sħiħ mill-fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

| ID tal-Miżura / tas-Sottomiżura | Isem il-Miżura / Sottomiżura | Baġit (EUR m) | Klima | | Diġitali | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. |
| C1.I.3 (b) | Investiment fir-rinnovazzjoni, modifiki retroattivi u enerġija rinnovabbli fl-iskejjel pubbliċi - sottomiżura RES | 0,4 | 029 | 100 % | | |
| C1.I.4 (a) | Investiment fil-bini ta' proġett pilota ta' skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju biex iservi ta' mudell għall-futur u tipprovdi esperjenza ta' tagħlim valida għall-futur lill-istudenti - sottomiżura EE | 14,4 | 025ter | 40 % | | |
| C1.I.4 (b) | Investiment fil-bini ta' proġett pilota ta' skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju biex iservi ta' mudell għall-futur u tipprovdi esperjenza ta' tagħlim valida għall-futur lill-istudenti - sottomiżura RES | 0,5 | 029 | 100 % | | |
| C1.I.5 | Investimenti fl-enerġija rinnovabbli fit-toroq u fl-ispazji pubbliċi | 3 | 029 | 100 % | | |
| C2. I.1 (a) | Post ġdid ta' nżul tal-laneċ għall-promozzjoni ta' mezzi alternattivi ta' trasport f'Buġibba, il-Bajja ta' San Pawl - sottomiżura tal-infrastruttura tal-port | 15,9 | 081bis | 40 % | | |
| C2. I.1 (b) | Post ġdid ta' nżul tal-laneċ għall-promozzjoni ta' mezzi alternattivi ta' trasport f'Buġibba, il-Bajja ta' San Pawl - sottomiżura għall-infrastruttura tal-fjuwil alternattiv | 0,2 | 077 | 100 % | | |

| ID tal-Miżura / tas-Sottomiżura | Isem il-Miżura / Sottomiżura | Baġit (EUR m) | Klima | | Diġitali | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. |
| C2.I.2 | It-tisħiħ tal-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat | 50,3 | Mhux applikabbli [34] | 100 % | | |
| C2.I.3 | Id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-settur pubbliku | 10 | Mhux applikabbli [35] | 100 % | | |
| C2.I.4 | Sostituzzjoni parzjali tal-flotta tat-trasport pubbliku | 34 | 074 | 100 % | | |
| C3.I.1 (a) | It-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tal-qafas diġitali tal-gvern u l-investiment f'soluzzjonijiet, apparati u għodod diġitali xierqa li jippermettu lill-Gvern jipprovdi azzjoni proattiva, servizzi siguri u operazzjonijiet simplifikati għaċ-ċittadini u s-settur tan-negozju - sottomiżura tal- | 14,1 | | | 011 | 100 % |

[34] Il-"Metodoloġija għat-trekkjar klimatiku" annessa mar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma tistabbilixxix oqsma ta' intervent li jippermettu t-trekkjar klimatiku jew ambjentali ta' vetturi elettriċi jew vetturi ibridi rikarikabbli, ħlief għal vetturi għat-trasport urban li jaqgħu taħt il-qasam ta' intervent 074. Skont l-Artikolu 18(4)(e) tar-Regolament, il-metodoloġija għandha madankollu "tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament lil qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VI". F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni applikat koeffiċjent ta' kontribuzzjoni għall-klima ta' 100 % għall-vetturi mingħajr emissjonijiet fil-kategoriji kollha (dan jinkludi vetturi li jaħdmu bil-batterija, bl-elettriku u biċ-ċelloli tal-fjuwil/li jaħdmu bl-idroġenu); Koeffiċjent ta' kontribuzzjoni għall-klima ta' 40 % għal vetturi ħfief ibridi rikarikabbli; U, f'konformità mal-kriterji skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, koeffiċjent klimatiku ta' 100 % għall-vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi.

[35] Il-"Metodoloġija għat-trekkjar klimatiku" annessa mar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma tistabbilixxix oqsma ta' intervent li jippermettu t-trekkjar klimatiku jew ambjentali ta' vetturi elettriċi jew vetturi ibridi rikarikabbli, ħlief għal vetturi għat-trasport urban li jaqgħu taħt il-qasam ta' intervent 074. Skont l-Artikolu 18(4)(e) tar-Regolament, il-metodoloġija għandha madankollu "tintuża kif xieraq għal miżuri li ma jistgħux jiġu assenjati direttament lil qasam ta' intervent elenkat fl-Anness VI". F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni applikat koeffiċjent ta' kontribuzzjoni għall-klima ta' 100 % għal vetturi mingħajr emissjonijiet tal-kategoriji kollha (dan jinkludi vetturi elettriċi tal-batterija u vetturi li jaħdmu b'ċelloli tal-fjuwil/idroġenu); Koeffiċjent ta' kontribuzzjoni għall-klima ta' 40 % għal vetturi ħfief ibridi rikarikabbli; U, f'konformità mal-kriterji skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, koeffiċjent klimatiku ta' 100 % għall-vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi.

| ID tal-Miżura / tas-Sottomiżura | Isem il-Miżura / Sottomiżura | Baġit (EUR m) | Klima | | Diġitali | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. |
| | kostijiet kapitali | | | | | |
| C3.I.1 (b) | It-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tal-qafas diġitali tal-gvern u l-investiment f'soluzzjonijiet, apparati u għodod diġitali xierqa li jippermettu lill-Gvern jipprovdi azzjoni proattiva, servizzi siguri u operazzjonijiet simplifikati għaċ-ċittadini u s-settur tan-negozju - sottomiżura ta' taħriġ | 2,6 | | | 108 | 100 % |
| C3.I.2 | Id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tat-Tbaħħir Merkantili fi ħdan Transport Malta, biex b'hekk jiġi pprovdut servizz regolatorju aktar effiċjenti għall-operaturi | 5,9 | | | 084 | 100 % |
| C3.I.3 | Aktar diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi servizzi pubbliċi u intrafaċċati, permezz ta' diversi soluzzjonijiet biex titjieb l-esperjenza tal-klijenti avvanzati, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-*data*, id-desktops virtwali, il-proċessi ta' trasferiment ta' proprjetà, il-punt uniku ta' servizz Nazzjonali għad-dwana u l-għodod diġitali għal soluzzjonijiet ta' telexogħol | 17,7 | | | 011 | 100 % |
| C3.I.4 | L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat | 15 | | | 010 | 100 % |

| ID tal-Miżura / tas-Sottomiżura | Isem il-Miżura / Sottomiżura | Baġit (EUR m) | Klima | | Diġitali | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. | Qasam tal-Int. | % tal-Koeff. |
| C.4.I.2 | It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda | 15,5 | | | 095 | 100 % |
| C6.I.1 | Id-diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja | 10 | | | 011quater | 100 % |

*Qasam tal-Int.= qasam ta' intervent*
*Koeff. = Koefficjent għall-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi tat-tibdil fil-klima u għat-tranżizzjoni diġitali, abbażi tal-Anness VI u l-Anness VII tar-Regolament RRF*.